

# LUMINARIA

Ġunju '21 nru. 135









Dehra ġenerali tal-pjazza u t-toroq prinċipali tan-Nadur kif soltu jkunu mżejna għall-jiem tal-festa ad unur il-patruni San Pietru u San Pawl f'Ġunju ta' kull sena.














# LUMINARIA - Werrej


Messaġġ mill-Arċipriet ........ 2
Kronaka tal-Parroċċa ........ 3
Nifirħu lill- ........ 7
Paġna M.U.S.E.U.M. Bniet ........ 8
Paġna M.U.S.E.U.M. Subien ........ 10
Apprezzament - Dun Ġużepp Rapa ........ 11
Miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ ........ 12
Il-Kor fin-Nadur - 50 sena ........ 14
Nadur Youngsters ........ 16
Apprezzament - Suor Maria Angela Camilleri ........ 18
Nadurin li għalqu l-100 sena ........ 19
Mir-reġistri Parrokkjali ........ 20
Leħen il-Banda Mnarja ........ 22
San Pietru u San Pawl - Mixja ta' Fidi ........ 25
Paninġierku tal-Festa 2020 ........ 26
San Ġużepp "Patris Corde" b'qalb ta' missier ........ 30
L-Anzjani u l-Pandemija ........ 32
Il-Pitturi Marouflage ġewwa l-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur u r-Restawr tagħhom ........ 33
L-ewwel Fotografa mara - Carmela Buhagiar ........ 36
In-Nadur fil-Letteratura Nazzjonali Maltija (IV) ........ 38
Baħrin Nadurin li avvanzaw fl-istudji tagħhom fil-qasam marittimu (XI) ........ 44
L-Arċ. Kan. Martin Camilleri - 100 sena minn mewtu ........ 48
Xi logħob ta' dari tat-tfal u x-xjenza ta' warajh (V) ........ 52
Xita fin-Nadur ........ 58



## BORD EDITORJALI

Ħarġa Nru. 135 Ġunju 2021 • Is-Sebgħa u Tletin Sena

- Rivista maħruġa mill-Parroċċa San Pietru u San Pawl, Nadur
- Ippubblikata mill-Bord Editorjali magħmul minn: L-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri, Miriam Muscat - Editur, Joseph Muscat, Mary Ann Pace, Maria Camilleri
- Qari tal-Provi: Miriam Muscat, Maria Attard, Noemi Portelli, Mary Grace Mercieca
- Ritratti ta': Martin Attard, Monica Grima, Mario Muscat, Alessio Sultana, Anthony Cassar
- Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-korrispondenti tal-artikli li jiġu ppubblikati mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali
- Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Bord Editorjali, 'LUMINARIA', Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza 28 ta' April 1688, Nadur NDR 1033, Għawdex. Tel: **2155 1649**
- Disinn u *layout* ta' Maria Camilleri
- Stampata bl-*Offset*, "Portelli Print" Nadur. Tel: 2155 8232
- **www.nadurparish.com**


Il-Bord Editorjali jixtieq jawgura

*l-Festa t-Tajba*

**Qoxra ta' quddiem:** Kwadru li jinsab fis-sagristija tal-Bażilka Arċipretali tan-Nadur li juri lill-Arċipriet il-Kanonku Martin Camilleri. Din is-sena l-paroċċa qed tfakkar l-ewwel ċentinarju minn mewtu. **Ritratt: Martin Attard**

**Qoxra ta' wara:** Proġett li l-Arċipriet Camilleri beda iżda ma kellux xorti jara mitmum huwa dak tal-akkwist tal-urna fejn fiha jintrefgħu katina u relikwi mill-kolonni tal-martirju ta' San Pawl u San Pawl li huwa kien ġan minn Ruma. L-urna li huwa kien ordna waslet minn Bolzano proprju f'jum mewtu, it-8 ta' Settembru, 1921. **Ritratt: Martin Attard**

MESSAĠĠ TAL-ARĊIPRIET

# X'ĠEJ WARA L-COVID?
# *JEW AĦJAR X'SE NAGĦMEL JIEN WARA L-COVID-19?*

Ħafna ħassieba, ekonomisti, politiċi u nies tal-Knisja, bħall-Papa Franġisku, qed itambru li l-pandemija tal-COVID-19 ġabitna *in se* li mhux kollox kien ward u żahar fid-dinja u li hemm bżonn nifhmu li qegħdin f'*turning point*.

Wara l-COVID, jew m'aħniex se nitħarrku mir-rutina li kellna qabel jew nieħdu l-opportunità biex ngħixu l-futur mod ieħor. S'issa ħafna kienu jagħtu importanza lin-nies li jaqilgħu ħafna li jimmanipulaw 'il fqir biex jiffangaw f'li jiksbu. Anke l-istess dinja tal-isports kienet qed tintuża biex toħloq idoli ta' plejers b'pagi miljunarji li ħalliet lil sportivi oħrajn fil-marġini, għax l-isports sar negozju.

Il-COVID-19 urietna li fil-fatt il-persuni l-iktar importanti u li jiswew huma dawk li talludi għalihom il-qaddisa Lhudija Edith Stein, li mietet fil-kamp tal-konċentrament ta' Auschwitz fl-1943: "*Certainly the most decisive turning points in world history are substantially co-determined by souls whom no history book ever mentions*". Inkunu għamilna konverżjoni tal-qalb jekk u meta l-istorja tal-COVID niftakruha bħala paġna glorjuża għax eluf ta' nies - xjentisti, tobba, nurses, drivers, u oħrajn, - taw ħajjithom u ħadmu bla waqfien, f'ħafna pajjiżi b'pagi tal-miżerja, biex isalvaw il-ħajjiet ta' bnedmin bħalhom.

Il-Papa Franġisku, f'għeluq il-ktieb tiegħu "*Let us Dream*", jgħidilna hekk: "Ħalli lil min jiġbdek 'il quddiem, ħalli lil min jagħtik dehxa u jiċċalenġjak. Forsi tkun xi ħaġa li taqra, forsi grupp ta' nies li rajthom fuq l-aħbarijiet jew rajt x'jagħmlu nies qrib fejn toqgħod int, li l-istorja tagħhom timpressjonak. Forsi tħossok imsejjaħ wara li żżur dar tal-anzjani jew post għar-refuġjati jew tara proġetti ta' riġenerazzjoni u tħossok imsejjaħ biex inti wkoll tagħmel xi ħaġa għall-oħrajn. Forsi Alla jlaqqgħek ma' xi persuni fejn id-dar tiegħek li għandhom bżonnok. Xħin inti tħoss ix-xi ħaġa fik biex tagħmel xi ħaġa malajr, ieqaf u itlob. Aqra l-Vanġeli jew tista' wkoll toħloq spazju f'qalbek biex tisma'.

Imbagħad agħmel dak li għandek tagħmel. Offri ruħek, mur żur, offri s-'servizz tiegħek' (p. 137). Iva, fil-post-COVID, irridu ngħidu li għalkemm ma nafux eżatt x'se nagħmlu, irridu nkunu deċiżi li nagħtu s-sehem tagħna.

Fil-post-COVID aħna rridu nagħmlu parti minn dinja li taħseb mod ieħor, minn Knisja li tkun mehdija f'dak li hu ġust, sewwa u li jogħġob lil Alla. Dak Alla li dejjem għoġbu l-emarġinat u l-periferiku. San Pietru u San Pawl għażlu li joħorġu fil-baħar imqalleb bħala missjunarji kuraġġużi.

Il-FESTA T-TAJBA!

L-Arċipriet



Mary Ann Pace

# KRONAKA TAL-PARROĊĊA

NOVEMBRU 2020 – MEJJU 2021

## NOVEMBRU JKOMPLI

### Mużajċi Ġodda

Fil-25 ta' Novembru fit-tmiem ta' quddiesa ċċelebrata fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina, sar it-tberik ta' 10 mużajċi ġodda lkoll mnebbħin mill-arti sagra li nsibu fil-katakombi ta' Ruma. Dawn il-mużajċi nħadmu minn Maria Portelli u twaħħlu fid-daħla għaċ-ċimiteru tal-Ħniena Divina.

### L-Ewwel Kardinal Għawdxi

Bħala komunità nifirħu lill-Isqof Mario Grech li nhar it-28 ta' Novembru 2020 inħatar Kardinal. Dan huwa l-ewwel kardinal Għawdxi u t-tielet Kardinal Malti. Il-Mulej ibierek u jseddaq il-ħidma tiegħu spalla ma' spalla mal-Papa Franġisku għall-ġid ta' kulħadd.





# DIĊEMBRU

## Kollezzjoni ta' Kartolini Postali



Il-parroċċa ppubblikat l-ewwel kartolina postali marbuta mal-patrimonju u l-istorja tagħha. Din l-ewwel kartolina turi wieħed mill-Bambini tal-Milied li hu maħdum fl-injam u li hu kkonservat fil-parroċċa tagħna. Din il-kartolina tagħmel parti minn kollezzjoni li ġġib l-isem "Mill-Patrimonju Naduri'' u li l-pubblikazzjonijiet tagħhom se jissoktaw matul is-sena 2021 fix-xhur ta' Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru. Se jkun ippubblikat ukoll album sabiex din il-kollezzjoni tkun tista' tiġi ppreservata fih.

## Ma' Alla fil-Ġnien

Dan hu t-titlu ta' ktejjeb li nkiteb mill-arċipriet Jimmy Xerri u ġie ddisinjat mill-artista grafika Maria Camilleri. Hu ta' interess għal kull min jaħdem fl-għelieqi u kull min jixtieq jinqeda bin-natura biex ifaħħar lil Alla. Il-qligħ mill-bejgħ tal-ktejjeb se jmur għaċ-Ċentru Pastorali.

## Milied 2020

## Novena tal-Milied bejn il-15 u t-23 ta' Diċembru.




It-tema ta' din is-sena kienet iddur madwar ir-Rigali. Ġew esplorati diversi aspetti tar-rigali fosthom li kull bniedem hu nnifsu rigal, il-familja bħala rigal importanti, in-nies li jħobbu jgħinu huma rigal, il-Kelma ta' Alla hi rigal kbir għalina lkoll, u li l-Ħolqien kollu hu rigal. F'jiem oħra kienu mfissra r-rigali li ġabu l-maġi, u r-rigali tal-fejqan u fl-aħħar u mhux l-inqas l-akbar rigal - It-Twelid ta' Sidna Ġesu Kristu.



F'Lejlet il-Milied fil 11.30 pm bdiet il-Quddiesa ta' Nofsillejl bil-kant tal-Matutin. Filwaqt li nhar il-Milied ittella' Kunċert tal-Milied virtwali fuq mnarjalive.com mis-Soċjetà tal-Museum. Dan sar minflok il-programm li soltu jittella' fil-knisja u kien jinkludi kant, poeżiji, play qasira u l-prietka tat-tifel.

# JANNAR




Fl-okkażjoni tal-kwaranturi nfetħet wirja fil-Knisja dwar xi Mirakli Ewkaristiċi u informazzjoni dwarhom kif ippreżentati mill-Beatu l-ġdid Carlo Acutis, żagħżugħ li miet fl-2006 meta kellu biss 15-il sena. Carlo kellu mħabba u fidi kbira u speċjali lejn l-Ewkaristija.

# FRAR

Nhar l-Erbgħa 3 ta' Frar festa liturġika ta' San Blas sar ħsieb fuq il-qaddis fil-quddiesa tas-6.30pm fil-knisja parrokkjali. Din saret minflok iċ-ċelebrazzjoni li soltu ssir fil-beraħ fl-akwati ta' San Blas. Din is-sena minħabba l-pandemija li għaddejjin minnha l-festa li soltu tiġi organizzata wkoll mill-komunità ta' San Blas ma saritx.

Nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar fil-quddies kollu saret il-funzjoni tal-Irmied u l-aħħar quddiesa ta' filgħaxija kienet bis-sehem tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Minħabba restrizzjonijiet marbuta mal-COVID 19 il-purċissjonijiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa ma sarux. Minħabba restrizzjonijiet tal-ispazju fil-knisja parrokkjali ġie deċiż li jkunu esposti ż-żewġ statwi li jirrappreżentaw il-kroċefissjoni u d-duluri ta' Sidtna Marija.

## MARZU

Ġiet ippubblikata t-tieni kartolina mis-sensiela “Mill-Patrimonju Naduri”. Fl-okkażjoni tas-Sena Ġużeppina, din il-kartolina turi l-abbozz tal-istatwa ta’ San Ġużepp li tinsab fil-kollezzjoni tal-parroċċa tagħna. Il-kartolina tista’ tinkiseb għall-prezz ta’ €2.



### Kappella ta’ Santa Tereża ta’ Kalkutta



Dan l-aħħar sar xogħol ta' tisbieħ fil-faċċata tal-kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta. Il-kappella issa fiha kampnar żgħir u disinn ikħal li jfakkar fil-kulur tas-sari li jilbsu s-sorijiet ta' mother Theresa. Nirringrazzjaw lill-perit Edward Scerri għad-disinn li għamlilna għall-kampnar. Hemm il-ħsieb li 'l quddiem titpoġġa qanpiena żgħira.

## APRIL

### Ġimgha l-Kbira



Nhar il-għodwa tal-Ġimgħa 2 ta' April, 2021 wieħed setgħa jisma’ ħoss mhux tas-soltu jidwi fin-Nadur. Dan kien il-ħoss partikulari taċ-ċuqlajta. Din indaqqet fl-okkażjoni tal -Ġimgha l-Kbira wara ħafna snin siekta. L-aħħar li kienet indaqqet kien proprju fis-snin 80. Ta’ min jgħid ukoll li l-funzjonijiet kollha marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa saru kollha bil-knisja magħluqa u xxandru fuq il-mezzi soċjali peress li min-nofs ix-xahar ta’ Marzu l-knejjes reġgħu kienu magħluqa minħabba l-pandemija.

### Restawr tal-Irxoxt




Sar xogħol ta’ restawr fuq l-istatwa tal-Irxoxt, billi ġiet miżbugħa mill-ġdid mill-awtur tagħha stess, l-istatwarju Michael Camilleri Cauchi u minn ibnu Adonai. L-istatwa ġiet indurata wkoll minn Mario Camilleri Cauchi li jiġu ħu l-awtur tal-opra u wliedu Ruben u Austin. Is-salib li kien hemm ġie sostitwit b’wieħed ġdid maħdum mill-ġewż, xogħol ta’ William Vella. Saret dekorazzjoni tas-salib il-ġdid bil-fidda, kif ukoll palma ġdida tal-fidda fuq disinn ta’ Adonai Camilleri Cauchi u mudell ta’ missieru Michael.

## Il-Knisja reġgħet fetħet

Mill-Ħadd 18 ta' April il-knisja reġgħet fetħet il-bieb tagħha għall-quddies u funzjonijiet oħra. Wara ħafna żmien magħluqa reġgħet fetħet ukoll il-prayer room ta' biswit il-Knisja u tkun miftuħa kuljum għal talb privat mill-4.00pm sat-8.00pm.

## MEJJU

### Mażri Ġodda

Nirringrazzjaw lil Carmel Bigeni li ħadem mażri ġodda għall-arloġġ mekkaniku tal-knisja. Il-mażri ta' qabel kienu jikkonsistu f'balal tal-ħadid u biċċiet tal-ġebel, imdendlin b'mod rudimentali.





### L-Ewwel Tqarbina

Nhar il-Ħadd 30 ta' Mejju madwar 28 tifel u tifla mill-parroċċa tagħna rċevew għall-ewwel darba lil Ġesù Ewkaristija. Dan hu jum speċjali ferm u nitolbu għal dawn iċ-ċkejknin sabiex jibqgħu jpoġġu lil Alla l-ewwel f'ħajjithom.

## Il-Kor tal-Parroċċa jagħlaq 50 sena

Din is-sena l-Kor Jubilate Deo jagħlaq 50 sena mit-twaqqif tiegħu fl-1971. Fil-kor il-ġdid kienu ġew integrati xi membri li kienu membri tal-Chorus Naduriensis li kien immexxi minn Salvina Buttigieg u li kellu l-bażi tiegħu fil-każin tal-Banda. Tul dawn is-snin kollha l-Kor tmexxa minn Mons. Martin Portelli, Mro. Johnny Galea, Mons. Ġużeppi Grech u issa qiegħed imexxih il-Mro. Antoine Theuma.

Matul dawn is-snin il-Kor ta sehem kbir biex ikollna Liturġija li tanima l-qlub u li tkun ta' tifħir lil Alla. Dan l-aħħar sar xogħol ta' manutensjoni u restawr fis-sala li tintuża mill-membri tal-kor u li fiha hemm ukoll l-arkivju tal-mużika sagra li għandha l-knisja. F'dan l-arkivju hemm miġbura l-mużika li Dun Martin stess kien ta b'donazzjoni lill-knisja u anke ħafna mużika li nkitbet minn persuni oħrajn qabel ma kien twaqqaf il-kor.



## NIRRINGRAZZJAW:

Lil Donny Zahra (Amerika); Raymond C. Xerri (Kanada) li qassmu l-ħarġa ta' Luminaria Nru. 134, Diċembru 2020.
Carmel Gatt għad-donazzjoni ta' €10



# Nifirħu lill-

Kanonku Teologu **Dun Ġużeppi Grech**
f'għeluq is-sittin sena **(60)**
mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu

18 ta' Marzu 1961
-
18 ta' Marzu 2021



Mons. Kanonku Onorarju **Dun Ġużeppi Cauchi**
f'għeluq il-ħamsin sena **(50)**
mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu

26 ta' Ġunju 1971
-
26 ta' Ġunju 2021.



Kappillan Kanonku Onorarju **Dun Brian Meilak**
f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena **(25)**
mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu

21 ta' Ġunju 1996
-
21 ta' Ġunju 2021.



## AD MULTOS ANNOS

## IT-TAGĦLIM LIT-TFAL U LILL-ADOLEXXENTI

Għall-grazzja ta' Alla, minkejja l-pandemija, bqajna nżommu kuntatt mat-tfal u mal-istudenti kemm fiżikament kif ukoll b'mod virtwali.

Skont l-istruzzjonijiet li tatna s-Soċjetà tal-MUSEUM bdilna t-timetable tad-duttrina u bdejna ngħallmu nofs siegħa kull ġimgħa lit-tfal ta' kull klassi kif għadna nagħmlu sal-lum.

Minn Jannar bdejna ngħallmu fis-sala tal-lokal il-ġdid fejn stajna nżommu l-miżuri tas-social distancing. Għalkemm it-tfal ma kinux jattendu kollha, però l-attendenza tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma kienet tkun dejjem sabiħa.

Imbagħad f'Marzu bdejna b'mod virtwali, għall-ewwel bdejna b'tal-Preċett u tal-Griżma u ġimgħa wara ftaħna online għall-klassijiet kollha. L-attendenza kienet aħjar għax ħafna ġenituri ppreferew li jdaħħlu lit-tfal online milli jibgħatuhom il-Qasam meta konna miftuħin. Għalkemm it-tagħlim virtwali mhux daqshekk faċli, però dan sewa' ta' ġid ukoll għall-ġenituri li ħafna drabi kienu jkunu preżenti ma' uliedhom għal-lezzjonijiet u għalhekk huma wkoll xi ftit jew wisq ibbenefikaw billi jisimgħu l-kelma ta' Alla.

Rigward l-istruttura tat-tagħlim, is-Soċjetà ħasbitilna għal-lezzjonijiet addattati li jkunu interessanti u rilassanti fl-istess ħin sabiex it-tfal joqogħdu aktar attenti u juru interess billi jipparteċipaw ukoll meta jdaħħluhom online il-ġenituri tagħhom. Kien ta' siwi kbir ukoll dak il-ktejjeb li qassam l-Arċipriet għall-kreżimandi "NOTI GĦAL DAWK LI SER JIRĊIEVU L-GRIŻMA" li l-katekista kienet tieħu ftit ħin mil-lezzjoni sabiex tirrevedih flimkien mal-kreżimandi. Dan il-ktejjeb konċiż hu veru addattat biex it-tfal jifhmu sewwa x'ifisser is-sagrament li ser jirċievu. Allura b'hekk ippreparajna kemm stajna lit-tfal sabiex jirċievu kemm is-sagrament tal-Griżma kif ukoll l-Ewwel Tqarbina. It-Tnejn, 17 ta' Mejju erġajna ftaħna l-qasam u dan kien ta' siwi kbir għax it-tfal kienu ħerqana sabiex jattendu fiżikament.




Nixtieq ninforma lill-ġenituri li t-tagħlim mhux ser jispiċċa wara li t-tfal jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma, imma aħna ser nibqgħu sejrin bit-tagħlim kemm nistgħu u sintendi dejjem inkunu nżommu l-miżuri neċessarji għall-ħarsien tas-saħħa.

Għalissa din hija s-sitwazzjoni preżenti u nisperaw li 'l quddiem l-affarijiet imorru għall-aħjar jekk is-Sinjur Alla jrid.

## IL-LOKAL IL-ĠDID




Għalkemm qed nużaw il-lokal il-ġdid għat-tagħlim, għadna ma għamilniex l-inawgurazzjoni uffiċjali minħabba l-pandemija. Nisperaw li din issir iktar 'l quddiem. Sadanittant ippruvajna nattrezzaw kemm nistgħu l-lokal bl-għamara bħalma huma s-siġġijiet, cupboards u skrivaniji. Dawn swewlna eluf ta' euro, imma l-Mulej qiegħed jipprovdi ftit ftit. Min jista' jgħinna finanzjarjament dejjem ikollu sehem mit-tagħlim li jkun qed isir fil-Qasam. Qed inżejnu wkoll il-klassijiet b'posters moderni mal-ħitan bi kwotazzjonijiet ta' San Ġorġ Preca.

## RINGRAZZJAMENTI

L-ewwel nett ħajr kbir imur lill-Projects Manager, il-Perit Edward Scerri, li rnexxielu joħroġ proġett hekk sabiħ u grandjuż u ta' dan jistħoqqlu tassew prosit. Kien verament jimmeritalu l-premju tal-Awtorità tal-Ippjanar ta' dan ix-xogħol hekk maestuż f'dan il-proġett. Lill-Perit dejjem sibnieh lest biex jagħtina kull għajnuna volontarja u għadu joffrihielna sal-lum. Nirringrazzjaw ukoll lil Baron Contracts

li ħadu ħsieb il-kostruzzjoni u r-restawr ta' din id-dar li ħallihielna b'wirt is-Soċju tal-MUSEUM Manuel Sultana.

Ringrazzjament tagħna jmur ukoll lill-Kunsill Lokali tan-Nadur li tawna s-somma ta' €2000 sabiex inħallsu ftit mis-siġġijiet tas-sala li swewlna €5000.

Irridu nuru wkoll l-apprezzament tagħna lil Martin Attard li sebbħilna l-klassijiet bil-posters li ħadem hu stess u li dejjem sibnieh lest biex jgħinna meta tlabnieh u għadu jagħmel hekk sal-lum.

Ħajr ukoll imur lil Dun Salv Pace li silifna l-elettriku sabiex il-ħaddiema setgħu jkomplu bix-xogħol.

Ma nistgħux inħallu barra lill-Arċipriet li dejjem kien lest li jgħinna anke finanzjarjament u lil dawk il-benefatturi kollha li għinuna u lil dawk li qed jagħtu d-donazzjoni tagħhom kull xahar, żgħira kemm hi żgħira, dejjem tweżinna xi ftit jew wisq fl-ispejjeż tagħna. Għalkemm il-post hu kważi lest, għadna nħallsu l-kontijiet.

It-talb tagħna għall-benefatturi kollha ma jonqos qatt. San Ġorġ Preca jinterċiedi għalikom mis-sema u l-Mulej iħallaskom kif jaf Hu.

Jalla ma ndumux ma nerġgħu naraw lit-tfal u lill-adolexxenti jiffrekwentaw il-Qasam mhux biss biex jieħdu pjaċir imma wkoll sabiex jieħdu formazzjoni nisranija.

Is-Superjura flimkien mal-membri kollha jawgurawlkom il-festa t-tajba u jixtiqulkom kull ġid, kemm dak spiritwali kif ukoll materjali.

*Il-paċi magħkom*

Carmel Mifsud
(Il-Pajpoj)

Għal xogħol ta' bini, taħmil, excavations, konkos, kiri ta' crane u kumpressur. Flats u Garaxxijiet għall-bejgħ

St Peter & St Paul Crt,
Triq Piju Cellini, Nadur.
Tel: 21562980 | Mob: 99422173



CHARLIE MUSCAT
(LAQXA) WOOD MASTER

TRIQ TAX-XEMMIEX,
NADUR, GOZO
TEL: 79558600

Anġlu
SNACK BAR TAKE AWAY

13th December Street,
Nadur Gozo
Tel. 27553765

Opening Hours:
10:00am - 2:00pm
5:00pm - onwards



Joe Camilleri

# *Pagna* M.U.S.E.U.M. SUBIEN

## IL-MUSEUM FIL-PANDEMIJA

Ġew xhur li kellna nagħlqu. Ma stajniex nagħmlu mod ieħor. Meta miftuħa nżommu mar-regoli li dejjem għamilna, temperatura, hand sanitiser, klassijiet bil-bibien u t-twieqi miftuħa, nimsħu s-siġġijiet u l-pumijiet bis-sanitiser eċċ. Issa la t-temp qed ikun kulma jmur aktar sajfi nibdew inlaqqgħu t-tfal ukoll fil-grawnd u fil-miftuħ.

Sal-Imnarja ma nistgħux nagħmlu logħob ta' kuntatt imma qed norganizzaw logħob ieħor fil-grawnd fejn it-tfal iżommu d-distanza minn xulxin. Għall-grazzja ta' Alla għandna numru li jattendu imma żgur li hemm oħrajn – mill-Primarja sa Year 11 tas-Sekondarja - li bi ftit aktar sforz u mbuttatura mill-ġenituri jattendu. Niftakru li ż-żmien itir u okkażjonijiet ta' tagħlim u formazzjoni li nitilfu llum ikunu għosfru għal dejjem.

## LOBISSAJF

Qed nippreparaw biex bħalma konna nagħmlu fis-sjuf l-imgħoddija anke din is-sena nagħmlu sajf mimli logħob għat-tfal. Il-ħsieb hu għall-klassijiet tal-primarja jkollna darbtejn fil-ġimgħa... nhar ta' Tnejn u Ħamis. Il-logħob għalihom jibda fis-6.15p.m. sal-ħin tal-lezzjoni li tibda fis-7.00pm. Għal tas-Sekondarja (Middle u Secondary School) ikollna erbat ijiem fil-ġimgħa – it-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa - il-lezzjoni tibda fis-7.00p.m. u l-logħob ikun mis-7.30pm. sat-8.15p.m. Għeżież ġenituri ħeġġu lil uliedkom jattendu bi ħġarhom. Faċli llum jinxteħtu jilagħbu fuq mobile jew computer u jħufu fuq l-internet u ma jmorru mkien. Imma dan la jkun ta' ġid għalihom fiżikament u anqas spiritwalment. Li filgħaxija jistgħu jattendu l-MUSEUM għandha tkun okkażjoni li ma tintilifx.

## ĠIMGĦA MUSEUMINA

Anki għal din is-sena ser ikollna ngħaddu mingħajr il-Ġimgħa Museumina. Kien ikun ilna nippreparaw għaliha sa mill-Għid ta' qabel. Nieħdu gost nippreparaw u ninvolvu kemm jista' jkun lil uliedkom. Fl-aħħar mill-aħħar dawn ikunu memorji li jibqgħu marbuta ma' tfulithom u żgħożithom. Imma minħabba l-miżuri mid-Dipartiment tas-Saħħa fejn ma jistgħux isiru avvenimenti tal-massa, din is-sena ser ikollna naqbżuha wkoll. Xtaqniekom tiġu għall-attivitajiet li s-soltu nagħmlu... Quddiesa, Jum sħiħ logħob għat-tfal, Laqgħa għall-ġenituri, Siegħa Adorazzjoni, il-Play fil-grawnd u Laqgħa għall-old boys. Xtaqniekom tiġu taraw ix-xogħol li sar fuq il-lift u l-kmamar ġodda ta' fuq il-bejt. Nittamaw li ma ndumux ma nerġgħu narawkom f'darna u f'darkom li hi tant għażiża għalikom.

## SAJF 2021

Għeżież ġenituri ejja ma naħlux dan iż-żmien ta' wliedna. Ejjew insibu ħin biex immorru l-baħar imma ma nħallux kollox imur il-baħar. L-esperjenza dejjem urietna li min jintelaq isibha diffiċli biex jerġa' jibda. Ejjew ninkoraġġixxu lil uliedna biex jattendu kemm jistgħu għall-formazzjoni u l-logħob li jsir fil-qasam tagħna. Aħna nżewqu s-Sajf tagħna b'bosta attivitajiet differenti li navżawkom bihom permezz tal-facebook tal-qasam. Iktar ma naraw lil uliedkom aħjar, ikunu f'ambjent li intom tafuh u żgur li jsirilhom il-ġid.



Wahda mill-kmamar li nbnew fuq il-bejt li ser isservi ta' recording studios u media room.



Il-grawnd li reġa' beda jiġi ffrekwentat mit-tfal u adolexxenti waqt li jinżammu l-prekawzjonijiet skont il-miżuri tal-Awtoritajiet tas-Saħħa

# DUN ĠUŻEPP RAPA

APPREZZAMENT

22 | 09 | 1937 - 05 | 06 | 2021

Twieled fit-22 ta' Settembru 1937 u ġie mgħammed fis-26 tal-istess xahar fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur, Għawdex. Huwa studja fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fir-Rabat, Għawdex. Wara li kompla l-istudji sekondarji, huwa kompla l-istudji fis-Seminarju Maġġuri għas-Saċerdozju. Fit-23 ta' Settembru 1961 huwa rċieva s-Suddjakonat u fit-23 ta' Diċembru 1961 irċieva l-ordni tad-Djakonat. Flimkien ma' sitt sħabu oħra huwa rċieva l-Ordinazzjoni Sagra tal-Presbiterat fis-7 ta' April 1962 fil-Katidral ta' Għawdex, mill-Isqof Ġużepp Pace.



Dun Ġużepp iċċelebra l-ewwel quddiesa Solenni tiegħu fil-Knisja Arċipretali tan-Nadur nhar l-10 ta' Lulju 1962. Wara l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu huwa beda jgħallem l-lingwa Latina fis-Seminarju u dan għamlu għal ħafna snin. Huwa beda wkoll il-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa tan-Nadur. Kien jgħallem fl-Azzjoni Kattolika. Fil-jiem ta' festi u fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar kien ikun dejjem jisma' l-qrar fis-Sagristija. Barra dan fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar u fil-Ħdud kien iqarben lil diversi morda.

Għal ħafna snin kien jagħmel xogħol fl-Uffiċċju Parrokkjali tan-Nadur. Ix-xogħol tiegħu kien li jieħu ħsieb il-fondazzjonijiet flimkien ma' qadi ieħor ta' bookings ta' quddies, u ċertifikati. Il-quddiesa regolari tiegħu kienet dejjem dik l-aħħar waħda tal-ġurnata. Kull nhar ta' Ħadd kien dejjem iqaddes u jħejji tajjeb l-omelija li kien jagħmel. Kellu livell impressjonanti ta' Tagħrif Ġenerali. Kien kapaċi jitkellem dwar kollox, b'ċerti dettalji ta' numri, dati u cirkustanzi eċċ.

Ġie li kiteb ukoll fuq il-gazzetti b'mod partikolari biex ifisser u jiddefendi l-morali nisranija. F'Awwissu 2019 huwa ġie maħkum mill-mard li ġiegħlu jnaqqas mir-ritmu tal-ħajja. Iċ-ċirkustanzi tal-mard rabtuh mas-sodda u ma ħallewhx jirpilja. Kemm meta kien rikoverat fl-isptar kif ukoll fid-dar, jiena ġejt li mort inżuru u nnutajt u bqajt mistagħġeb, kif marbut kif kien, qatt ma nissel tgergira waħda minħabba l-istat fiżiku tiegħu. Għalih l-lingwa Latina kienet l-iktar li togħġbu, tant li anke l-brevjar tiegħu kien jirreċitah bil-Latin. Dan il-brevjar kien dejjem qrib is-sodda tal-mard tiegħu.

Kull bidu mitmum; kull min ħa l-ħajja jrid ukoll jieħu l-mewt; u għalhekk Dun Ġużepp wara ħajja ta' 84 sena, nhar is-Sibt, 5 ta' Ġunju 2021 ħalliena u għadda għal ħajja aħjar. Issa mar isieħeb lit-3 sħabu saċerdoti ordnati miegħu u li għaddew għall-ħajja eterna qablu. Jiena ċert li l-marda li ltaqa' magħha sawritu f'saċerdot iktar qaddis. Il-mard meta nilqgħuh bil-fidi u bis-sabar ibiddilna u jgħinna nixtiequ dak il-mument li fih nidħlu fil-Viżjoni Beatifika Glorjuża li fiha naraw lil Alla wiċċ imb wiċċ.

L-iskrizzjoni li hu nnifsu għażel għal fuq il-lapida tal-qabar tiegħu, tirrifletti l-ħsieb tiegħu li jara wiċċ il-Mulej. Din is-silta għal fuq qabru ġiet miktuba bil-lingwa Latina, il-lingwa tiegħu li hu kien tant iħobb. Din il-kitba b'riferenza għall-Ġenna, hija silta mill-profeta Iżaija li tgħid:

*"Ma ddawlekx aktar ix-xemx binhar, u lanqas jiddi għalik il-qamar billejl, għax il-Mulej ikunlek id-dawl għal dejjem u Alla tiegħek ikun sebħek. Ma tinżilx aktar ix-xemx għalik u lanqas jgħib il-qamar, għax il-Mulej ikun id-dawl tiegħek għal dejjem u jintemmu l-jiem tal-vistu tiegħek." (Iżaija: Kap 60:19).*

Dun Ġużepp huwa wkoll bniedem bħalna; f'kull quddiesa kien jistqarr: "ħuti ejjew ngħarfu ħtijietna"; hu wkoll kellu d-difetti u d-dnubiet tiegħu. It-tifħir tagħna għalhekk, issa li ħalliena, ikun kollu inutli jekk bħala nsara ma niftakrux fis-servizz spiritwali li huwa ta lill-parroċċa, u ma nitolbux għalih biex il-Mulej ikun għalih dawl u sebħ u jdaħħlu miegħu fil-post tal-hena vera għal dejjem. Mulej agħtih il-Mistrieħ ta' dejjem.

MONS DEKAN SALVU MUSCAT

# MIĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ







Din is-sena pastorali bdejnieha b'ħafna inċertezzi. Minn banda xtaqna naghtu tama ġdida lill-adolexxenti, li tul is-sena ta' qabel kienu batew ħafna magħluqin fi djarhom, u mill-banda l-oħra konna nafu li ser inħabbtu wiċċna ma' ħafna inċertezzi u riskji. Però minkejja kollox, għażilna li nkunu ta' servizz għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna, kif dan iċ-Ċentru dejjem kien. U Wara li fit-3 ta' Ottubru għamilna l-ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru komplejna għaddejjin bil-laqgħat sal-bidu tar-Randan.

Tul dawn ix-xhur aħna komplejna nwasslu tagħlim ibbażat fuq is-sagramenti, il-kmandamenti, il-beatitudnijiet u l-Kredu; temi li jirriflettu l-għeruq tal-fidi tagħna, u li però ġew imwassla b'mod mill-aktar frisk u adattat għall-etajiet tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna.

Ma jonqsux ukoll il-mistednin li mexxew uħud mil-laqgħat, bħal Mark Lawrence Zammit, Fr Richard Farrugia, Jennifer Cauchi u Ian Farrugia mill-Aġenzija Żgħażagħ, is-seminaristi, il-leader tal-Victoria Scout Group Jesmond Scerri, u oħrajn. Dawn kollha taw sehemhom biex b'xi mod jew ieħor iwasslu l-messaġġ Kristjan.

Tajjeb li ninnutaw ukoll li ċ-Ċentru tagħna tul din is-sena kellu l-opportunità li jilqa' fih iż-żgħażagħ li jattendu għall-kors tat-10K, kors djoċesan u li fih qed jipparteċipaw numru sabiħ ta' żgħażagħ mill-parroċċa tagħna. Dan il-kors qed jgħin lil dawn iż-żgħażagħ jitgħallmu  verament xi jfissru l-għaxar kmandamenti u japplikawhom f'ħajjithom.

Illum, xħin inħarsu lura, minkejja l-pandemija li tappnet sena oħra ta' pastorali, nistgħu nisiltu diversi aspetti pożittivi li għaddejna minnhom. Fost l-oħrajn nistgħu nsemmu dawn it-tnejn:

### Il-Kors tas-Safe Guarding of Minors

Wara li waħda mill-animaturi tagħna kienet ħadet sehem f'dan il-kors, din is-sena erbgħa animaturi oħra minnha ppparteċipajna għalih biex inkunu ta' servizz aħjar għaċ-Ċentru u għall-komunità tagħna. Dan il-kors jifforma persuni biex ikunu kapaċi jevitaw li ssir ħsara lit-tfal minn adulti b'intenzjonijiet ħżiena. Permezz tal-kors wieħed jkun jista' jagħraf "ir-red flags" f'persuna adulta u jieħu l-azzjonijiet neċessaerji biex l-abbuż jiġi evitat. Għalhekk dan kien ta' okkażjoni biex inkunu certi li ċ-Ċentru tagħna jkun u jibqa post "safe" u biex inkunu nafu kif nistgħu nakkumpanjaw persuni li ġew abbużati jew li qegħdin jgħixu f'ambjent perikoluż għalihom.

### Fondi għaċ-Ċentru

Tul din is-sena pastorali, kellna l-opportunità li napplikaw għal diversi fondi li joħorġu għall-NGOs. Kien ta' kuraġġ għalina meta l-proġetti tagħna ġew magħżula biex jiġu ko-finanzjati. Kellna lill-Kunsill Lokali tan-Nadur u lill-Aġenzija Żgħażagħ li kkofinanzjawna biex intemmu l-proġett tal-

kċina. Ġejna wkoll magħżulin għall-iskema tal-Għaqdiet Volontarji mmexxija mill-Kunsill Malti għas-settur tal-volontarjat f'isem is-Segretarjat Parlamentari tal-Isports, Rikreazzjoni u l-Għaqdiet Volontarji fi ħdan il-Ministeru tal-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja. Permezz ta' din l-iskema ser nattrezzaw aħjar waħda mis-swali b'sistema tas-sound u b'partitions li jagħtuna l-possibilità li s-sala tinqasam fi tliet kmamar għal użu differenti. Imbagħad permezz tal-iskema li nħarġet mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġu rranġati swali li kapaċi jilqgħu attivitajiet tal-MICE, kellna x-xorti li ġejna aċċettati u b'hekk ġie ffinanzjat nofs il-proġett li kien jinkludi l-installazzjoni ta' lift u l-istruttura tal-ħġieġ li nbniet madwaru.

Minkejja li dawn il-fondi għamlulna aktar kuraġġ biex inkomplu ninvestu fiċ-Ċentru tagħna, xorta waħda ma nistgħux ninsew lil tant nies u individwi li kultant u tant jiftakru fina u jgħinuna kif jistgħu, min bil-għajnuna manwali, min bil-għajnuna finanzjarja u min bit-talb. Għaldaqstant grazzi lil kulħadd speċjalment lil dawk li jitolbu għall-vokazzjonijiet, sabiex iż-żgħażagħ tagħna jagħrfu x'inhi s-sejħa tagħhom.



Ix-Chef Max Scerri li mexxa waħda mill-cooking sessions li saru online permezz tal-faċilitajiet fil-kċina l-ġdida



SAFEGUARDING OF MINORS



# Il-Kor fin-Nadur

## 50 SENA

L-ewwel kor li twaqqaf fin-Nadur kien fi żmien l-Arċipriet Dun Anton Camilleri (1872-1926). Kien saċerdot ħabrieki, surmast tal-mużika, ta' sabar tal-għaġeb. Għad li mgħobbi bir-responsabilità ta' Arċipriet, ma nfatamx mill-arti tal-mużika. Baqa' jistudja u laħaq kompożitur ta' fibra qawwija. Żgur li fost il-kompożizzjonijiet mużikali sbieħ tal-Arċipriet Camilleri għandna nsemmu l-antifona "Gaudent in Coelis" li tindaqq u titkanta fit-Tridu u fil-festa ta' San Koronatu, u t-tmien Responsorji tal-Milied, tnejn minnhom għadhom jitkantaw sal-lum fil-quddiesa tal-lejl tal-Milied. L-Innu f'ġieħ SS. Pietru Pawl, magħruf bħala l-Innu tat-Tridu, huwa tassew melodjuż u grandjuż u mhix inqas melodjuża l-quddiesa Pastorali. Billi Dun Anton kien organista tajjeb, waqqaf "Scuola Cantorum", magħmula mill-aħjar vuċijiet tal-kbar u taż-żgħar, kollha mgħallmin minnu. B'din l-iskola, jekk mhux l-ewwel t'Għawdex żgur l-ewwel tan-Nadur, qeda' servizzi sagri fil-parroċċa arċipretali tagħna kif ukoll fir-Rabat u fl-irħula. It-tfal tal-kor kantaw mal-Professur De Cesare li kien direttur tat-teatru rjal, il-Gloria in Excelsis u s-salm Laudate Pueri Dominum, komposti minnu. L-innijiet Divi Sovrani Apostoli, kif ukoll Su su Fratelli, huma kompożizzjoni tiegħu u fi żmienu ġew kantati mit-tfal akkompanjati mill-baned ta' Bormla u tal-Birgu.

Smajna bosta surmastrijiet kbar u kapaċi jdoqqu l-orgni, imma qatt b'dik il-ħlewwa li biha kien idoqq Dun Anton, għax barra mid-don li żejnu bih Alla, kellu x-xorti unika li l-istess Inzoli, li ħadem l-orgni, kien għallmu kif jikkombina r-reġistri tant li dejjem donnu kien ibiddel l-istrumenti. Fil-lejl tal-Milied, meta kien idoqq hu, dik il-Glorja Pastorali, kulħadd kien jibqa' mgħaxxaq b'dak il-kant .Kien iqiegħed xi tfal ġewwa l-kamra tal-orgni bil-bieb kemm kemm imbexxaq, oħrajn kien itellagħhom fuq, ġewwa l-orgni, fejn hemm il-vuċi umana, oħrajn kien iżommhom maġenbu. Dawn it-tfal, meta kienu jibdew jirrispondu lil xulxin fil-glorja, kont taħsibhom l-anġli jkantaw, mexjin fuq l-Għar ta' Betlem.

Wara li l-knisja tagħna ttellgħet għad-dinjità ta' Bażilika, kien twaqqaf kor mill-banda Imnarja bejn 1969 u l-1970. Kien immexxi mis-sinjorina Salvina Buttigieg. Kien iġib l-isem ta' Chorus Naduriensis u kien fih numru sabiħ ta' membri.

Kienu ħadu sehem f'festival tal-Milied fl-Oratorju Don Bosco u anke fil-Liċeo tar-Rabat. Salvina kienet tiġbor it-tfal tal-iskola u tgħallimhom l-innu Divi Sovrani u mbagħad dan kien jiġi rrekordjat u jindaqq fuq l-istazzjon nazzjonali tar-radju. Dan il-kor imbagħad ġie amalgamat mal-kor tal-Parroċċa li għadna ngawdu sal-lum.

Il-Kor tal-Parroċċa tagħna li għadu eżistenti sal-lum, huwa l-kor JUBILATE DEO li tfisser: "Għajtu bil-ferħ lil Alla". Dan twaqqaf madwar ħamsin sena ilu, jiġifieri fis-sena 1971, bl-inizzjattiva ta' Mons. Martin Portelli.

Qabel ma twaqqaf dan il-kor, numru ta' xebbiet kienu jkantaw għand is-sorijiet Franġiskani li għandhom il-kunvent fin-Nadur. Mons.Martin Portelli beda b'uħud minn dawn ix-xebbiet u bl-amalgamazzjoni ta' dawk it-tfajliet li kienu jkantaw mal-banda. Mons. Martin Portelli beda jgħallimhom il-quddiesa kompożizzjoni tiegħu stess, dik li ġġib l-isem ta' San Pietru Pawl. Din hija quddiesa bil-Malti.

Il-Kor beda jiżdied fil-membri u meta kien fl-aqwa tiegħu kien jikkonsisti f'madwar sitta u tletin mara u ħamest irġiel. Fil-bidu kienu jiltaqgħu fil-knisja parrokkjali biex jagħmlu l-provi.

Għall-bidu kienu jkantaw biss fil-festi l-kbar fis-sena Liturġika bħall-: Milied, Ġimgħa Mqaddsa, l-Għid il-Kbir u sintendi fil-festa tal-patruni tar-raħal, San Pietru u San Pawl u f'San Koronatu. Illum, fit-Tridu tal-festa ta' San Pietru u San Pawl, il-kor jesegwixxi l-quddiesa Lauda Sion, u Maria Assunta, ta' Mons. Martin Portelli, kif ukoll il-quddiesa Missa Sanctae Annae ta' Maestro Antoine Theuma. Fil-ġranet tat-Tridu, il-partijiet varjabbli, jiġifieri l-Introjtu, il-Gradwal, l-Offertorju, t-Tqarbin u l-Innu ta' wara l-quddiesa, jitkantaw fuq mużika tal-Innu EXULTET ORBIS, mużika tal-imsemmi Arċipriet Dun Anton Camilleri, b'adattament ta' Mons. Martin Portelli .Fis-Sollennità ta' San Pietru u San Pawl il-kor jesegwixxi l-quddiesa ta' Giuseppe Camilleri, magħrufa bħala "Tat-Trombi".

Il-Kor ikanta wkoll mal-banda Imnarja kull sena fil-knisja waqt il-ħruġ tal-istatwa min-niċċa, imma b'mod speċjali l-innu Divi Sovrani Apostoli waqt il-ħruġ tal-purċissjoni.

Fl-1975, Mons. Portelli kien Maestro di Cappella ta' diversi parroċċi f'Għawdex u allura kien jieħu l-kor Jubilate Deo biex ikanta f'diversi parroċċi. Apparti fin-Nadur il-kor kanta wkoll fil-Qala, f'Għajnsielem, fil-Katidral ta' Għawdex, Ta' Sannat, fil-Munxar, f'Kerċem, fl-Għasri u f'San Lawrenz. F'dawn l-okkażjonijiet dejjem kien ikanta mużika ta' Mons. Martin Portelli.

Il-kor Jubilate Deo ġieli ħa sehem f'serati ta' kant lokali fit-teatru Astra u fl-Oratorju Don Bosco, f'xi festival Marjan kif ukoll f'diversi Akkademji Mużiko-Letterarji li ġew esegwiti ġewwa n-Nadur bejn l-1971 u l-2004. Ma' dawn kien hemm ukoll serati organizzati mill-Kunsill Lokali ġewwa lokalitajiet differenti.



L-aktar xogħol li rrikjeda preparazzjoni, kunċerti u provi kien bla dubju ta' xejn id-dramm Ir-Rebħa tal-Appostli Pietru u Pawlu. Kliem tal-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi, mużika ta' Mons. Martin Portelli, strumentazzjoni ta' Anton Bonniċi. Dan id-dramm ittella' għall-ewwel darba fil-knisja parrokkjali fl-1988, fl-okkażjoni tat-tielet ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa.

Dan id-dramm reġa' ġie esegwit fis-sena 2004 għat-tieni ċentinarju mit-tberik tal-knisja. Din id-darba ġie esegwit fi Pjazza San Pietru u San Pawl taħt id-direzzjoni ta' Maestro Antoine Theuma. Din id-darba kien hemm żjieda ta' biċċa mużika ta' Maestro Antoine Theuma stess bl-isem ta' Damnatio.

Illum il-kor jagħti servizz imprezzabbli lill-knisja u lill-komunità parrokkjali billi jkanta mal-orgni ta' kull nhar ta' Ħadd fil-quddiesa konventwali, fejn ikanta mir-repertorju ta' Mons. Martin Portelli, dak tal-Kan. Dun Ġużepp Grech kif ukoll ta' Maestro Antoine Theuma. Il-Kor ikanta wkoll fil-festi kollha ta' matul s-sena li jinkludu: In-Nawfraġju ta' San Pawl, Ras ir-Randan, Santa Maria, il-Kunċizzjoni, eċċ. Snin ilu kien jieħu sehem anke waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, flimkien mat-tfal tal-iskola li kienet iġġib Salvina Buttigieg.

Il-kor ma jonqosx li jissejjaħ biex jieħu sehem f'okkażjonijiet speċjali, bħal xi Prima Messa ta' xi saċerdot. Dawn l-aħħar snin qed ikanta anke waqt funerali.

Biex jagħtu dawn is-servizzi, il-membri tal-kor iridu qabelxejn jattendu għall-provi u dan jitlob sagrifiċċju u ħin. Għalhekk huwa importanti li napprezzaw is-servizzi tagħhom u ma ninsewx li qed jagħtu ħafna mill-ħin tagħhom għall-komunità parrokkjali.

Wara karriera twila u imprezzabbli, Mons. Martin Portelli ħass il-bżonn li jirtira minn Maestro di Cappella. Fl-24 ta' April 2005, dan ix-xogħol kien tħalla f'idejn il-Kan. Dun Ġużepp Grech. Dun Ġużepp kien talab lil Antoine jekk ikunx jista' jgħinu meta jkollu bżonn. Antoine aċċetta u beda jidderieġi l-kor hu meta jistiednu Dun Ġużepp, l-aktar fl-Għid u fil-Festa, speċjalment waqt l-Għasar. Dun Ġużepp ta servizz mill-aqwa fit-tmexxija tal-kor. Dejjem bit-tbissima u bl-atteġġjament ċajtier u fl-istess ħin paċenzjuż tiegħu mexxa l-kor 'l quddiem u anke żiedu fil-membri. Wara disa' snin ta' ħidma sfiqa u impenjattiva mal-kor u bħala direttur tal-orkestra anke Dun Ġużepp tefa' r-riżenja tiegħu. Biex jimla' dan il-post ta' responsabilità, fl-Imnarja tal-2014, ġie magħżul Maestro Antoine Theuma bħala Maestro di Cappella u direttur tal-kor Jubilate Deo. Apparti li huwa mużiċist u direttur, Antoine huwa ukoll kompożitur u għandu ħafna għal qalbu l-mużika. Ikkompona diversi xogħlijiet fir-repertorju tiegħu fosthom il-quddiesa Missa Sanctae Annae, li hija ħafna għal qalbu. Maestro Antoine Theuma ta spinta biex ikompli jmexxi l-kor 'l quddiem u jħajjar u jħeġġeġ iktar persuni biex iżid il-membri fil-kor. Dejjem bi tbissima, kelma ta' inkoraġġiment, kalma imma fl-istess ħin eżattezza u perfezzjoni, huwa jistinka b'saħħtu kollha, b'ħafna provi u eżerċizzi vokali biex finalment tkun tista' toħroġ dik il-ħlewwa, u dik l-armonija fil-kant. Waqt li introduċa ħafna innijiet ġodda u diversi quddies, huwa ma tax il-ġenb lill-mużika li pprovdew is-surmastrijiet ta' qablu, imma għadu jużahom biex jitkantaw mill-kor Jubilate Deo sal-lum.

Il-parroċċa tixtieq tirringrazzja mill-qalb lil dawk kollha msemmija, kemm diretturi kif ukoll kanturi, ħajjin u mejtin, li lkoll tant ħadmu u għadhom jaħdmu bil-qalb, ħafna drabi volontarjament, biex nistgħu ngawdu l-kant ħlejju li tant janima u jsebbaħ b'mod speċjali l-funzjonijiet liturġiċi, fil-knisja parrokkjali tagħna.

*Maria Buttigieg*

# NADUR YOUNGSTERS
## 2020 - 2021 - STAĠUN NULL

Dak li kellu jkun staġun fejn Nadur Youngsters jiddefendu t-titlu mirbuħ fl-istaġun ta' qabel, spiċċa vittma tal-pandemija Covid 19. Il-kumitat Naduri baqa' dak li kien fl-istaġun ta' qabel għaliex ma setgħetx issir il-Laqgħa Ġenerali minħabba l-Covid 19. Bħala President beda Joseph Portelli Said, li però ċeda postu lil ibnu Tristen (li kien co-opted fil-kumitat) fl-14 ta' Ottubru; Viċi President u Ground & Nursery Manager inħatar Joe Portelli; Segretarju: Jean Pierre Saliba; PRO: Edgar Portelli; Kaxxier: Kevin Vella; Ass. Kaxxier: Renald Xuereb; Kit Managers: Joseph Said u Mario Pace; Ass. Ground Manager: Mario Mercieca; Events Co-ordinator: Kenneth Portelli; Membri fl-Event Team: Rupert Grech, Paul Azzopardi u Franco Borg; Rappreżentant Legali: Dr. Chris Said; Club Accountant: Buttigieg Accountants; Direttur Spiritwali: Dun Karm Portelli; u Tabib tal-Club Dr. Mario Saliba.


Tristen u Joseph Portelli

Il-Kumitat bena skwadra, li fl-opinjoni tiegħi kellha l-kapaċità li tisfida bis-serjetà għall-unuri fl-istaġun 2020-21, u bħala coach inħatar Andrea Ciaramella (Taljan), b'Paul Camilleri u Pasquale Centofanti (Taljan) jassistuh. Il-Goalkeepers' coach jibqa' Sammy Attard.

Intant il-kampjonat tal-ewwel diviżjoni beda b'format ġdid, 9 timijiet li kellhom jilagħbu żewġ rounds. Il-partitarji kienu għadhom ma jistgħux jidħlu fil-ground minħabba restrizzjonijiet tal-awtoritajiet tas-saħħa. Ta' min jirrimarka li l-partiti kollha tal-GFA kienu qed jintwerew diretti fuq il-media soċjali.

Il-Youngsters bdew jilagħbu fl-14 ta' Novembru 2020 b'logħba kontra Xagħra United fejn kellhom partita pjuttost diffiċli fejn minkejja dominanza assoluta, sabuha diffiċli li jsibu x-xibka. Nadur tilfu serje ta' ċansijiet fejn bejn kienu sfortunati jew kienu zbaljati fil-konklużjonijiet tagħhom. Aktar ma għadda l-ħin, aktar bdew jidhru l-United, fejn ukoll kellhom xi okkażjoni ta' skor. Imbagħad meta ħafna kienu qed jaħsbu f'xi sorpriża, fil-81 minuta **Gabriel Farrugia** fetaħ l-iskor b'daqqa ta' ras sabiħa wara corner mogħti minn Gennaro Hili. Sitt minuti wara reġa' kien Hili li b'pass eżatt sab lil **Gabriel Farrugia**, u dan tal-aħħar sab ix-xibka b'xutt mill-viċin. Il-Youngsters issiġillaw ir-rebħa u tliet punti fit-88 minuta meta kien **Ederson Bruno Domingos** li skorja.

It-tieni logħba kienet kontra Għajnsielem, team li kien jidher li ser ikun ta' sfida qawwija għar-rebħ tal-unuri. Partita missielta fejn r-rebħa setgħet marret kull naħa u waqt li Għajnsielem kienu aktar offensivi, Nadur ikkontrollaw tajjeb u operaw b'kontra attakki perikolużi. Biż-żewġ difiżi jikkontrollaw tajjeb, 2 minuti qabel l-intervall, azzjoni sabiħa bejn Ederson Bruno Domingos u **Jorge Santos Silva** spiċċat b'dan tal-aħħar jitfa fix-xibka b'xutt fil-baxx. Kif kien mistenni, Għajnsielem ħarġu aktar offensivi, u fil-fatt irnexxielhom iġibu l-iskor indaqs fis-57 minuta, meta free kick ta' Igor Nedeljkovic minn tarf il-kaxxa kien devjat fix-xibka. Bil-partita tkompli aggressiva, l-ebda team ma sab il-goal tar-rebħa biex dan kellu jkun l-uniku draw għaż-żewġ timijiet sakemm ġie annullat il-kampjonat.


Steve Sultana - Nadur Youngsters

Il-goalkeeper ta' Nadur Youngsters, **Steve Sultana** kien magħżul il-Player tax-xahar ta' Novembru 2020 mill-GFA.

Fit-12 ta' Diċembru, il-Youngsters kisbu rebħa faċli fuq Kerċem Ajax bl-iskor ta' 4-0. Din kienet il-50 rebħa fuq Kerċem fil-kompetizzjonijiet kollha. L-ewwel taqsima kienet xi ftit bilanċjata imma fit-tieni waħda Nadur kienu superjuri għal kollox. Nadur kellhom bidu tajjeb fejn ingħataw penalty wara li J. Theuma mess il-ballun b'idu, u **Ederson Bruno Domingos** ma żbaljax biex tefa' lill-Youngsters fil-vantaġġ. Iż-żewġ timijiet kellhom xi okkażjonijiet ta' skor li

però ma kinux meħuda. Fis-6 minuta tat-tieni taqsima, E. B. Domingos kien imwaqqa' fil-kaxxa biex Nadur ingħataw it-tieni penalty, fejn din id-darba kien **Jorge Santos Silva** li għeleb lil G. Bugeja (ex-Nadur Y.) fil-lasti ta' Kerċem. Hawn Kerċem ċedew l-armi, u Nadur komplew jamministraw il-partita u jżidu żewġ goals oħra minn **Stefan Cassar** fit-63 minuta u ieħor minn **Jorge Santos Silva** fit-72 minuta.

Hawn kellna waqfa mill-kampjonat fejn Nadur Youngsters, fit-22 ta' Diċembru, kienu impenjati fir-round preliminari tal-FA Trophy (MFA). Fil-ground ta' Kerċem Nadur kisbu rebħa ta' 3-1 fuq Msida St. Joseph, bil-goals jaslu minn doppjetta ta' **Andrea Debrincat** fit-32 u fit-62 minuta u goal ta' **Chris Camilleri** fit-73 minuta għal Nadur, u Ciro Quaranta fit-68 minuta għal Msida.

Fis-16 ta' Jannar tħabbret il-mewt ta' Gyorgy Handel, ex player tal-Youngsters.

Wara l-partita ma' Msida St. Joseph il-Youngsters kellhom waqfa sforzata mil-logħob minħabba l-Covid 19. Tħabbret ukoll ir-riżenja tal-Coach Andrea Ciaramella, u l-assistent tiegħu, Pasquale Centofanti, inħatar floku. Il-Kampjonat tkompla fit-30 ta' Jannar 2021 fejn Nadur kellhom logħba u rebħa tajba kontra Victoria Hotspurs. Il-partiti kontra l-Hotspurs dejjem ikunu missielta u din ma kinitx b'anqas, fejn d-difiżi ikkontrollaw tajjeb u l-okkażjonijiet ta' goals kienu ftit. Kien **Ederson Bruno Domingos** li fit-73 minuta skorja dak li kellu jkun il-goal tar-rebħa dirett minn free kick.

Erġajna fil-kompetizzjoni tal-FA Trophy (MFA), u fit-3 round iltqajna kontra t-team tal-Kampjonat Premier tal-MFA, Senglea Athletics. Kienet partita missielta, speċjalment fl-ewwel taqsima fejn wara li Nadur sfaw minn taħt wara 16-il minuta, goal minn penalty ta' Junior Dibola, huma għamlu reazzjoni qawwija tant li mhux biss kisbu d-draw fit-33 minuta minn penalty skurjat minn **Marcelo Junior Barbosa**, imma wkoll ħadu l-vantaġġ fit-38 minuta bl-ewwel goal ta' **Ian Xuereb** bil-flokk tal-Whites. Dan kien is-700 goal favur Nadur fil-kompetizzjonijiet tat-tazzi. Fit-tieni taqsima is-Sengleani kienu xi ftit aħjar u rnexxielhom idawru r-riżultat favur tagħhom b'żewġ goals oħra ta' Junior Dibola fit-48 u fit-62 minuta, biex b'hekk huwa kiseb tripletta personali. Nadur kellhom ukoll lil Rodolfo Soares dos Santos imkeċċi bit-tieni karta safra.

Xewkija Tigers kienu l-avversarji fil-kampjonat, meta fis-7 ta' Frar, kontra kull mistenni, huma għelbu lil-Youngsters 2-0 b'goal f'kull taqsima. Din kienet il-100 partita bejn Nadur u Xewkija fil-kampjonat. Partita missielta, b'Nadur xi ftit aħjar imma ma japprofittawx mill-okkażjonijiet li ġewhom, waqt li t-Tigers ħadu prattikament it-tnejn li kellhom. Huma skurjaw permezz ta' Joel Xuereb fl-20 minuta u Emiliano Patricio Lattes fit-80 minuta. Wara din il-logħba kellna bidla oħra fit-tmexxija tat-team, jitneħħa Pasquale Centofanti u jidħol Branko Nisevic (Serbia) bħala coach.

Ġimgħa wara, fl-14 ta' Frar, Nadur irritornaw għar-rebħ wara 2 telfiet konsekuttivi. Il-Youngsters kellhom rebħa faċli fuq Sannat Lions bl-iskor ta' 3-0. F'din il-partita Nadur kellhom ħafna aktar mil-logħob, u Sannat għalkemm pruvaw jaħdmu bil-kontrattakki, fejn kixfu wkoll xi nuqqasijiet fid-difiża tal-Youngsters, qatt ma impenjaw lil S. Sultana, fil-lasti Nadurin serjament. Nadur fetħu l-iskor wara 18-il minuta, meta **Marcelo Junior Barbosa**, ħasad għal kollox lil L. Xuereb fil-lasti tal-Lions, fi free kick wara foul fuq l-istess Barbosa. Hekk baqa' l-iskor matul l-ewwel taqsima biex imbagħad fit-tieni waħda daħal fix-xena **Andrea Debrincat**, li b'żewġ goals fis-66 u fis-70 minuta għalaq il-partita.

Fid-19 ta' Frar messna kontra S. K. Victoria Wanderers, fejn il-Youngsters kisbu 3 punti ferm importanti, wara li fil-41 minuta huma spiċċaw jilagħbu b'10 players wara li tkeċċa Luke Tabone. Nadur iddominaw u reġa' ntwera li l-Youngsters mhux japprofittaw miċ-ċansijiet li qed ikollhom. Kien **Marcelo Junior Barbosa** li skorja ż-żewġ goals minn penalty fit-28 minuta u xutt sabiħ fit-52 minuta.

Dik li kellha tkun l-aħħar partita tal-ewwel round għal Youngsters, fis-26 ta' Frar, spiċċat biex kienet l-aħħar partita tagħhom fl-istaġun 2020/21. Kif juri l-iskor Nadur iddominaw kompletament, u bi 3 goals f'kull taqsima huma għelbu lil Oratory Youths 6-1. Il-goals tal-Youngsters waslu minn **Ederson Bruno Domingos** fil-11 u 44 minuta, tripletta minn **Marcelo Junior Barbosa** fil-25, fis-76 u fit-82 minuta u **Stefan Cassar** fit-80 minuta. Il-goal ta' konsolazzjoni għall-Youths wasal minn penalty ta' Diego Steven Gomez Maldonado fil-61 minuta. Dan il-goal ukoll kien l-1400 goal kontra Nadur fil-kompetizzjonijiet kollha. B'din ir-rebħa Nadur spiċċaw fit-tieni post, 3 punti taħt Għajnsielem fi tmiem l-ewwel round.

Wara din intlagħbu xi partiti mit-tieni round, imma l-Youngsters ma kinux involuti. Il-football kien sospiż fuq direttiva tal-awtoritajiet tas-saħħa, u aktar tard fil-GFA ittieħdet id-deċiżjoni li l-kampjonati f'Għawdex jiġu dikjarati nulli (konformi mal-MFA).

B'niket insemmu l-mewt ta' żewġ Presidenti tal-Youngsters, Anġlu Curmi, li ħalliena fil-11 ta' Marzu, u li kien wieħed mill-fundaturi tal-Club, u jumejn wara ħalliena wkoll Joe Zerafa. Kondoljanzi lill-familjari kollha, u l-Mulej jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem. Tifkiriethom ma tintemm qatt.

Nisperaw li ngħaddu minn din il-pandemija ma ndumux u nerġgħu naqbdu l-ħajja normali.

CHARLIE GRECH

# SUOR MARIA ANGELA CAMILLERI (MAGGIE)

## mas-Sorijiet tal-Karità ta' Maria Bambina

Kien fis-27 ta' Frar 2021, meta ġriet l-aħbar li ħallietna għall-ħajja aħjar din is-Soru umli u sempliċi, fl-età ta' 82 sena.

Margarita (Maggie kif kienu jafuha) twieldet fil-4 ta' Diċembru 1938 mill-ġenituri Anġlu u Ġiuseppa neé Muscat. Twieldet in-Nadur u tgħammdet fl-istess jum fil-Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl mill-Arċipriet il-Kan. Ġużeppi Cassar. Bħala parrinijiet kellha lil nannuha Karmnu, missier missierha, u liz-zija tagħha Marija Muscat, oħt ommha. Tawha l-ismijiet ta' Margarita, Anna u Mikelina.

Ġejja minn familja numeruża ta' 16-il wild. Peress li kienet il-kbira min-nisa, it-tieni waħda fil-familja, ħadet ħsieb 'il ħutha ż-żgħar. Marret biss l-iskola elementari u ommha ħeġġitha biex titgħallem il-ħjata, il-pittura u r-rakkmu tad-deheb u tal-ġanċ. Kienet ukoll tgħallem il-ħjata lix-xebbiet fid-dar tagħha. Minn età żgħira dejjem uriet ix-xewqa tagħha li tħaddan kommunità reliġjuża. Kellha bħala direttur spiritwali lill-Ġiżwita Patri Alfred Pitrè li wassalha biex fl-20 ta' Frar 1962, fl-età ta' 23 sena marret Ruma biex tibda bħala Postolanta.

Maggie bdiet is-sena postolanta fil-belt eterna ta' Ruma. Fil-25 ta' Marzu 1963 bdiet sena u nofs bħala l-ewwel parti min-novizzjat fil-Casa Madre Via Santa Sofia Milan, fejn hemm meqjuma x-xbieha mirakoluża tax-xema' ta' Marija Bambina. Libset l-abitu sagru bħala soru f'Settembru 1964 fejn ħadet l-isem ta' Marija li tant tħobb u l-isem ta' missierha Anġlu, Suor Maria Angela. Għal din iċ-ċerimonja tal-vestizzjoni kienu marru Milan il-ġenituri tagħha, Anġlu u Ġiuseppa u ħuha l-kbir Karmenu. Dakinhar kienu madwar sittin novizza.



Suor Maria Angela Camilleri
04|12|1938 - 27|02|2021

Wara kompliet sena oħra bħala t-tieni turno fin-novizzjat u dan dejjem f'Milan. Hawn fil-5 ta' Settembru 1965 flimkien ma' 35 oħra, ħadet l-ewwel voti tal-professjoni tagħha wara tliet snin. Ħadmet fl-Isptar tas-Sacro Cuore f'Milan bħala infermiera, fejn damet sentejn. Fis-sena 1968 marret fil-kunvent tagħhom f'Castegnato ġewwa Brescia, fejn damet tliet snin oħra u fejn



Bħala għalliema fl-iskola tal-Kinder

fil-5 ta' Settembru 1968 reġgħet ġeddet il-voti tagħha. Fit-30 ta' Awwissu 1970 ħadet il-voti perpetwi.

Bagħtuha għal madwar sena f'Londra biex titgħallem sewwa l-lingwa Ingliża peress li kienet ġejja minn Malta fejn fl-iskejjel jitgħallmu din il-lingwa. Lura Milan intbagħtet tgħallem it-tfal tal-kinder fl-iskola kbira tagħhom f'Via Balila ftit bogħod mill-Casa Madre. Damet hawn madwar sentejn oħra meta mbagħad marret f'Rancio, daqs siegħa bogħod minn Milan, tgħallem ukoll l-Ingliż fl-iskola tal-kinder u dik elementari mmexxija mill-Kongregazzjoni.

Dejjem xtaqet li tmur taħdem fil-missjoni ġewwa l-Afrika, iżda l-Mulej kellu pjanijiet oħra għaliha. Fis-sena 1984 marret Sqallija f'Gibellina li kienet ftit 'il bogħod mill-belt storika ta' Palermo, fejn damet isservi għal ħames snin fid-dar tal-irtiri. Minn hawn, fis-sena 1989, intbagħtet mill-ġdid f'Castegnato ġewwa Brescia, fejn għal dawn l-aħħar 30 sena kienet taqdi bl-akbar reqqa dak kollu li jiġi assenjat lilha, b'mod speċjali fil-professjoni tagħha tal-ħjata.

Dawk kollha li jafuha jgħidulek kienet dejjem ubbidjenti, umli, devota ta' Ġesù Sagramentat, tal-Ħniena Divina, tar-Rużarju, ta' Marija Bambina u tal-Erwieħ tal-Purgatorju. Matul ħajjitha ppruvat tagħmel minn kollox biex ma titlifx żmien, għaliex kont issibha dejjem taħdem jew titlob.

Fil-bidu tas-sena 2019 marret fil-kunvent ġewwa Bergamo f'Via Bernardino, fejn baqgħet sakemm il-Mulej sejħilha għal għandu nhar is-Sibt, 27 ta' Frar 2021 fl-età ta' 82 sena. Il-funeral tagħha sar it-Tlieta, 2 ta' Marzu fil-kappella tal-kunvent tal-istess Kongregazzjoni. Id-difna saret fiċ-ċimiterju ta' Bergamo, fil-Kappella privata tal-Kongregazzjoni tal-Karità tas-Sorijiet Qaddisa fundaturi Sr. Bartolomea Capitanio u Sr. Vincenza Gerosa - Sorijiet ta' Marija Bambina.

**MULEJ AGĦTIHA L-MISTRIEĦ TA' DEJJEM**

# Nadurin li għalqu l-100 sena

Kitba u riċerka minn Joe Muscat flimkien ma' korrispondent

Meta wieħed jeżamina r-reġistri fejn huma mniżżla l-ismijiet ta' dawk kollha li mietu fil-parroċċa tagħna sa mill-bidu tagħha (fl-1689), ma jiltaqa' ma' ħadd li għalaq il-100 sena. Però, nhar l-24 ta' Settembru 1756, hemm reġistrata l-mewt ta' Ġanni Galea, li l-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Salvatore Galea, kiteb li meta miet, kien ser jagħlaq il-100 sena (prope centenarius). Dawn huma wlied in-Nadur, li għexu 100 sena jew aktar. Uħud minnhom mietu s-safar.

1. **Marija Muscat** (*ta' Żemek*) xebba, minn Triq San Blas.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 24 ta' Frar 1883. |
| **Mewt:** | 28 ta' Diċembru 1984. |
| **Età:** | 101 sena. |

2. **Mikieli Rapa** (*ta' Ġummajr*) minn Triq Xandriku.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 19 ta' Jannar 1890. |
| **Mewt:** | 25 ta' Jannar 1990. |
| **Età:** | 100 sena. |

3. **Marija Said** (*ta' Silġa*) xebba, minn Triq il-Knisja.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 17 ta' Ġunju 1895. |
| **Mewt:** | 13 ta' April 1997. |
| **Età :** | 101 sena. |

4. **Marija Assunta Pisani** (*ta' Żella*) xebba, minn Triq it-Tiġrija.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 27 ta' Mejju 1901. |
| **Mewt:** | 19 ta' Ottubru 2004. |
| **Età:** | 103 sena. |

5. **Ġużepp Thewma** (*ta' Ġawnnija*) Pjazza Arċ. M. Camilleri.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 27 ta' Novembru 1901. |
| **Mewt:** | 30 ta' Awwissu 2003. |
| **Età:** | 102 sena. |

6. **Karmena Buttigieg** (*ta' Belinn*) xebba, minn Triq il-Knisja.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 20 ta' Settembru 1907. |
| **Mewt:** | 1 ta' Ottubru 2007. |
| **Età:** | 100 sena. |

7. **Marija Assunta Tabone** (*tas-Sangilot*) Triq it-Tramuntana.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 6 ta' Awwissu 1910. |
| **Mewt:** | 12 ta' April 2011. |
| **Età:** | 100 sena. |

8. **Franġiska Said** (*ta' Ċikka*) xebba, minn Triq il-Buskett.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 21 ta' Frar 1911. |
| **Mewt:** | 18 ta' Ġunju 2011. |
| **Età:** | 100 sena. |

N. B. Minn dawn is-sittax, erba' biss huma rġiel. Skont dan it-tagħrif, in-nisa jidhru li jgħixu aktar mill-irġiel.

9. **Baruni Kelinu Vella Haber** (*ta' Liżju*) minn Triq Wileġ il-Qala/Gżira, Malta

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 1 ta' Ottubru 1913 |
| **Mewt:** | 28 ta' Jannar 2014 |
| **Età:** | 100 sena. |

10. **Roża Mizzi** (*tal- Gadroj*) xebba, minn Triq Xjuf ir-Riħ.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 13 ta' Marzu 1914 (f'Għajnsielem) |
| **Mewt:** | 15 ta' Jannar 2015 |
| **Età :** | 100 sena. |

11. **Loreta Curmi** (*tal-Karamella*) xebba, membru tal-Museum, minn Triq Ħida.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 11 ta' Ġunju 1912 |
| **Mewt:** | 13 ta' Mejju 2015 |
| **Età:** | 102 sena. |

12. **Marija Pawlina Falzon** (*tax-Xirmi*) xebba, minn Triq Ta' Said.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 28 ta' Ġunju 2015 |
| **Mewt:** | 2 ta' Lulju 2015 |
| **Età :** | 100 sena. |

13. **Salvina Formosa** (*tal-Bekkes*) kienet tgħix fi Graystanes, Sydney fl-Awstralja.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 16 ta' Marzu 1914 |
| **Mewt:** | 2 ta' Settembru 2019 |
| **Età:** | 105 sena, 5 xhur (l-aktar li għexet). |

14. **M. Konċetta Callus** (*tan-Nebblu*) mart Mikieli f'Ħal Kirkop.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 19 ta' Frar 1918 |
| **Mewt:** | 13 ta' Ġunju 2018 |
| **Età:** | 100 sena. |

15. **Pacifico *sivé* Percy Sultana** (*ta' Masasu*) għex fl-Awstralja.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 13 ta' Novembru 1918 |
| **Mewt:** | 16 ta' Lulju 2020 |
| **Età:** | 101 sena. |

16. **Carmela Sultana** née Portelli (*tal-Ajkla/Masasu)* minn Triq ir-Rabat.

| | |
|---|---|
| **Twelid:** | 12 ta' Novembru 2019 |
| **Mewt:** | 24 ta' Jannar 2021 |
| **Età:** | 101 sena. |

# MIR-REĠISTRI PARROKKJALI

MAGĦMUDIJIET, IMWIET U ŻWIĠIJIET LI SARU FIL-PARROĊĊA TAN-NADUR MATUL IS-SENA 2020

## MAGĦMUDIJIET

| Data | Isem it-Tarbija | Il-Missier | L-Omm |
|---|---|---|---|
| **Jannar** | | | |
| 18 | Jacob | Simon Bugeja | Josianne Mercieca |
| 19 | Kane | Jonathan Buttigieg | Catherine Bartolo |
| **Frar** | | | |
| 2 | Gabriel | Robert Hili | Angelique Tabone |
| 2 | Luke | Michael Bongailas | Deborah Saliba |
| **Ġunju** | | | |
| 26 | Kai | Martin Cassar | Maria Xerri |
| 27 | Gianni | Ayrton Caruana | Kristina Xuereb |
| 27 | Nicole | Louie Borg | Diane Muscat |
| 28 | Valentina | David Borg | Michelle Said |
| 28 | Luigi | David Borg | Michelle Said |
| 29 | Antonio-Jose | Matthew John Camilleri | Elaine Buttigieg |
| **Lulju** | | | |
| 18 | Rosabelle | James Meli | Angela Camilleri |
| 18 | Emily | Nathan Theuma | Janette Bartolo |
| 25 | Cloe | Daniel Grech | Nadia Muscat |
| **Awwissu** | | | |
| 8 | Amy | Steve Cassar | Antoinette Zerafa |
| 16 | Ben | Joseph Buttigieg | Marion Schembri |
| 23 | Eżekiel | Alfred Caruana | Amanda Grima |
| 29 | Drake | Rodney Debono | Christiana Attard |
| 30 | Kyra | Danny Magro | Ruth Grech |
| **Settembru** | | | |
| 13 | Ella-Marie | Mario Vella | Louise Spiteri |
| 20 | Mario | Antoine Tabone | Marian Sultana |
| 26 | Teos | Charles Sultana | Miriam Camilleri |
| 29 | Elena | Christian Azzopardi | Caroline Vella |
| **Ottubru** | | | |
| 3 | Michael | David Debono | Cornelia Tabone |
| **Diċembru** | | | |
| 4 | Liam | Franky Sammut | Dorianne Falzon |

# ŻWIĠIJIET

| Data | Għarus | Għarusa |
|---|---|---|
| **Frar** | | |
| 8 | Paul Camilleri | Justine Bartolo (Santa Luċija) |
| **Awwissu** | | |
| 7 | Nathaniel Haber (Għajnsielem) | Nadianne-Marie Muscat |
| **Ottubru** | | |
| 10 | Victor Bonello (Xagħra) | Lorraine Bonello |

# IMWIET

*Difna biss

| Data | Isem | Età |
|---|---|---|
| **Jannar** | | |
| 2 | Carmela Mifsud | 91 |
| 15 | Carmela Buttigieg | 94 |
| 22 | Carmela Pisani | 93 |
| 23 | Siegfield Groschner Egon | 92 |
| 31 | Peter Paul Muscat | 79 |
| **Frar** | | |
| 2 | Peter Paul Falzon | 69 |
| 10 | Matthew Portelli | 33 |
| 14 | Salvu Farrugia | 85 |
| 21 | Joseph Buttigieg | 76 |
| 21 | Rita Muscat | 88 |
| **Marzu** | | |
| 8 | John Camilleri | 78 |
| 12 | Frankie Camilleri | 70 |
| 14 | Antoinette Refalo | 61 |
| 17 | Charlie Gauci | 59 |
| 27 | Michael Meilak | 97 |
| **April** | | |
| 11 | Joan Muscat | 81 |
| 12 | Joseph Portelli | 77 |
| 23 | Kan. Też. Anton Meilak | 89 |
| 30 | Carmela Muscat | 90 |
| **Mejju** | | |
| 1 | Joe Sultana | 58 |
| 20 | Michelina Portelli | 73 |
| **Ġunju** | | |
| 6 | Joseph Buttigieg | 79 |
| 6 | Anthony Refalo | 47 |
| 10 | John Anthony Melloy | 86 |
| 11 | Gabriel Vella | 13 * |
| 24 | Carmela Bonello | 91 |
| 27 | Joseph Said | 66 * |
| 29 | Maria Assunta Azzopardi | 83 |
| **Lulju** | | |
| 21 | Michael Galea | 84 |
| 23 | Carmela Camilleri | 78 |
| **Awwissu** | | |
| 21 | Joseph Borg | 71 |
| 26 | Alfred Said | 71 |
| **Settembru** | | |
| 2 | John Azzopardi | 71 |
| 15 | Peter E. Camilleri | 75 * |
| 19 | Ġużeppa Cauchi | 95 |
| 24 | Maria Assunta Camilleri | 81 |
| 28 | Coronato Portelli | 72 |
| **Ottubru** | | |
| 6 | Tereża Piscopo | 85 * |
| 28 | Frankie Said | 42 |
| **Novembru** | | |
| 8 | Indrija Portelli | 82 |
| 21 | Maria Stella Buttigieg | 98 |
| 27 | Margarita Portelli | 97 |
| 29 | Marija Debono | 83 |
| **Diċembru** | | |
| 1 | Roża Meilak | 94 |
| 5 | Pawlu Attard | 83 |
| 22 | Ġużeppa Camilleri | 99 |
| 23 | Emanuel Portelli | 85 |
| 31 | Peter Paul Buttigieg | 91 |

*Leħen*

# Il-Banda Mnarja

James Buttigieg

Ninsabu qrib id-29 ta' Ġunju, jum il-festa liturġika ta' San Pietru u San Pawl. Ninsabu wkoll probabbli lejn tmiem il-kriżi tal-pandemija li ħarbtet il-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Il-Banda Mnarja kellha tnaqqis drastiku ferm tal-attivitajiet minn Marzu tal-2020 sal-lum. Nistgħu ngħidu li ppruvajna nibqgħu għaddejjin bil-kunċerti kif stajna u meta stajna minħabba r-restrizzjonjiet imposti minħabba l-pandemija.

Għalkemm konna weqfin għal ħafna xhur, f'Lulju għamilna erbgħa tombli quddiem il-każin li kienu suċċess kbir. Il-Kumitat ipprova jagħmel kunċert għal żmien l-Għid u konna diġà ġibna l-permessi u anke bdejna l-provi imma l-permess ġie rtirat minħabba l-pandemija. Il-bar tal-każin ingħalaq u minn Awwissu bdiet ħidma biex inġibu l-permess ta' snack bar waqt li nżommu l-permess ta' bar biex ikunu jistgħu jsiru l-attivitajiet li kienu jsiru qabel fih. B'hekk il-każin ikun konformi mal-MTA, Mepa u Pulizija u jista' jopera bħala snack bar. Din kienet ħidma kbira u diffiċli ferm minħabba r-regolamenti stringenti fuq snack bars u anke minħabba l-fatt li konna ninsabu f'nofs pandemija. Nistgħu ngħidu li wasalna u akkwistajna dan il-permess fi-14 ta'Mejju. Dan seta' jsir billi kellna diġà l-permess tal-Mepa biex noperaw bħala snack bar li konna ġibnieh meta ġibda l-permess biex nagħmlu l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem il-każin.

Matul din is-sena u tliet xhur komplejna t-tagħlim kemm b'mod virtwali u meta stajna b'mod fiżiku biex l-aljievi tagħna ma jaqtgħux qalbhom u dak li konna qed naħdmu għalih biex inrawmu bandisti ġodda ma jkunx tar mar-riħ. Għamilna diversi proġetti li kellna l-fondi għalihom bħal sound panels, leġiji ġodda u anke 24 pannella voltaika biex innaqqsu l-kontijet tad-dawl tal-każin li hija spiża sostanzjali li l-każin irid jagħmel tajjeb għaliha kull xahrejn. Dawn il-pannelli solari ser jgħinu lill-operat tal-każin kemm fil-preżent u anke fil-futur.

Xtrajna wkoll diversi strumenti ġodda kif ukoll għamilna diversi kaxxi biex niġbru l-leġiji fihom biex kollox jinġabar bl-ordni u nibżgħu għalihom. Dawn il-leġiji ġodda ser ikunu utli waqt il-programmi mużikali li nisperaw li fi żmien mhux 'il bogħod inkunu nistgħu nerġgħu nibdew nagħmulhom biex nagħtu gost lil kull min jismagħna u nippruvaw inkomplu fejn ħallejna. Il-Programm Big Band Adventures kien sar popolari u kien qed jagħmel unur lin-Nadur u lill-Banda tagħna.

Il-Banda Mnarja preżentament qed tiekol minn ġewwa. Dan għaliex l-attivitajiet ta' fund raising waqfu u fl-istess waqt xorta qed ikollna nħallsu l-ispejjeż rikorrenti bħal dawl u ilma, tiswijiet, tagħlim u surmastrijiet kif ukoll kellna proġetti li diġà konna marbutin bihom u kellna nispiċċawhom. Għalhekk il-fondi li kellna maħżunin għall-futur qed niġu bżonnhom u qed jitnaqqru ftit ftit. Nisperaw li fil-futur qarib inkunu nistgħu nibdew il-fund raising biex nippreparaw għas-sena d-dieħla u nibdew infaddlu biex ikollna flus taħt rasna għal meta niġu bżonn bħalma ġara fil-pandemija.

Il-Kumitat huwa ppreparat biex jibda jaħdem mill-ġdid bħal qabel meta s-sitwazzjoni tiġi għan-normal. Minn hawn nappella lill-bandisti biex meta nsejħulhom mill-ġdid nerġgħu nsibuhom u jerġgħu jieħdu posthom fil-banda li tant iħobbu. Nappella għal aktar aljievi biex nissoktaw bil-









ħidma tagħna. Nappella wkoll lin-Nadurin biex jibqgħu jagħtu s-sostenn tagħhom lill-Banda Mnarja bħalma dejjem għamlu fil-passat. Mingħajr is-sostenn tagħkom il-banda ma tistax tkompli tiffjorixxi wara żmien daqshekk iebes li jista' jirriżulta fi tnaqqis drastiku tal-operat tal-baned in ġenerali.

Fuq nota mhux daqstant sabiħa huwa l-fatt li tlifna President Onorju ieħor u membru fundatur tal- Banda s-Sur Joseph Zerafa. Il-Banda għamlet li setgħet biex tonorah fil-funeral tiegħu filwaqt li nosservaw ir-restrizzjonjiet imposti minħabba l-pandemija. Grazzi lis-Sur Zerafa tal-ħidma tiegħu b'risq il-Banda li tant kien iħobb. Minn hawn noffru l-kondoljanzi tagħna lil martu, qraba u l-hbieb tiegħu.

Nawgura futur aħjar lil kulħadd u nkomplu nkunu viġilanti u nobdu d-direttivi tal-Awtorità tas-Saħħa Pubblika biex noħorġu minn din is-sitwazzjoni kemm jista' jkun malajr.

**Grazzi lil kulħadd. Il-Festa t-tajba!**

*Viva San Pietru u San Pawl*




# Cadillac Garage

**Joe Camilleri**

*Panel Beating*
*Spray Painting*
*Rust Treatment*
*Colour Matching*
*Car Bench*
*Chassis Alignment*

N.B. Qortin Str.,
Nadur, Gozo.

Tel: 2155 1640, 2156 1021
Mob: 9984 7071

# ANTHONY'S FURNITURE

**Għal kull xorta ta' xogħol fl-injam**

*Jawgura l-festa t-tajba lin-Nadurin kollha.*

Phone: 2155 2251
Mobile: 9944 6107

"Mater Dolorosa"
Triq Ta' Grunju,
Nadur, Ghawdex

# RAY'S CATERING SERVICE

*Caterer for all occasions*
***Contact: Mr. Ray Vella***

*"Dawn"*
*Guzè Ellul Mercer Street,*
*Nadur, NDR 104 - Gozo.*

*Tel/Fax: 2155 3543*

# JASON SALIBA

## THE BLACK SMITH





- GATES
- SPIRAL STAIRS
- BALCONIES
- STAIRCASES
- PREGNANT WINDOWS



M: 7920 8915
E: jasonsalibametalworks@gmail.com

*Designed to your Specifications!*





# SAN PIETRU U SAN PAWL
## Mixja ta' Fidi

Fil-festa tal-Imnarja niċċelebraw il-martirju ta' San Pietru u San Pawl fil-belt ta' Ruma. Dawn iż-żewġ qaddisin biex waslu għal dan il-pass kellhom jagħmlu mixja ta' fidi u mħabba lejn Sidna Ġesù Kristu.

### SAN PIETRU JIĊĦAD LIL KRISTU

Nibdew minn San Pietru. Dan il-qaddis wieġeb għas-sejħa li jkun appostlu ta' Kristu. U huwa ħatru bħala kap tal-kulleġġ tal-Appostli. Iżda kien huwa wkoll li waqt il-passjoni ċaħad lil Kristu għal tliet darbiet. Fil-Vanġelu ta' San Luqa nsibu miktub: "U dar il-Mulej u ħares lejn Pietru" (Lq 22,61). U kien f'dan il-waqt li huwa ra d-dnub tiegħu u ddispjaċih milli kien għamel. L-istess Vanġelu jkompli jgħidilna għalih: "U ħareġ barra u beka biki tad-demm" (22,62).

Dan l-episodju qawwi jurina ħafna fuq il-mixja spiritwali ta' dan il-qaddis. Iddispjaċih mid-dnub tiegħu. Ma qagħdx itella' u jniżżel kif ser jarawh l-appostli l-oħra jew jeħodha kontra tiegħu nnifsu talli għamel dan. L-indiema tiegħu kienet tant sinċiera li reġa' lura għal kollox fit-triq ta' appostlu ta' Kristu.

### IL-KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Niġu issa għal San Pawl. Biex nifhmu ħajtu ma rridux ninsew li huwa trabba bħala Fariżew. Din is-setta Lhudija kellha d-difetti tagħha għax aktar kienet tagħfas fuq il-liġi ta' barra milli l-ispirtu veru tagħha. Il-Fariżej kienu jaħsbu li b'dak li kienu qegħdin jagħmlu kien b'xi mod ifisser li Alla huwa midjun magħhom. U din kienet il-mentalità ta' Pawlu ta' Tarsus. Tant kien konvint mill-Fariżeiżmu li beda jippersegwita lill-insara.

Ma rridux ninsew li kien jagħmel dan kollu bi spirtu tajjeb. Iżda meta l-Mulej kellmu fit-triq ta' Damasku ħajtu nbidlet. Issa Kristu daħal f'ħajtu u din nistgħu nsejħulha l-konverżjoni tiegħu. Il-ħajja ta' qabel ikkrollat tant li l-Atti tal-Appostli jgħidilna li ma baqax jara imma meta tgħammed beda l-ħajja fil-grazzja u hekk beda jara mill-ġdid.

Dawn kienu żewġ mumenti sinifikattivi fil-ħajja ta' dawn iż-żewġ appostli. Iżda huma mxew it-triq tal-qdusija fil-ħajja ta' kuljum; jiġifieri fil-persekuzzjonijiet, fit-tfixkil li ltaqgħu magħhom u fil-problemi tat-tmexxija tal-Knejjes. Għalkemm dawn iż-żewġ appostli kellhom ħajja movimentata madankollu għaddew ukoll minn sitwazzjonijiet monotoni bħal meta kienu fil-ħabs.



### ANKI SAN PIETRU U SAN PAWL KELLHOM KUNFLITT BEJNIETHOM

Anki jekk fl-ikonografija narawhom maġenb xulxin fl-Iskrittura nsibu li darba wkoll kellhom kunflitt bejniethom dwar x'pożizzjoni kellha tieħu l-Knisja. Il-kwistjoni ta' bejniethom ma kinitx fuq it-tagħlim tal-Knisja iżda fuq imġiba. San Pawl qatt ma ħadha kontra l-awtorità ta' San Pietru iżda fuq in-nuqqas ta' konsistenza. Pietru biex ma jġibx inkwiet fil-Knisja daqqa kien jimxi fuq il-liġi tat-Testment il-Qadim u daqqa skont dak li kien miftiehem fil-Konċilju ta' Ġerusalemm. Iżda San Pawl ma riedx hekk u ġibidlu l-attenzjoni.

Dan kollu jurina li għandna naraw b'mod uman il-ħajjiet tal-qaddisin. Veru li huma għamlu ħwejjeġ kbar bis-saħħa ta' Kristu iżda dan kien frott tal-mixja spiritwali. Kien Alla li sejħilhom ta' bnedmin kif kienu. Iżda l-grazzja ta' Alla għamlet fihom ħwejjeġ tal-għaġeb.

Dak li Alla għamel ma' San Pietru u San Pawl jagħmlu magħna wkoll. Jaċċettana kif aħna iżda jrid li nagħmlu l-mixja spiritwali. Dan ma jfissirx li sejrin insiru perfetti mil-lum għal għada iżda bl-għajnuna tiegħu kollox huwa possibbli. Dan ukoll minkejja l-waqgħat u d-dgħufijiet tagħna.

*Angelo Xuereb*

# L-Esperjenza tar-Rivelazzjoni ta' Pietru u Pawlu
**Omelija minn Mons. Lawrenz Sciberras CapSS, SSL, SThL, MA**
li saret fil-Kolleġġjata u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur,
**waqt il-Quddiesa Solenni tal-festa mmexxija minn Dun Anton Teuma, Isqof maħtur għad-Djoċesi ta' Għawdex**
**29 ta' Ġunju 2020**

## Indirizz lill-Isqof il-Ġdid fl-Ewwel Quddiesa ta' Festa Titulari Tiegħu

Eċċellenza, din hija l-ewwel sollennità, l-ewwel pontifikal li qed tmexxi fl-okkażjoni tal-prinċpijiet tal-Appostli San Pietru u San Pawl, u mess lili dalgħodu li quddiemek nagħmel il-ħsibijiet dwar dawn iż-żewġ Appostli. Imma qabel, inħoss li għandi nitlobhom b'sinċerità kollha lil dawn l-Appostli kbar, biex ikattru fik il-ħeġġa evanġelika lejn il-merħla li ġiet afdata f'idejk. Nitlobhom ukoll biex iżidu fik l-imħabba li għandek lejn l-Art Imqaddsa, b'mod speċjali lejn Ġerusalemm. U nitlobhom ukoll biex isaħħu u jkabbru fik il-paternità biblika lejn il-merħla u paternità b'mod speċjali lejna, aħwa fis-saċerdozju. Dan nitolbu bil-qawwa kollha lil San Pietru u San Pawl.

## Introduzzjoni

Għaliex il-Knisja dalgħodu, 29 ta' Ġunju tagħmel is-sollennità flimkien ta' San Pietru u San Pawl? Għaliex? Hemm risposti, tweġibiet bibliċi, hemm tweġibiet teoloġiċi u hemm ukoll tweġibiet storiċi, marbutin mal-istorja, b'mod speċjali mal-Belt Eterna ta' Ruma. Jien dalgħodu ser nagħżel żewġ ħsibijiet bibliċi u nfissirhomlkom flimkien, biex nitgħallmu u nitolbu lil dawn il-qaddisin, il-prinċpijiet, il-kolonni tal-Knisja, biex ikomplu jgħinuna u jwassluna sa għand Kristu.

Kien Kristu, ħuti l-għeżież, li kemm lil Pietru u kemm lil Pawlu, sejħilhom għal warajh. Dan huwa fatt bibliku ċar u ċentrali. Lil Pietru wara qabda mirakoluża ta' ħut ħdejn l-għadira tal-Galilija, ilma ħelu, isejjaħlu għal warajh. Lil Pawlu sejjer lejn Damasku ikellmu u lil Ħananija jgħidlu: 'Dan huwa għodda magħżula minni biex iwassal ismi quddiem il-ġnus u s-slaten u quddiem ulied Iżrael.' (Atti 9, 15). Kristu sejħilhom. Imma Kristu kien sejjaħ oħrajn. Hemm xi ħaġa oħra partikulari li Kristu taha, assenjaha biss lil dawn iż-żewġ Appostli. Fuq dan sejjer nibbaża: Kristu, kemm lil Pietru u kemm lil Pawlu, sa minn din id-dinja stess uriehom, dewwaqhom, ħadhom biex jitgħaxxqu l-għaxqa tas-sbuħija tal-Ġenna: il-glorja, il-premju li qiegħed jistenna lil kull wieħed u waħda minna.

## L-Esperjenza ta' Pietru

Ġesù fejn dewwaq din is-sbuħija lil Pietru? F'dik ix-xena tat-Trasfigurazzjoni, tal-bidla. San Mattew jibda l-kapitlu sbatax, vers wieħed, b'dawn il-preċiżi kelmiet: 'Sitt ijiem wara, Ġesù ħa miegħu lil Pietru u 'l Ġakbu u 'l ħuħ Ġwanni, tellagħhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom.' (Mt 17, 1-2) Imma nistaqsu: San Mattew għax beda dan ir-rakkont: 'Sitt ijiem wara'? Mela sitt ijiem qabel x'kien ġara? Kienet ġrat proprju s-silta tal-Vanġelu li għadna kemm smajna (Mt 16, 13-19).[1] Ġesù qiegħed f'post: Ċesarija ta' Filippi, jistaqsihom u Xmun, imqanqal, imnebbaħ mill-ispirtu qaddis, jgħidlu: 'Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj.' (Mt 16, 16). U hemmhekk Kristu jgħidlu: 'Inti Pietru' – blata (Mt 16, 18). Issa hemmhekk, ħdejn Ċesarija ta' Filippu, huwa mdawwar bil-blat żonqor. Sitt ijiem wara, Pietru jsib ruħu fuq il-muntanja għolja u jara u jisma'. X'ra Pietru? Ra l-wiċċ ta' dan Ġesù jiddi bħax-xemx. Ra lil ħwejġu bojod bħas-silġ. Ra lil Mosè u lil Elija jitkellmu miegħu. Ra sħaba ddellel u tgħattihom. U x'sema' Pietru? Pietru sema' dak li sitt ijiem qabel qallu f'Ċesarija ta' Filippi. F'Ċesarija ta' Filippi Pietru qallu: 'Inti l -Messija, Bin Alla l-ħaj.' (Mt 16, 16) Issa fuq it-Tabor dan qed jikkonfermah Alla l-Missier li jgħid: 'Dan hu ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu.' (Mt 17, 5).

Pietru kien ilu sentejn u nofs magħluq ma' Ġesù, għax il-

1 Meta wasal fl-inħawi ta' Ċesarija ta' Filippu, Ġesù staqsa lid-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Min jgħidu n-nies li hu Bin il-bniedem?" U huma weġbuh: "Xi wħud, Ġwanni l-Battista; oħrajn, Elija; u oħrajn, Ġeremija jew wieħed mill-profeti." Imma intom min tgħidu li jien?" staqsiehom. U qabeż Xmun Pietru u qallu: "Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj." U Ġesù wieġbu u qallu: "Hieni int, Xmun bin Ġona, għax mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet. U jiena ngħidlek: Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex. Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kulma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kulma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet." Imbagħad lid-dixxipli tiegħu wissiehom biex ma jitkellmu ma' ħadd fuq li huwa l-Messija.

ġrajja tat-Tabor fl-aħħar sitt xhur tal-ħajja ta' Kristu seħħet. Iżda qatt ma kien rah f'dik id-dehra. Qatt ma kien ra lil Kristu mibdul f'dik is-sbuħija. Pietru fuq it-Tabor kien qed iduq is-sbuħija, il-glorja tal-Ġenna. Kien qiegħed jara min tassew hu Ġesù. Qatt ma kien rah hekk. Tant hu veru li Pietru meta ra dik ix-xena bis-sħaba niżlet fuq dik il-muntanja, imur joħroġ b'dik l-espressjoni u jgħidlu: 'Kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija.' (Mt 17, 4)

Nistaqsu: Pietru, f'dak il-mument ta' glorja, li kien għadu qatt ma ra bħalu, għaliex talab lil Ġesù li jibni għarix? Għax ma qallux nibnu għorfa, għax ma qallux nibnu girna, għax ma qallux nibnu sala u noqogħdu hawn? Għaliex għarix? Irridu mmorru fl-Antik Testment biex nispjegaw din il-kelma.

Meta Mosè kien miexi bil-poplu Lhudi mill-Eġittu, fid-Deżert tas-Sinaj, fost l-oġġetti kellhom l-Arka. L-Arka kienet tfisser 'Alla preżenti magħna.' U meta kienu jieqfu għal numru ta' ġimgħat, anke xhur, kienu jifirxu t-twapet fuq ir-ramel. Orbtu din ix-xena tat-twapet max-xena ta' meta Kristu kien dieħel Ġerusalemm u n-nies ta' Betfaġe firxulu t-twapet. Araw l-Antik Testment mal-Ġdid Testment, kemm jaqbel. Jifirxu t-twapet, ipoġġu bir-rispett l-Arka u fuq l-Arka kienu jibnu għarix; jew taċ-ċarruta jew tal-ġild. Fuq din l-Arka kienet tinżel sħaba u ddellel – tagħmel id-dell fuq l-Arka. Mosè – il-kap, ir-responsabbli – kien jidħol 'il ġewwa mill-għarix u jiġi wiċċ imb wiċċ mal-Arka. Il-ktieb tal-Eżodu jgħidilna li Mosè kien jitkellem wiċċ imb wiċċ ma' Alla – minn fuq l-għatu –il-*kapporet*, il-*hilasterion* – tal-Arka. Mosè tant kien jidħol f'intimità ma' Alla li l-ġilda ta' wiċċu kienet tkun tleqq b'tali mod u manjiera li xħin kien joħroġ 'il barra mill-għarix in-nies ma kinux jistgħu jħarsu lejh imma kien ikollu jagħmel velu quddiem wiċċu. Għaliex? Għax Mosè kien jiltaqa' ma' Alla.

Issa dawn l-affarijiet, il-poplu tal-Ġdid Testment, inkluż Pietru, kienu jafuhom. Allura Pietru quddiem dik ix-xena tat-Tabor ftakar fil-glorja, fis-sbuħija, fid-divinità li Mosè kien ikollu meta jidħol 'il ġewwa mill-għarix u jiltaqa' ma' Alla. Ħa nagħtikom prova ta' kemm il-kelma għarix tfisser divinità – Alla fostna. Meta San Ġwann l-Evanġelista jikteb il-prologu u jikteb dak il-vers li San Ġorġ Preca kellu tant imħabba u devozzjoni lejh – u jien nirrakkomandalkom ħuti l-għeżież dawk il-kelmiet inqimuhom – *Et verbum caro factum est*, 'il-Verb sar bniedem u għammar fostna.' (Ġw 1,14). Kieku jkollna nittraduċu l-Grieg kelma b'kelma, irridu nittraduċu 'l-Iben t'Alla sar (ἐγένετο) laħam, u għamel l-għarix tiegħu fosta (Ϗαί ἐσϏηνωσεν ἐν ἡμῖν)', jiġifieri San Ġwann l-Evanġelista, it-Teologu per eċċellenza tat-Testment il-Ġdid bil-kelma 'għarix' qiegħed jara d-divinità, qiegħed jara l-Iben ta' Alla. Alla bagħat lil Ibnu, bagħtilna dan l-għarix fostna. U allura Pietru fuq it-Tabor jitlob lil Alla sabiex huwa joqgħod ġo dak l-għarix għax hemmhekk hemm id-divinità.

Xi ħaġa oħra interessanti. Meta San Ġlormu, saċerdot, kien qiegħed jittraduċi l-Bibbja mil-Lhudi għal-Latin, dik li aħna nsejħulha l-*Vulgata*, kien qiegħed f'Betlehem ġo għar. Qegħdin bejn A.D. 390 u 410. San Ġlormu ttraduċa l-Bibbja, l-Antik Testment billejl u bil-moħbi. Meta kien jiltaqa' mal-kelma הכוס (sukkah), bil-Lhudi 'għarix', plural תוכוס (sukkot) li tfisser 'għerejjex', tafu x'kelma bil-Latin kiteb? *Tabernaculum* – tabernaklu. Mela bit-tabernaklu tagħna għandna l-għarix ta' Alla fostna, b'differenza l-aktar kbira: waqt li l-għarix tat-Testment il-Qadim kien simbolu, fl-għarix tagħna, fit-tabernaklu tagħna, għandna lil Alla magħna. Għalhekk Pietru fuq it-Tabor jitlob li huwa jibni għarix għax induna li hemmhekk hemm il-preżenza t'Alla fostu.

## L-Esperjenza ta' Pawlu

Niġu għal San Pawl. Anke dan, u forsi iktar, kellu l-privileġġ speċjali li jiggosta s-sbuħjia tal-Ġenna. Wara li kkonverta San Pawl, għal tliet snin sħaħ, kif jgħidilna fl-Ittra lill-Galatin (Gal 1, 16) huwa mar jagħmel tliet snin fid-deżert tal-Għarabja. Hemmhekk x'kien jagħmel San Pawl?

I. L-ewwel, kien jitkellem man-nies, jgħallimhom b'mod diskret.
II. It-tieni, kien jaħdem it-tined biex ibiegħhom u jaqla' xi ħaġa tal-flus, biex 'il quddiem meta jmur jipprietka ma jkunx ta' piż, kif qal lit-Tessalonkin: 'ħdimna u tħabatna u batejna biex ma nkunu ta' piż għal ħadd minnkom.' (2 Tess 3, 8)
III. It-tielet, matul dawk it-tliet snin, Pawlu kien jidħol f'talb. Kien jidħol f'rivelazzjoni l-aktar kbira ma' Alla. San Ġwann Kriżostmu, dak li l-aktar li kkummenta u ħabb lil San Pawl, jgħidilna: Ġesù kien jinżel ikellmu, kien jinżel jurih, kien jinżel jirrivelalu, jekk ukoll mhux jieħdu miegħu. Pereżempju fl-Ewwel Ittra lill-Korintin, meta jitkellem mill-Ewkaristija, Pawlu jgħid: 'Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom ...' (1 Kor 11, 23). Dak il-verb 'irċevejt', Pawlu meta rċevieh? Matul dawk it-tliet snin li fihom Ġesù kien jinżel ikellmu.

Imma ejjew nieħdu t-test qawwi ta' San Pawl fit-Tieni Ittra lill-Korintin. Pawlu jikteb: '...imma niġu għall-viżjonijiet u r-rivelazzjonijiet. Naf wieħed, jemmen fi Kristu, li erbatax-il sena ilu kien meħud sat-tielet sema ... u naf li dan il-bniedem kien meħud il-ġenna.' (2 Kor 12, 1-3). Il-Grieg jaqra 'παράδεισον' (paradeison), bil-Latin: '*paradisum*' u bl-Ingliż ġiet '*paradise*' mill-Grieg. U jkompli Pawlu: '... u sama' jingħadu ħwejjeġ li ma jitfissrux bil-kliem u li ebda bniedem ma jista' jgħidhom.' (2 Kor 1, 4) Xi kliem

qawwi! F'din is-silta hemm kelma li lili ħassbitni ftit: il-kelma 'παράδεισον' (paradeison). U jiena għidt: ħalli nara kemm-il darba hija miktuba fit-Testment il-Ġdid din il-kelma. Ftaħt il-Konkordanza Griega u sibt li din il-kelma 'παράδεισον' (paradeison) jew ġenna, hija miktuba darbtejn biss. Fit-Tieni Ittra lill-Korintin li jiktibha Pawlu u darba oħra jsemmiha biss Ġesù propju fl-aħħar mumenti tiegħu meta kien għeri fuq is-salib. Tafuha x-xena. Wieħed mill-ħallelin jiddefendih lil Ġesù u lill-ieħor jgħidlu: 'Tagħna hija ġusta, tassew ... imma dan m'għamel xejn ħażin.' (Lq 23, 41) Imbagħad jaqra dik l-iskrizzjoni li kiteb Pilatu u li waħħluha fuq is-salib: 'ישוע הנוצרי ומלך היהודים' (*Yeshua Hanotsri Wemelek Hayehudim*) li tfisser 'Ġesù Nazzarenu Sultan tal-Lhud'. U dak qrah dan il-kliem u qal: dan huwa sultan. Idur fuqu u jgħidlu: ' ... ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek.' (Lq 23, 42) U Ġesù hawnhekk jużaha din il-kelma u jgħidlu: 'Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi.' (Lq 23, 43)

Tliet versi lura Pawlu jmur jikteb hekk: 'U li ma mmurx nintefaħ bija nnifsi minħabba fil-kobor tar-rivelazzjonijiet, tqegħditli xewka f'ġismi messaġġiera tax-Xitan ...' (2 Kor 12, 7) Fl-Ewwel Ittra lill-Korintin jgħidilhom 'għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak Alla lesta għal dawk li jħobbuh.' (1 Kor 2, 9) Xi kliem, ħuti l-għeżież, tal-Appostlu Pawlu, meta huwa daq is-sbuħija tal-Ġenna – il-pajjiż tagħna. Ħuti għeżież, din hija tagħlima profonda għalina lkoll: nitħabtu kemm nitħabtu huwa gwaj jekk inneħħu minn moħħna, mill-ħsieb tagħna, dan l-iskop: li nsalvaw ir-ruħ tagħna – li rridu mmorru fejn hemm Pietru u Pawlu fil-glorja tal-Ġenna. San Ġorġ Preca għandu sentenza sabiħa li s-soċji u l-kandidati jgħiduha kull nhar ta' Ħamis filgħaxija meta jersqu jbusu l-wiċċ imqaddes bħala tpattija: 'O siegħa feliċi,' jikteb Dun Ġorġ Peca, 'o siegħa feliċi, meta aħna naraw il-wiċċ tant mixtieq li jifforma l-għaxqa tal-qaddisin.' Jalla dan il-kliem, ħuti l-għeżież, ngħiduh aħna meta nidhru għall-ewwel darba quddiem Ġesù. Dak il-wiċċ li Pietru u Pawlu tant ippritkawh u batew għalih.

## Il-Kobor tar-Rivelazzjoni lill-Pietru u Pawlu

Pietru u Pawlu għandhom paġna fil-ħajja tagħhom li fiha ttradew lil Kristu, imma mbagħad inbidlu. Pietru jinsab fil-bitħa tal-Qassis il-Kbir. Kien daħħlu sieħbu Ġwanni u tinsab fl-Evanġelju ta' San Ġwann kapitlu tmintax. Hemmhekk Pietru ġie akkużat minn tlieta min-nies: 'Int m'intix ukoll wieħed mid-dixxipli ta' dan ir-raġel?' (Ġw 18, 17) Pietru mbeżża', imwerwer, jiċħad li jafu lil Ġesù. Jidden is-serduk, allura qegħdin bejn wieħed u ieħor fit-tlieta ta' filgħodu. Is-suldati kellhom jieqfu mix-xogħol tagħhom, jibdlu lil xulxin. Allura ħadu lil Ġesù minn għand is-Sinedriju għall-ħabs. Ġesù dam bejn tliet sigħat u erba' sigħat u nofs fil-ħabs sa xħin jisbaħ filgħodu biex iressquh għand Ponzju Pilatu. Waqt li kienu għaddejjin b'Ġesù, għajnejn Ġesù jiltaqgħu m'għajnejn Pietru. Pietru kien għadu fil-bitħa. Hu jinduna u l-vanġelu jgħidilna: 'U ħareġ jibki biki ta' qsim il-qalb.' (Mt 26, 75) Saydon jittraduċi 'biki tad-demm'.

Issa nagħtu każ Pietru xħin ġie mistqosi mar qalilhom 'Iva jiena nafu', x'kien jiġri minn Pietru? Kienu jaqbduh, jorbtuh u minn ġol-bitħa idaħħluh fis-sala quddiem is-Sinedriju. Immaġinaw kieku l-Qassis il-Kbir dar fuq Pietru u jistaqsih: 'Inti lil dan tafu?' Pietru x'kien sejjer iwieġeb f'dak il-mument? Sejjer forsi jixli lil Ġesù li tant kien iħobb? Dak li erba' sigħat qabel kien qiegħed jiekol miegħu l-Ħaruf tal-Għid? Dak li erba' sigħat qabel Ġesù jgħidlu: 'Xmun! Xmun! Ara, ix-Xitan riedkom f'idejh biex jgħaddikom mill-għarbiel bħall-qamħ; imma jien tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa. Inti mbagħad, meta terġa' lura għas-sewwa, wettaq lil ħutek.' (Lq 22, 31-32) Il-Qassis il-Kbir jistaqsih u jgħidlu: 'Dan qalilna biex inwaqqgħu t-tempju u li jerġa' jibnih fi tlett ijiem. Int, Pietru, smajtu jgħid dan?' Issa meta l-Lhud kont issemilhom it-tempju ta' Ġerusalemm, ma kienx *għad baqa' fejn tasal. X'sejjer iwieġeb Pietru ħuti l-għeżież? Sejjer forsi Pietru b'dak li jgħid jikkundanna lil Ġesù l-ħabib tiegħu, lil dak li huwa tant kien iħobb? U allura Pietru ddeċieda li jgħid li ma jafux. Ejjew ma ngħaġġlux nikkundannaw lil Pietru. Ejjew ma ngħaġġlux inpittrulu serduk kbir lil Pietru. Is-serduk għandna bżonn inġorruh aħna. Aħna għandna bżonn nagħmlu bħal Pietru u nimitawh fl-indiema sinċiera tiegħu.*

Pawlu sejjer Damasku għax sema' li numru ta' Lhud bħalu qalbu mir-reliġjon li tahielhom Alla veru. Alla kien taha lil Mosè: ir-reliġjon tal-profeti, ir-reliġjon tal-festi l-kbar. Iktar u iktar meta Pawlu sema' li dawn qegħdin mexjin wara reliġjon li l-fundatur tagħha spiċċa msallab. Skont id-Dewterenomju huwa misħut minn Alla min imut imdendel mas-salib. (Dt 21, 22-23) Kif jista' jkun qatt li dawn ħutna Lhud sejrin jiċħdu t-twemmin biex jimxu wara t-twemmin ta' wieħed imsallab? Imma nafu x'ġara. Jiltaqa' ma' Kristu u minn dik is-sena 32 sas-sena 67 – jiġifieri 35 sena sħaħ – Pawlu ma waqaf qatt ixandar, jipprietka, ibati, isofri għal Kristu, billejl u binhar. Ħames darbiet ħa mingħand il-Lhud l-erbgħin daqqa u tliet darbiet ħa l-flaġellazzjoni krudila tar-Rumani. Huwa stess mar jgħid li bilkemm kellhom ħwejjeġ fuqhom għax mhux darba u tnejn li ċarrtulu ħwejġu. Bir-raġun kollu lill-Korintin imur jiktbilhom u jgħidilhom dawk il-kelmiet li intom għandkom miktubin fil-koppla: '... sirna spettaklu għad-dinja, għall-anġli u għall-bnedmin.' (1 Kor 4, 9).

## Konklużjoni

Pawlu u Pietru, it-tnejn li lilhom Kristu sa minn din id-dinja stess dewwaqhom is-sbuħija li hemm fil-Ġenna. Għalhekk il-Knisja llum tagħmel din il-festa flimkien tal-prinċpijiet tal-Appostli, tal-ħarriesa tagħkom, il-protetturi tagħkom San Pietru u San Pawl.



VELLA GARAGE

SILENCER REPAIRS
TYRE SERVICE
CAR SERVICING
METAL & STAINLESS STEEL WORKS

Hida Street, Nadur, Gozo.
Tel: 2155 5245 • Mobile: 9942 5653





IĊ-ĊIMA

ROOF GARDEN RESTAURANT

*Ikel mill-aqwa, atmosfera familjari u prezzijiet li jlaħħaq magħhom kulħadd*

St. Simon Street,
Xlendi - Gozo - Malta.
www.starwebmalta.com/cima.htm

Tel: 21558407
Fax: 21556737
Mob: 99558407
99877510

FAMILY NEEDS

Boutique

Pjazza Arċ Martin Camilleri

Household goods

*Nadette Muscat*

M & J Garage

**Qortin Street, Nadur, Gozo. Tel: 2156 2771, Fax: 2156 4997**
**Mob: 9945 9772 / 9947 9590.**
*for Professional Painting, Colour Matching,*
*Panel Beating, Rust Reapir & Baking Spray*

**Car Rental**



FREEWAY PLUS

- GIFT SHOP
- STATIONARY
- PHOTOCOPING
- SCANNING
- PASSPORT PHOTOS
- WOOL / KNITTING SUPPLIES

# L-ARĊIPRIET KAN. MARTIN CAMILLERI
*100 sena minn mewtu*

## Min kien Dun Martin Camilleri?

Iben Anġlu u Tereża mwielda Camilleri li twieled fis-27 ta' Awwissu 1873 u ġie mgħammed dakinhar stess mill-Kappillan Dun Ġwann Battista Grech u mogħti l-ismijiet ta' Karmelu, Albert u l-aħħar isem li baqa' jissejjaħ bih, Martin.

Ta' eta' żgħira daħal fis-Seminarju biex ikompli l-istudji tiegħu għas-Saċerdozju. Hawn hu kien jipprometti ħafna mhux biss fl-istudju, imma fl-imħabba tiegħu għal dak kollu li kien tal-Knisja u ġie magħżul ukoll Prefett tal-Kongregazzjoni Marjana, bħas-Suċċessur tiegħu l-Arċipriet il-Kan. Anton Camilleri. Ritratti ta' dawn il-Prefetti wieħed għadu jista' jarahom fis-Seminarju Djoċesan ma' dawk kollha li kienu jieħdu ħsieb il-Kongregazzjoni Marjana. F'dawk is-snin ta' wara li l-Knisja Arċipretali tan-Nadur saret Kolleġġjata u qabel ordnat Saċerdot, Dun Martin sar ukoll l-ewwel Teżorier tal-Kapitlu Naduri.

Meta kellu biss 14-il sena hu beda t-triq għas-saċerdozju. Wara li temm l-istudju tiegħu fis-Seminarju Minuri daħal fis-Seminarju Maġġuri, libes is-suttana u minn idejn l-Isqof Pietru Pace u l-Isqof Giovanni Maria Camilleri, l-istudent Martin irċieva l-ordinazzjonijiet minuri u anke dik tal-Ordni Sagri meta Mons. Isqof Giovanni Maria Camilleri, wara li ġablu dispensa mill-Papa Ljun XIII għax kien għad ma għalaqx iż-żmien rikjest mill-Knisja, ordnah Saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1894 fil-Knisja Katidrali ddedikata lil Santa Maria mtellgħa fis-Sema

Immedjatament wara l-ordinazzjoni, zijuh l-Arċipriet Dun Ġwann Camilleri, bagħtu jkompli l-istudju tiegħu ġewwa l-Università Pontifiċja Gregoriana ta' Ruma, minn fejn akkwista d-dottorat fit-Teoloġija Dommatika, li kien rikjest mill-Bolla tal-Kolleġġjata, biex wieħed isir Arċipriet.

Matul iż-żmien li dam f'Ruma, is-Saċerdot Novell Dun Martin b'xorti tajba ltaqa' ma' persuna li fil-futur kellu jkun l-arkitett tat-tkabbir tal-Knisja tan-Nadur, Franġisku Saverju Sciortino. Saru ħbieb kbar, kienu ta' sikwit jiftehmu u joħorġu flimkien jammiraw is-sbuħija tal-bażiliċi u monumenti kbar li bihom hi miżgħuda l-Belt Eterna ta' Ruma.

Lura fin-Nadur, Dun Martin kien biex ngħid hekk l-id il-leminija ta' zijuh l-Arċipriet Dun Ġwann Camilleri, li minn naħa tiegħu dan għamel petizzjoni lil Papa Ljun XIII ħalli Dun Martin jiġi magħżul Arċipriet Suċċessur tiegħu, tant li fil-5 ta' Awwissu 1909 innominah kuġitur tiegħu. Kważi sena wara, propju fit-12 ta' Ġunju 1910, wara l-mewt tal-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata, Dun Martin meta kellu biss 37 sena, ħa l-Pussess bħala t-Tieni Arċipriet tal-Kolleġġjata.

L-Arċipriet Camilleri kien mhux biss eżaminatur tal-Kleru, imma fis-sena 1919 l-E.T. Mons. Camilleri ħatru bħala Vigarju Foranju għall-Parroċċi tal-Lvant tad-Djoċesi, i.e. dik tan-Nadur, ta' Għajnsielem, Qala u Kemmuna. L-awtur ta' dan l-artiklu, għandu f'idejh uħud mir-relazzjonijiet li l-Arċ. Dun Martin kien jagħmel lil Mons. Isqof dwar dawn il-Parroċċi, relazzjonijiet li jitfgħu tagħrif importanti dwar dawn il-Parroċċi kif ukoll dwar Dun Martin f'dawk iż-żminijiet.

F'dawn ir-rapporti Dun Martin kien jirrapporta dak li kien isib, jara u jwettaq f'dawn il-visti, bil-kummenti wkoll min-naħa tal-Isqof Camilleri.

## Il-Ħidma Tiegħu Bħala Arċipriet tan-Nadur.

Il-Parroċċa b'mod speċjali kienet il-mimmi ta' għajnejh. Ħarsa ċkejkna lejn it-Tempju tan-Nadur, hi biżżejjed biex wieħed jifhem b'liema dedikazzjoni u żelu Dun Martin wettaq dmiru lejn il-Knisja tiegħu. Mhux biss, imma b'liema kuraġġ huwa ħadem bla heda biex lin-Nadurin ta' wara ħallielna dak li llum qegħdin ingawdu, nistgħu ngħidu bla ma niżbaljaw li Dun Martin għamel l-għeġubijiet b'mod speċjali meta f'dawk iż-żminijiet meta ma kien hawn xejn ħlief għaks u tbatija. Kellu raġun ħabibu l-Arkitett Sciortino jistqarr wara mewtu "*li kieku ma kienx Dun Martin, il-Knisja tan-Nadur ma kinitx tkun dik li hi*". U dan ma ngħiduhx biss għal dak li bi tbatija kbira wettaq fit-tkabbir u tiżjin tal-Knisja, imma aktar minn hekk u b'mod speċjali għall-kura Spiritwali u Pastorali li wettaq b'risq il-poplu afdat f'idejh.

Dwar il-ħidma ma taqta' xejn ta' Dun Martin biex ikabbar u jżejjen il-Knisja, ħidma li swietlu tant tbatija, ta' min jgħid li barra d-diffikultajiet finanzjarji, l-Arċipriet Camilleri kellu jħabbat wiċċu ma' bosta oħrajn.

L-ewwel problema kienet dwar il-ġebel meħtieġ li ried jinqata' minn żewġ barrieri 'l bogħod minn Nadur, qrib it-Torri ta' Santa Ċeċilja fil-limiti tax-Xewkija. Waħda minn dawn il-barrieri ġiet offruta minn Dun Franġisk Cassar li twieled fit-territorju tan-Nadur u kien mgħammed fl-istess Knisja. Dan is-Saċerdot kellu devozjoni u mħabba kbira lejn l-Appostli San Pietru u San Pawl u l-Knisja ddedikata

lilhom.
Saċerdot ieħor, din id-darba Malti, kien Dun Anton Agius, Kanoniku tal-Kolleġġjata tal-Birgu li kien joqgħod Tas-Sliema. Dan il-Kanoniku għadda lil Dun Martin biċċa raba' oħra biex minnha jieħu l-ġebel li kellu bżonn. Lil dan il-Kanoniku, Dun Martin sejjaħlu "*benefattur insinji*" li flimkien ma' Dun Franġisk hawn fuq imsemmi, l-Arċipriet Camilleri offrielhom Kanonikat Onorarju fil-Kolleġġjata tiegħu. Imma waqt li Dun Franġisk ma aċċettax din l-offerta minħabba l-anzjanità tiegħu, l-Kanoniku Agius aċċettaha u ta' kull sena kien jiġi jieħu sehem fil-funzjonijet kollha tal-festa tal-Imnarja.

Problema oħra kbira kienet dwar il-ġarr tal-ġebel mill-barrieri lejn in-Nadur. Ta' min jgħid li mill-post ta' fejn kienu dawn il-barrieri sal-post fejn kienet qed titkabbar il-Knisja kien hemm mhux biss il-bogħod, imma t-tlajja u dakinhar mezzi tat-trasport kien għad m'hawnx.

L-Arċipriet Dun Martin kien jitlob lil dawk kollha li ta' kull filgħodu min-Nadur kienu jniżżlu l-frott l-Imġarr biex jibgħatuh lejn Malta, ħalli lura lejn in-Nadur ikomplu sejrin lejn il-barrieri biex jgħabbu xi ġebel fuq il-karrettuni tagħhom u jwassluhom fin-Nadur. Kien hu stess li ħadem karru li jinġibed bil-ħbula ħalli oħrajn, li Dun Martin kien ta' kull filgħaxija jmur fil-ħwienet tax-xorb fil-lokal tiegħu biex iħajjarhom imorru jiġbdu xi ġebel lejn in-Nadur. Dan ix-xogħol kienu bdew jagħmluh anke xi nisa Nadurin, imqanqlin mill-ħeġġa u l-eżempju tal-Arċipriet tagħhom.

Barra l-ġebel, Dun Martin kellu bżonn ukoll tal-injam għall-impalkatura tas-saqaf u tal-Koppla. Għal dan il-materjal, instab benefattur ieħor ċertu Ġużeppi Portelli, li għalkemm kien Naduri, mar joqgħod Malta. Ġużeppi kien magħruf bħala bniedem karitattiv, tant li meta mitlub, mhux biss offra l-injam neċessarju, iżda saħansitra kien iwasslu minn Malta għal-Għawdex bil-lanċa tiegħu hu stess. (APN,Mort.V,f.9).

## Problemi oħra:

Il-Popolazzjoni tan-Nadur f'dawk iż-żminijiet kienet ta' madwar 3,500. Kien hemm ħafna nuqqas ta' xogħol, ma ninsewx kien żmien qabel l-ewwel gwerra dinjija, l-ispejjeż kienu kbar wisq u Dun Martin xtaq li ma jintilifx żmien biex jara l-opra tat-tkabbir tal-Knisja titlesta minn kollox. Kemm Sciortino kif ukoll Pawlu Falzon li f'idejhom Dun Martin ħalla x-xogħol, ma tantx kienu qegħdin jaraw futur sabiħ għalihom u għall-familthom f'Malta, tant li bdew jaħsbu li jemigraw. Anke ċ-ċesellatur Piju Cellini ma xtaqx jgħaddi ħafna żmien barra pajjiżu l-Italja, xi ħaġa li ħassbet ħafna lill-Arċipriet Dun Martin.

Il-Poplu Naduri mħeġġeġ miż-żelu ta' Dun Martin ma waqaf qatt jikkontribwixxi mill-ftit li kellu, u għalkemm id-dejn dejjem taqqal moħħ Dun Martin, hu kien jagħmel kuraġġ. F'waħda mill-visti parrokkjali li kien jagħmel dan l-Arċipriet bħala Vigarju ħalla miktub dwar id-dejn li kellu mal-ħaddiema u arkitetti tal-Knisja, tant li l-istess Isqof Camilleri obbligah biex jieqaf ikompli x-xogħol qabel jifdi dak id-dejn. Dun Martin min-naħa tiegħu kien jirrispondi lill-Isqof "Ħallini nkompli avolja għandi d-dejn, għaliex jekk il-poplu ma jarax il-progress fix-xogħol jieqaf u mhux biss, *imma dak li qegħdin nagħmlu qed jiġi mfaħħar u apprezzat minn ħafna anke Maltin*." Kien bniedem li l-imħabba tiegħu lejn il-Knisja mlietu bil-kuraġġ qalb tant faqar. "*Dun Martin qatt ma qata' qalbu, għax kien jaf li l-Poplu jappoġjah u kien jifraħ meta jara l-opri li kienu qegħdin isiru waħda fuq waħda. Kull opra ġdida kabbret il-ġenerożità ta' wlied din il-Parroċċa*" (In-Nadur Vol. II, Patri Alessandro Bonniċi Paġ.269).

Il-Professur Sciortino ħalla miktub:- "*Il-ġarr tal-ġebel mill-barrieri baqa' sejjer tul iż-żmien kollu tal-bini tal-knisja, il-Poplu mħeġġeġ mill-eżempju ta' Dun Martin li ma kien jgħeja qatt u li ngħata b'ruħu u ġismu biex il-knisja jaraha lesta għal kollox... l-irġiel u n-nisa kienu donnhom b'pika bejniethom biex iġorru l-ġebel lejn in-Nadur, għalihom dan kien qisu divertiment. Ix-xogħol fil-Ħdud u fil-Festi kien ir-rigal tagħhom lill-Knisja* u lil San Pietru u San Pawl". (AKN,Tagħrif Sciortino,f.3). Eżempju ta' dan kien meta wieħed mill-karrijiet imgħobbi bil-ġebel weħel fit-tajn, kienu s-suldati Ingliżi stazzjonati fin-Nadur li għenu biex dan jinqala'.

## Ħidma Pastorali:

Waqt ix-xogħol kollu tat-tkabbir tal-Knisja, l-Arċipriet Dun Martin ma waqafx jaqdi dmiru wkoll bħala Ragħaj Spiritwali u Pastorali tal-Parroċċa. In-Nadur ta' dari kien jiġbor fih baħrin, bdiewa u sajjieda, li Dun Martin kien dejjem pront jieqaf magħhom meta xortihom tathom fuq wiċċhom, meta bil-kelma persważiva tiegħu u bil-pinna kien jaqbeż għalihom. Fejn tidħol ir-reliġjon u kura spiritwali tal-poplu, speċjalment l-osservanza tad-dmirijiet spiritwali u l-frekwenza tas-sagramenti, Dun Martin kien skrupluż u rigoruż, tant li l-Isqof ta' dakinhar talbu biex mad-dixxiplina li qatt ma kienet nieqsa fih, hu jżid fid-doża tal-ħlewwa. Minħabba f'hekk, l-Arċipriet Dun Martin, li kien jaf li hu dgħajjef f'saħħtu, baqa' jittama fis-Saċerdoti tiegħu li min-naħa tagħhom u b'imħabba u responsabbiltà qasmu u refgħu miegħu l-piż tal-problema.

Dun Martin li kien bniedem attiv ħafna u nistgħu ngħidu baqa' jaħdem b'enerġija kbira sa ftit xhur 'il bogħod minn

mewtu, beda jħoss s-saħħa tonqsu, tant li l-ħabib tiegħu l-Pittur Lazzaro Pisani fit-8 ta' April tas-sena 1917, kitiblu ittra fejn urieh li xtaq ħafna jkun jaf kif kien f'saħħtu u li xtaq ħafna jasal wasla f'Għawdex biex jarah, anzi qallu "*nispera li issa inti f'saħħtek u għaddielek kollox*".

Ftit żmien wara din id-data, f'ittra miktuba minnu stess u li ġġib id-data tas-26 ta' April 1919 jistqarr: "jiena ntlaqatt minn attakk tremend ta' influwenza, amministrawli wkoll l-aħħar Sagramenti, il-mewt tiegħi kienet kważi ċerta, imma għal darb'oħra ħlista u ta' dan inrodd ħajr għat-talb li sar għalija mill-popolazzjoni kollha".

Akkost ta' dan meta rritorna fil-Parroċċa, l-Arċipriet Martin baqa' jaqdi dmirijietu kollha, tant li fis-sena ta' wara, wettaq it-tberik kollu tal-Għid waħdu. Kien hawn li l-Arċipriet Camilleri ħa riħ qawwi ieħor ta' influwenza li kkawżalu infjammazzjoni fil-pulmun u li minnu qatt ma rpilja.

Meta kellu madwar 47 sena huwa ngħalaq f'daru, imma xorta waħda baqa' jipproġetta l-opri li kellhom isiru fil-Knisja, tant li kien f'dan iż-żmien li xtara minn Ruma, katina bħal dik li wieħed jista' jara fil-Bażilka ta' San Pietru in Vinculi ta' Ruma. Għal din il-katina, hu ordna minn Bolzano fl-Italja, urna biex ipoġġiha fiha u akkwista wkoll żewġ relikwi tal-kolonni tal-Martirju ta' San Pietru u San Pawl, li fil-bidu, l-ewwel kienu fil-pedestal tal-Istatwa Titulari, wara tpoġġew f'din l-urna, fejn għadhom hemm sal-lum. Dun Martin ma kellux ix-xorti jara u jgawdi s-sbuħija ta' din l-urna għax din waslet in-Nadur, propju f'jum il-mewt tiegħu, 8 ta' Settembru 1921.

## Tmiem ta' ħajtu.

L-Arċipriet Dun Martin ġie rikoverat fl-Isptar Zammit Clapp li kien f'idejn il-Blue Sisters, u minn fejn hu ma ħariġx iżjed, tant li din id-darba, il-Kanoniku Dun Anton Camilleri ġie magħżul bħala Vigarju Kurat tan-Nadur, biex f'isem Dun Martin, imexxi l-Parroċċa.

Meta l-Arċipriet Dun Martin kellu jiġi operat, fil-Parroċċa sar talb speċjali għall-bżonnijiet tiegħu, tant li ġie espost s-Sagrament fil-Kolleġġjata biex il-Poplu jitlob għalih. Fi kliem Dun Martin stess l-operazzjoni rnexxiet imma qatt iżjed ma ħa r-ruħ.

Ta' bniedem li kellu għal qalbu l-knisja Parrokkjali, hu baqa' dejjem ħsiebu f'dak li kien qiegħed isir fil-knisja tiegħu, tant li f'ittra miktuba lill-Kanoniku Dun Ġwann Portelli, li kien l-id il-leminija tiegħu f'dak kollu li kien qiegħed isir fil-Knisja, kellmu fit-tul dwar x-xogħlijiet li kienu qegħdin jitwettqu b'mod speċjali l-pittura.

Għall-Arċipriet Camilleri wasal ukoll il-mument tat-tluq minn din id-dinja, meta għalkemm fl-ewwel ġranet ta' Settembu saritlu operazzjoni oħra, fit-8 tal-istess xahar, festa tat-twelid tal-Bambina, ġarrab emoraġija interna u miet fl-10.00a.m. meta kien għadu lanqas għalaq l-etá ta' 48 sena.

Fuq talba ta' żewġ ħbieb kbar tiegħu u li kienu ħadmu fil-Knisja tan-Nadur, Ġanni Bonnici u Pawlu Bonnici, malli ġriet l-aħbar tal-mewt tiegħu marru u talbu kif fil-fatt kien ġara biex jindaqqlu trapassar mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann tal-Belt Valletta. L-istess aħbar ta' niket waslet ukoll fil-Parroċċa tiegħu u ftit qabel nofsinhar ta' dik l-għodwa, ndaqqlu trapassar solenni. Xi Nadurin li dakinhar telgħu x-Xagħra fejn kienet qegħda tiġi ċċelebrata l-Festa Parrokkjali ta' Maria Bambina, dabbru rashom lura fin-Nadur bħala sinjal ta' luttu u rispett.

L-għada, 9 ta' Settembru, sar il-funeral tiegħu. Il-fdalijiet tiegħu twasslu Għawdex, fejn kotra kbira ta' Nadurin niżlu fl-Imġarr biex jilqgħuh. Ma naqsux il-Parrokat kollu t'Għawdex flimkien mas-Saċerdoti. Il-Kappillan ta' Għajnsielem Dun Franġisk Mizzi laqa' il-katavru tiegħu u mexxa l-korteo sa ħdejn l-Imtieħen f'salib it-toroq, fejn il-poplu Naduri bi ħġaru kien jistennieh. Minn hemm, l-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb immexxi mill-Arċipriet Karm Portelli wasslu sal-Parroċċa tan-Nadur u mexxa l-Quddiesa Funebri li fiha, l-Arċipriet Alfons Hili għamel l-Orazzjoni Funebri. Wara kollox l-Arċipriet Dun Martin ġie midfun kif kien xieraq fil-Kolleġġjata tiegħu biex tibqa' għal dejjem Monument ħaj li tfakkar lilna u lil ta' warajna f'benefattur illustri tan-Nadur.

Dwar id-dmirijiet pastorali li l-Arċipriet Dun Martin baqa' jaqdi sal-aħħar, ta' min isemmi l-eloġju li kiteb dwaru s-Suċċessur tiegħu l-Arċipriet Toninu Camilleri, fejn fost l-oħrajn jgħid: "*Bħala Arċipriet ta' din il-Parroċċa, Hu kien ragħaj li wieħed ma jistax jistenna iżjed mingħandu. Ulied in-Nadur kollha nġibdu lejh, fih huma kienu jammiraw il-merti kbar tiegħu, fejn ta xiehda straordinarja ta' mħabba lejn Alla u tjubija lejn il-proxxmu tiegħu. Hu kien imħeġġeġ b'nar l-imħabba lejn l-erwieħ, lil uliedu ried jgħinhom f'kull bżonn. Għamel minn kollox sabiex lill-merħla afdata f'idejh* iżomm*ha soda fil-fidi u f'ħajja tassew nisranija*" (APN. Mort.V.f' 67).

## Imfakkar għal dejjem.

Immedjatament wara l-mewt tal-Arċipriet Dun Martin, is-Suċċessur tiegħu l-Arċipriet Toninu Camilleri ħaseb u pproġetta sabiex iwaqqaf monument b'tifkira tiegħu. L-idea tant ingħoġbot li kienu ħafna dawk mhux biss Nadurin, imma saħansitra barranin li b'rispett lejn Dun Martin ikkontribwew għal dan il-proġett.

L-Arċipriet Toninu, li kkommissjona dan il-monument lil Francesco Saverio Sciortino, laħaq miet qabel ma ra x-xewqa tiegħu u ta' ħafna oħrajn imwettqa. Kellu jgħaddi ħafna żmien minn meta l-Arkitett Sciortino li kien emigrant fil-Kanada jiġi avviċinat mill-Arċipriet Ġużeppi Cassar li baqa' jsus warajh sabiex ifittex ilesti dan il-monument.

Il-monument tal-Arċipriet Camilleri li jinsab fejn l-Altar ta' San Martin hu kollu kemm hu xogħol F.S. Sciortino, bl-iskrizzjoni bil-Latin ta' fuqu mill-Kanoniku Carmelo Caruana li kien ħabib tal-mejjet Arċipriet Camilleri. Kliem mirqum bil-Latin li juri l-għożża mhux biss tal-awtur, imma tal-Poplu kollu Naduri.

Ma' dan il-Monument fil-Bażilka, wieħed jista' jammira pittura b'tifkira, xogħol tassew sabiħ ta' Lazzaro Pisani li tqegħdet f'post prominenti fis-Sagristija tal-istess Bażilka. Mhux biss, imma iktar tard, il-Pjazza ta' wara l-Knisja, ġiet imsemmiha wkoll għalih, Pjazza Arċipriet Dun Martin Camilleri.

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu bil-kelmiet li nisiġlu l-Kanoniku Caruana u li wieħed jista' jarahom imnaqqxin fuq il-monument tiegħu fil-Bażilka tan-Nadur:

AVE PASTOR DESIDERATISSIME
ET VALE IN PACE

Sliem għalik O Ragħaj tant mixtieq, mur Strieħ fil-Paċi għax inti kont ir-ruħ tassew għall-Knisja ddedikata lil Prinċipijiet tal-Appostli San Pietru u San Pawl, kont id-dawl li fetaħ it-triq għall-oħrajn, imma fuq kollox kont il-qalb ta' Parroċċa nisranija. Kont qalb li tħabbat b'imħabba taħraq, qalb li tifraħ bil-ġid Spiritwali u anke temporali, qalb li tingħafas għan-niket anki tal-aktar wieħed fqajjar tan-Nadur, il-Parroċċa għażiża tiegħek. Ulied din il-Parroċċa qatt ma jinsewk.

Referenzi

Alexander Bonnici: In-Nadur Vol.11
Arkivju Parrokkjoli;
Arkivju Kolleġġjata, Nadur
Kan. Karm. Caruana: In-Nadur u Tempju Monumentali.
Dun D. Camilleri: Kolleġġjata tan-Nadur
Arkivju Parrokkjali, Nadur
Atti Kapitulari, Nadur
Arkivju Seminarju: Kongregazzjoni Marjana
Mons. G. Cauchi: Djarju Parrokkjali
M.J. Schiavone-Louis. J Scerri: Maltese Biographies

Mons Ġużeppi Cauchi

## 'Dun Martin Ħajtu u Ħidmietu'

Il-parroċċa tan-Nadur għadha kemm ippubblikat ktieb ġdid bl-isem 'Dun Martin: Ħajtu u Ħidmietu' fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mill-mewt tal-Arċipriet Martin Camilleri. Hija pubblikazzjoni b'86 paġna, li tirrakkonta l-istorja tiegħu u fiha ħafna tagħrif interessanti dwaru u dwar in-Nadur ta' seklu ilu. Il-ktieb fih ukoll kollezzjoni ta' ritratti u stampi ta' Dun Martin li jmorru lura aktar minn mitt sena.

Il-ktieb qed jiġi ppubblikat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

**Jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Parrokkjali – Nadur.**

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn fuq il-paġna ta' Facebook: **Ktieb Ġdid dwar Dun Martin**



# SAN ĠUŻEPP "PATRIS CORDE" B'QALB TA' MISSIER

Joe Muscat

Permezz tal-Ittra Appostolika "Patris Corde" – B'Qalb ta' Missier, il-Papa Franġisku jfakkar il-150 anniversarju mill-Proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali mill-Beatu Papa Piju IX, nhar it-8 ta' Diċembru 1870.

Minħabba dan l-Anniversarju, il-Papa Franġisku pproklama s-Sena ta' San Ġużepp li bdiet mit-8 ta' Diċembru 2020 u tintemm fit-8 ta' Diċembru 2021. Aħna l-Maltin u l-Għawdxin bdejna nirreferu għaliha bħala s-Sena Ġużeppina.

Il-Parroċċa tagħna għandha diversi pitturi li juru lil San Ġużepp. Fl-artal tas-Sagrament, fil-Kappellun in-naħa tat-Tramuntana, hemm il-kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni u fuq ix-xellug tiegħu kif tħares lejh hemm impitter San Ġużepp, l-għarus kastissimu tagħha. Fost il-parruċċani hemm min jirreferi għal dan l-artal bħala l-artal ta' San Ġużepp. Dan ġie mpitter mis-saċerdot minn Ħaż-Żebbuġ, Malta, Dun Carlo Zimech. Fil-kwadru li hemm fl-artal ta' Sant'Anna li fih, mal-Madonna bil-Bambin fi ħdanha, ħdejn San Ġwakkin jidher ukoll San Ġużepp. Qabel ma l-knisja nksiet bl-irħam fuq ġenb ta' dan l-artal, kien hemm kwadru li juri r-Ritorn tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu, b'San Ġużepp iżomm ir-riedni tal-ħmara. Dan il-kwadru llum jinsab esebit fit-taraġ tas-Sala Kapitulari. Tliet kwadri ovali mill-misteri tal-Ferħ, it-tielet, ir-raba' u l-ħames, juru wkoll lil San Ġużepp flimkien mal-Madonna u l-Bambin Ġesù. Illum dawn il-kwadri ovali tal-ħmistax-il misteru tar-Rużarju jinsabu fis-sagristija, naħa tan-Nofsinhar. Żmien ilu, dawn il-Misteri tar-Rużarju kienu madwar il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, li jinsab fil-kappellun tar-Rużarju, liema kwadru hu attribwit lil Don Francesco de Dominicis. Kwadru ieħor żgħir li fih tidher ix-xena tat-twelid ta' Gesù Bambin flimkien mal-Madonna u San Ġużepp, ta' awtur mhux magħruf, deher fil-faċċata tal-Luminaria, ħarġa Nru.115, Diċembru 2013.

Fil-knisja għandna wkoll l-istatwa sabiħa ta' San Ġużepp, bil-Bambin wieqaf maġenbu, xogħol fil-kartapesta (papier-machè) tad-Ditta Istituto di Arti Plastiche ta' Lecce, l-Italja, li nħadmet fl-1915. Din l-istatwa saret fuq disinn tal-Arċipriet Martinu Camilleri (1873-1921), u kienet toħroġ fil-purċissjoni nhar id-19 ta' Marzu, festa pubblika. Matul dawn l-aħħar snin l-istatwa tinħareġ f'purċissjoni l-Ħadd fuq l-Ewwel ta' Mejju, Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. San Ġużepp, Patrun tal-Knisja Universali, qed iżomm f'idu l-leminija l-Knisja-Bażilika ta' San Pietru. Fl-1951 din l-Istatwa ġiet indurata fl-Imdina minn Bugeja u fl-1990



Abbozz ta' San Ġużepp



Kwadru tal-artal ta' San Ġużepp



Niċċa tal-Marwell



Statwa ta' San Ġużepp – Knisja Qalb ta' Ġesù



Statw

sar il-bastun tal-fidda ta’ San Ġużepp (xogħol Tarċisju Cassar miz-Żejtun) li ħallas għalihom Manwel Sultana. Ta’ din l-istatwa għandna wkoll l-abbozz tagħha li fl-1991 ġie rregalat lill-Knisja mill-qraba tal-Arċipriet Martinu Camilleri. F’Marzu 2021, il-Parroċċa tan-Nadur stampat Kartolina Postali ta’ dan l-istess abbozz.

Fuq il-koppletta fejn hemm in-niċċa ta’ San Ġużepp, quddiem l-artal ta’ San Franġisk de Paola, hemm allegorija li turi puttini jġorru xettru, siega, bastun bil-ward u l-kuruna ta’ David li minnu hu mnissel San Ġużepp. L-anġli qed iġorru wkoll strixxa bil-kliem Ite Ad Joseph. Din l-allegorija tpittret minn Lazzaro Pisani fl-1927.

Fil-Knisja tal-Qalb ta’ Ġesù, fuq l-artal in-naħa tax-xellug, hemm kwadru kbir u sabiħ ta’ San Ġużepp, xogħol il-pittur Giacomo D’Esposito, li ġie ordnat fis-7 ta’ Lulju 1908, għas-somma ta’ £20 (sterlina), kif jidher mill-kuntratt li l-familja Vella għamlet mal-pittur. Fl-istess knisja nsibu wkoll statwa sabiħa ta’ San Ġużepp, xogħol ta’ Luigi Guacci, li nxtrat fl-1908.

Fil-Kappella tal-Madonna tal-Karmnu, għand is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù, hemm statwa ta’ San Ġużepp li tħallset minn Anna Attard (1913-1982) omm Dun Mikiel Attard (1933-2004) fl-1964.

Fin-Nadur insibu wkoll xi niċeċ ta’ San Ġużepp. Niċċa sabiħa hija dik li hemm mar-razzett tal-familja Azzopardi (tal-Marwell), l-aħħar binja li hemm fuq ix-xaqliba tar-Ramla, imnaqqxa fil-ġebel, li għandha aktar minn mitt sena.

Niċċa oħra tinsab fi Triq Diċembru Tlettax, kantuniera ma’ Triq Ċimċem li saret mill-familja ta’ Mikielanġ Gatt (Ta’ Qalza) fuq il-ħanut li jġib l-isem Il-Maħraġ. Fl-1897, l-Isqof Giovanni M. Camilleri kien ta Indulġenza ta’ 40 jum lil min jgħid Missierna, Sliema u Glorja quddiem din l-istatwa.

Niċeċ oħra żgħar ta’ San Ġużepp jinkludu dik ta’ Pjazza Dun Martin Camilleri (ritratt sabiħ ta’ din in-niċċa deher fil-ħarġa ta’ Il-Ħajja f’Għawdex, April 2021, qoxra minn wara minn ġewwa, ritratt meħud minn Daniel Cilia). Niċċa oħra kienet tinsab fi Triq Rakela Camilleri mal-post li għamel snin kbar bħala l-Qasam tal-Museum tan-Nisa tan-Nadur. Din kienet tal-alabastru ta’ Sqallija u illum tinsab ikkonservata fl-Awla Kapitulari. Niċċa oħra, żgħira tinsab fuq il-faċċata tad-dar tal-Familja Portelli li tinsab bejn Triq ir-Ramla u Triq Għajn Qasab.

## Nota dwar Dun Carlo Zimech (1696-1766):

Dan is-Saċerdot Malti ġie joqgħod fil-parroċċa tan-Nadur minħabba saħħtu. Beda jgħin fil-ħidma pastorali fil-parroċċa tagħna. Kien pittur, u pitter ix-xbihat ta’ San Ġużepp minflok San Pawl u ta’ San Franġisk Saverju minflok dik ta’ San Duminku fil-kwadru tal-Kunċizzjoni li hemm fuq l-artal tas-Ssmu. Sagrament. Fil-Kor, iż-żewġ kwadri laterali li wieħed minnhom juri l-Martirju ta’ San Pietru u l-ieħor juri l-Martirju ta’ San Pawl, huma xogħol dan is-Saċerdot. Fis-Sala Kapitulari hemm l-erba’ Evanġelisti mpittra minnu wkoll. Dawn, qabel ma l-knisja ġiet miksija bl-irħam, kienu jinsabu mdendlin fuq il-bibien li hemm fil-Kappelluni tal-Kurċifiss u tar-Rużarju. Dun Carlo miet in-Nadur nhar id-19 ta’ Ġunju 1766 fl-etá ta’ 70 sena u ġie midfun fil-qabar tas-saċerdoti li kien hemm fil-knisja. Il-Kwadru Titulari li juri r-Ritorn tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu, li hemm fil-kappella ċkejkna f’Kemmuna, huwa xogħol dan il-pittur Malti. Din l-iskoperta saret mill-espert tal-Arti Sandro Debono, kif irrapportaw il-gazzetti, wara li dan il-kwadru li sar c1750, ġie rrestawrat fis-sena 2020.


tatwa ta’ San Ġużepp tal-Bażilka


Kwadru tal-Artal ta’ San Ġużepp – Knisja Qalb ta’ Ġesù


Allegorija ta’ San Ġużepp ta’ Lazzaro Pisani


Niċċa ta’ Joe u Monica Grima (Pjazzetta)

# L-Anzjani u l-Pandemija

Għaddejjin minn żmien diffiċli li affettwa lil kulħadd, lill-anzjani b'mod speċjali. Issa għaddiet aktar minn sena minn mindu tfaċċat din il-marda qerrieda li ħarbtet id-dinja kollha. Verament farrkitna imma ma rnexxilhiex tbattina.

Bħala anzjani qegħdin aħna kkunsidrati bħala vulnerabbli, għax minħabba d-dgħufija tagħna, għandna anqas reżistenza għall-virus tal-Covid19. Issa li tfaċċa t-tilqim, fejn aħna kellna l-preferenza, ninsabu aktar siguri u nistgħu naffaċċjaw il-preżent b'aktar sigurtà.

Intant dan iż-żmien għaddejnieh b'nostalġija tal-attivitajiet li konna norganizzaw kull nhar ta' Ħamis filgħodu, fejn żorna bosta postijiet kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta. Mhux biss, imma saħansitra kellna x-xorti nżuru pajjiżi oħra bħall-Iskozzja u l-Italja fejn morna Ruma, Turin u Milan kif ukoll Sqallija. Għandna verament memorji sbieħ ta' kull meta konna niltaqgħu.

Imma dan hu żmien li fih dorna fuq ir-riżorsi tagħna, b'mod speċjali l-familji tagħna. Rajna kemm hi għażiża l-għaqda fil-familja, fejn l-ulied jaħsbu fil-ġenituri u qraba magħluqa fid-djar waħedhom. Sibna għajnuna minn kulħadd għax fejn ir-restrizzjonijiet kienu jissikkaw, kien hemm mezzi oħra fejn stajna nitkellmu ma' qrabatna u nħossu l-interess tagħhom versu lejna. Min joffrilek biex jagħmillek ix-xirja, min iċempel biex ikun jaf kif int. Il-mezzi ta' komunikazzjoni huma meravilja ta' teknoloġija li ġejna bżonnha tassew.

F'dan iż-żmien kellna ċans induru dawra madwarna u nagħmlu dak li matul il-ħajja mgħaġġla qatt ma sibna ħin għalih - inqallbu l-albums tat-tfulija, naqraw xi ktieb sabiħ, nitgħallmu xi lingwa ġdida, nagħmlu xi hobby ġdid. Irrealizzajna li l-ħajja hi sabiħa u li dejjem hemm x'tiskopri u x'titgħallem. Naf min kiteb ktieb f'dan il-perjodu u min ittraduċieh. Oħrajn għamlu ħafna xogħol tal-idejn għall-missjoni.

Fuq kollox rajna kemm hu sabiħ li wieħed jaħseb f'ħaddieħor, li jobdi r-regolamenti imposti mill-awtorità tas-saħħa, għax b'hekk ikun qed jipproteġi lilhu nnifsu u lill-oħrajn. Bżajna għal xulxin u s-sitwazzjoni bdiet ġejja għall-aħjar.

Intant, waqt dan il-perjodu, skoprejna li hawn min jixtieq li jkollu min jgħinu, min jisimgħu, min jieħu interess fih. Tgħallima l-valur tal-familja, fejn it-tfal jixtiequ jqattgħu aktar ħin mal-ġenituri tagħhom bħalma aħna l-anzjani mmissjajna ż-żjarat tal-membri tal-familji tagħna. Kull min kellu xi qraba l-isptar kien imċaħħad li jżurhom u dik kienet weġgħa kbira.

Nara li qrobna aktar lejn in-natura għax kellna aktar ħin nagħmlu xi mixja fil-kampanja jew ħdejn il-baħar. Il-kampanja tqarribna lejn il-Ħallieq.

Tgħallimna kemm hawn nies ġenerużi li taw ħajjithom biex isalvaw il-morda bil-Covid, nies li ħadmu sigħat twal biex ilaħħqu mal-morda li għamlu żmien twil jiżdiedu bla rażan. Din id-dedikazzjoni tħallina bla kliem. Fid-dinja kulħadd jista' jikkontribwixxi biex ikollna dinja aħjar.

Issa li beda joqrob żmien isbaħ, nippruvaw ma ninsewx il-lezzjonijiet ta' siwi li tgħallimna minn dan iż-żmien. Dan iż-żmien ma ġiex għalxejn. Ġie biex niftħu għajnejna u naraw kif nistgħu nibnu dinja aħjar.

Antonia Sammut

# Il-Pitturi Marouflage ġewwa l-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur
## u r-Restawr tagħhom



Il-koppla mżejna bil-pitturi marouflage ta' Ġużeppi Briffa li sa ftit tax-xhur ilu kienet qiegħda taqa' biċċa biċċa.
Ritratt ta' Manuel Ciantar u Suzanne Ciantar Ferrito.

**"*Jekk mhux trattati issa, il-Gżejjer Maltin ser jitilfu pitturi uniċi.*"**

Dan kien l-appell ta' Amy Sciberras, il-konservatriċi u restawratriċi li ġiet afdata bix-xogħlijiet urġenti ta' konservazzjoni u restawr tal-pitturi *marouflage* li jiddekoraw is-saqaf tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur, Għawdex.



Il-firma moħbija tal-Prof. Ġużeppi Briffa ġewwa l-koppla.
Ritratt ta' Manuel Ciantar u Suzanne Ciantar Ferrito.

Din il-knisja, li tinsab ftit metri 'l isfel mill-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl u li għalhekk qiegħda fil-qalba ta' dan ir-raħal popolari Għawdxi, ġiet mibnija bejn l-1902 u l-1908 mill-fundatur, Dun Ġużepp Vella, fuq disinn ta' Fr Peter Paul Charbon. Ġewwa huwa mżejjen b'induratura u dekorazzjoni fenomenali. L-iskultur magħruf u importanti Francesco Saverio Sciortino (1875-1958), iddisinja l-motivi li nsibu skolpiti fil-ġebla ġewwa din il-knisja. Fl-istess żmien il-familja Vella ddeċidiet li tiddekora s-saqaf u kkummissjonat lill-Professur Ġużeppi Briffa. Briffa, li huwa wieħed mill-artisti pijunieri tas-seklu



Il-pitturi tal-korsija, fil-bidu ta' dan il-proġett.
Ritratt ta' Amy Sciberras.

għoxrin, kien ippreżenta d-disinn jew buzzett tiegħu għall-kompetizzjoni li kienet saret bejnu, bejn Emvin Cremona (1919-1987) u Ġużè M. Caruana u kien propju Briffa li rebaħ din il-kompetizzjoni. Huwa beda x-xogħol tal-pittura fl-1953 ġewwa l-istudju personali tiegħu f'Birkirkara u kien jikkorrispondi mal-gżira Għawdxija fuq ix-xogħol relatat permezz ta' ittri.

Briffa kien uża t-teknika tal-*marouflage,* li tinvolvi t-twaħħil ta' tila ma' ħitan, soqfa u koppli. Din tista' titpitter kemm qabel teħel kif ukoll wara. It-teknika tal-*marouflage* hija ġeneralment preferuta minn artisti f'Malta u Għawdex għaliex meta mqabbla mat-teknika ta' żejt direttament fuq il-ħajt, it-teknika tal-*marouflage* toffri aktar protezzjoni lis-saff pittoriku mill-problemi ta' deterjorazzjoni assoċjati mal-ġebla Maltija. Dan speċjalment fejn hemm ħafna umdità jew meta sfortunatament jidħol l-ilma (ġeneralment minħabba nuqqas ta' manutenzjoni tal-binja) li huwa ta' detriment għall-pitturi li jiffurmaw parti mill-binja jew arkitettura.



Waqt trattamenti tal-ġebla esposta, qabel il-pitturi marouflage bdew jitwaħħlu lura f'posthom.
Ritratt ta' Amy Sciberras.

Sal-1956 il-pitturi ta' Briffa mpittra fuq tila tal-qoton (kif irriżulta mill-istudju ta' Amy Sciberras, 2015) kienu twaħħlu mas-saqaf u mal-koppla u bdew jiddekoraw din il-knisja tant sabiħa. Dawn il-pitturi qed jirrappreżentaw xeni tas-sagramenti, qaddisin u l-kroċefissjoni ta' Kristu.



Ħsarat tal-pitturi marouflage li jiddekoraw il-koppla.
Ritratti ta' Manuel Ciantar u Suzanne Ciantar Ferrito.

Ir-rappreżentazzjoni tal-kroċefissjoni li tiddekora l-koppla hija waħda solenni u dettaljata, b'ikonografija li tinkludi l-ħalliel it-tajjeb u l-ħalliel

il-ħażin. Ix-xena hija waħda fina ħafna u hemm numru kbir ta' karattri Bibliċi. Dawn il-pitturi uniċi ġew deskritti mill-istoriku tal-arti Dr. Christian Attard bħala dekorattivi ħafna u b'sinjali (hints) li jeħduna għall-istil Art Nouveau jew 'Stile Liberty'. Ta' min isemmi li l-firma ta' Ġużeppi Briffa tinsab f'post diskret ħafna, f'post moħbi fin-naħa ta' isfel tal-koppla u din turi l-umiltà ta' dan l-artist eċċezzjonali.

Sfortunatament, tul is-snin, il-ħsarat li ġarrbu dawn il-pitturi minħabba infiltrazzjoni ta' ilma u l-akkumulazzjoni ta' melħ bejn il-ħajt u t-tila, kienu estensivi u l-pitturi ta' Briffa kienu waslu viċin ħafna li jintilfu darba għal dejjem. Sciberras studjat dawn il-pitturi b'mod xjentifiku ġewwa l-Università ta' Malta taħt id-direzzjoni tal-professoressa JoAnn Cassar mid-Dipartiment tal-Konservazzjoni u l-Wirt Mibni. Mir-riżultati ta' dan l-istudju estensiv, il-konservatriċi Amy Sciberras iffurmat strateġija biex issalva dawn il-pitturi, liema strateġija hi partikolari u speċifika



Ħsarat tal-pitturi marouflage li jiddekoraw il-koppla.
Ritratt ta' Amy Sciberras.

għal dan is-sit u għat-tip ta' deterjorazzjoni devastanti li għandhom dawn il-pitturi u li rriżulta sforz ta' infiltrazzjoni ta' ilma u l-formazzjoni ta' melħ bejn il-ġebla u l-pitturi, liema melħ eventwalment ippenetra sas-saff pittoriku. Sforz ta' dawk l-akkumulazzjonijiet ta' melħ, sar tiċrit fit-tila, fejn f'ċerti bnadi litteralment iddiżintegrat u dan wassal għal telf fis-saffi ta' fuq. F'ċerti partijiet, biċċiet sħaħ tal-pittura nqalgħu minn mal-ħajt u s-saqaf. Dawn il-biċċiet tal-pittura kienu litteralment imdendlin, b'riskju li jitqaċċtu u jintilfu. Hija diżgrazzja kbira li kien hemm telf ta' ċerti sezzjonijiet li ddiżintegraw bil-formazzjoni tal-melħ u li waqgħu minħabba l-ħsara estensiva li ġarrbu.

Qabel ma seta' jsir ix-xogħol urġenti fuq il-pitturi, saret ħidma ta' manutenzjoni fuq l-istruttura arkitettonika, liema xogħol kien jinkludi l-koppla u l-bejt. Din il-manutenzjoni saret taħt id-direzzjoni tal-Perit Edward Scerri, bil-għan li jingħalqu passaġġi u fili minn fejn jista' jidħol l-ilma tax-xita u jikkawża iktar ħsara. Dan ix-xogħol sar bl-għajnuna tal-familji Vella u Grech. Is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali ta' Malta segwiet dan ix-xogħol. Għalhekk imbagħad seta' jibda x-xogħol urġenti ta' konservazzjoni tal-pitturi minn ġewwa.



Dettalji li ttieħdu waqt il-konservazzjoni li saret fl-ewwel fażi ta' dan il-proġett u li juru l-proċess ta' twaħħil ta' partijiet tal-pittura li kienu nqalgħu maż-żmien minħabba ingress ta' ilma.
Ritratt ta' Amy Sciberras.

S'issa saru x-xogħlijiet urġenti hekk imsejħa '*First-aid*' li kienu jinvolvu numru ta' trattamenti minn Amy Sciberras u t-tim tagħha. Dan kien ukoll jinvolvi dokumentazzjoni fotografika kontinwa bl-użu ta' dawl speċifiku flimkien mal-fotografi professjonali Emmanuel Ciantar u Suzanne Ciantar Ferrito.

Amy Sciberras u t-tim tagħha kellhom jistabilizzaw dawk il-biċċiet ta' tila mpittra li kienu fi stat imminenti li jitqaċċtu u jintilfu. Dan sar billi b'mod temporanju twaħħlu biċċiet ta' karta Ġappuniża b'kolla riversibbli fuq is-sezzjonijiet li kienu mqattghin u mdendlin minn mas-saqaf tal-korsija u minn mal-koppla. Żoni fejn kien hemm ħsara fis-saff taż-żebgħa ġew l-ewwel ikkonsolidati bl-użu ta' siringa u kolla sintetika u riversibbli sabiex ma jintilfux u jkunu protetti waqt it-trattamenti.

Meta dawn iż-żoni ġew temporanjament stabilizzati bil-karta Ġappuniża, sar it-tindif tal-ġebla fejn din kienet



Żjara mill-Arċipriet Dun Jimmy Xerri u l-Viċi Parroku Dun Reuben Micallef mill-Kolleġġjata, Bażilka tan-Nadur. Ritratt ta' Amy Sciberras

mikxufa u aċċessibbli. Tneħħew akkumulazzjonijiet ta' melħ u sar trattament kontra moffa li kienet preżenti kemm wara t-tila mqaċċta kif ukoll mal-ġebla esposta. Fejn il-ġebla kienet mikxufa minħabba li nqalgħet it-tila, u kien hemm deterjorazzjoni tal-ġebla, din ġiet ikkonsolidata u trattata bi prodotti ta' konservazzjoni l-aktar riċenti. Fili miftuħin u ħofor fil-ġebla li hija s-support primarju ta' dawn il-pitturi ġew indirizzati u magħluqa b'taħlita apposta abbażi ta' ġir.

Fl-aħħar, meta l-ħsarat fis-sapport arkitettoniku kienu ġew indirizzati, beda x-xogħol tat-twaħħil ta' dawk il-biċċiet li kienu waqgħu jew kienu jinsabu mdendlin. Dawn il-biċċiet ta' pittura storika għalhekk ġew imwaħħla lura f'posthom. Dan kien trattament delikat ħafna għax it-tila ħadet il-forma mdendla u bbieset biż-żmien. Huwa wkoll għal din ir-raġuni li ġiet applikata l-karta Ġappuniża. Sabiex sar dan it-trattament, ġiet applikata kolla apposta tal-konservazzjoni (*emulsion*) mal-ħajt u fuq wara tat-tila. Imbagħad, bis-sħana ta' tagħmir speċifiku tal-konservazzjoni, it-tila setgħet tiġi mwaħħla lura f'postha u tinżamm taħt pressa sakemm kienet totalment stabbli u mwaħħla lura fuq l-istruttura arkitettonika. Dan il-proċess metikoluż sar kemm fuq tiċrit relattivament żgħir, kif ukoll għal dawk il-biċċiet estensivi mdendlin u mwaqqghin. B'hekk, ġiet magħluqa l-ewwel fażi tar-restawr u konservazzjoni ta' dawn il-pitturi. Iżda għad fadal ħafna xogħol xi jsir sabiex insalvaw dawn il-pitturi u sabiex ikunu kompluti, preżentabbli u denji għal dan il-post venerabbli.

Sa issa saru numru ta' avvenimenti għall-ġbir ta' fondi għal dan il-proġett, iżda minħabba l-pandemija internazzjonali tal-COVID-19, ħafna oħrajn kellhom jiġu posposti u għalhekk hemm bżonn għal iktar fondi sabiex titkompla l-ħidma biex jiġu salvati dawn il-pitturi meraviljużi ta' Ġużeppi Briffa. Qabel il-pandemija sar kunċert ġol-knisja stess minn żewġ mużiċisti lokali – Dr. Lydia Buttigieg u Ms. Fiona Cauchi, liema kunċert seta' jseħħ bil-għajnuna primarja tal-kumpanija Gozo Graphics Ltd, kif ukoll Vini e Capricci. Il-proġett qiegħed isir taħt il-patroċinju tal-Onorevoli Ministru Dott. Anton Refalo u għandu wkoll is-sapport tal-Onorevoli Dott. Chris Said. L-ewwel fażi tar-restawr tal-pittura saret bil-għajnuna primarja tal-Ministeru tal-Finanzi (Good Causes Fund) flimkien ma' numru ta' sponsors lokali, iżda din issa ġiet fit-tmiem. Għalhekk l-għajnuna mingħand sponsors privati hija kruċjali bħalissa ħalli dawk involuti f'dan il-proġett ikunu jistgħu jagħmlu dak kollu li hemm bżonn biex isalvaw dawn il-pitturi, li ilhom moħbija u 'l bogħod mill-għajn għal iktar minn tletin sena, minħabba l-pjattaformi li kienu twaħħlu taħt il-koppla u taħt il-pitturi tal-korsija sabiex dawn ma jaqgħux fuq in-nies waqt l-funzjonijiet reliġjużi miftuħa għall-pubbliku ta' kuljum. Dawn il-pitturi li nsibu ġewwa l-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur huma fost il-wirt artistiku lokali u fost l-idjoma artistika li ħallielna dan il-pittur prolifiku Malti. L-għan huwa li dan il-wirt artistiku nkunu nistgħu nerġgħu nirritornawh lill-poplu Għawdxi u Malti, kemm biex igawduh ġenerazzjonijiet preżenti kif ukoll futuri.

Rikonoxximenti:

B'ringrazzjament speċjali lill-individwi u l-entitajiet kollha li diġà qed jappoġġjaw dan il-proġett. Dawn jinkludu: The National Lotteries Good Causes Fund - Ministry for Finance, Gozo Graphics Ltd, The Farsons Foundation, MAPFRE MSV Life, Computime Technology Ltd, Capture IT Media, The Basement Lounge / Wood and Coal, Vini e Capricci by Abraham's, Whale Digital Marketing Agency, JDB Digital Printing Xewkija u l-Kunsill Lokali tan-Nadur. L-awturi jixtiequ jirringrazzjaw ukoll lill-familji Vella u Grech, flimkien mal-Onor. Ministru Dott. Anton Refalo u s-Sur Josef Camilleri, li mingħajrhom il-bidu ta' dan il-proġett ma kienx ikun possibbli. Ringrazzjament speċjali jmur ukoll għall-Eċċellenza tiegħu Roberto Buontempo KC*HS logutenent għal Malta (EOHSJ MALTA) u għal Ms. Nathalie Buontempo.

L-isponsors se jkunu qed jibbenefikaw minn promozzjoni kummerċjali fit-tul flimkien ma' benefiċċji oħra. Għal aktar informazzjoni, wieħed jista' jikkuntattja lis-Sinjura Sciberras permezz tas-sit www.amysciberras.com

Donazzjonijiet jistgħu jsiru direttament fil-kont ta' ġbir ta' fondi:

BANK OF VALLETTA
Bank's BIC: VALLMTMT
IBAN: MT74 VALL 2201 3000 0000 4002 5502 501

**Amy Sciberras M.Sc., B.Cons. (Hons) (Conservation Director) u Ing. Ian Camilleri (Project Manager/Volunteer).**

# Carmela Buhagiar née Meilak:
## l-ewwel fotografa mara professjonali Maltija

Dr. Mario Saliba

Fil-bidu tas-seklu għoxrin il-mara kienet għadha mgħakksa, taħsel, issajjar u twelled. Mijiet għexu ħajja waħidhom, bi żwieġhom imsifrin ibaħħru, jew jaħdmu f'artijiet barranija 'l bogħod. Eżempju singulari ta' mara min-Nadur li spikkat u għamlet suċċess fil-qasam tal-fotografija hija Carmela Buhagiar née Meilak.

Il-fotografija f'Malta bdiet ftit wara li din l-arti kienet ivvintata fl-istess żmien kemm fl-Ingilterra u kemm fi Franza fl-1939. Din l-arti kienet mill-ewwel introdotta f'Malta minn fotografi Ingliżi u Franċiżi li żaru Malta f'dawn l-ewwel snin. L-ewwel studios tal-fotografija bdew jiftħu *circa* l-1849 fil-Belt, il-Furjana u l-Kottonera. L-ikbar numru ta' studios kienu jinsabu fi Strada Stretta minħabba l-attività kummerċjali li kien hemm kaġun ta' ħafna bastimenti Ingliżi fil-Port il-Kbir. Fost il-ħafna fotografi rġiel f'dan iż-żmien insibu żewġ nisa Ingliżi, il-mara tal-fotografu James Conroy u ċerta Mrs Harrison. Ma nsibux ismijiet ta' fotografi nisa Maltin ta' dan iż-żmien.




F'Għawdex nistgħu ngħidu li l-arti u x-xogħol tal-fotografija beda fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin permezz ta' Michele Farrugia (1878-1957) mix-Xagħra. Huwa kien magħruf bħala *Mastru Mikiel il-Badiku*. Huwa kien fotografu ewlieni f'Għawdex.[1] Michele Farrugia għall-ewwel kien għalliem ix-Xagħra, ix-Xewkija, Ta' Sannat u ż-Żebbuġ. Fix-Xewkija u fiż-Żebbuġ kien kap tal-iskola, iżda qatt ma kien jgħallem in-Nadur. L-istorja tal-familja ta' Carmela hija interessanti u marbuta ma' dik ta' Michele Farrugia. Meta kienet qed tiġi mkabbra l-knisja tan-Nadur (1907 – 1914), Dun Martin inkariga lil Michele Farrugia biex jieħu r-ritratti tal-knisja waqt li kienet tinbena. Michele, peress li kien ikun in-Nadur ta' spiss, kera post kbir fil-pjazzetta fejn wara kienet marret toqgħod il-familja Camilleri *Ta' Pasqualina,* u fejn illum hemm supermarket. Mikiel kien jieħu wkoll ħafna portraits lill-pubbliku. Meta Michele għamel xi żmien marid kienet tieħu ħsiebu ċerta Pawla *Taż-Żajkutt,*[2] li kellha ħanut tal-inbid fil-pjazzetta. Peress li hi kienet tkun imħabbta bil-ħanut ma setgħetx tieħu ħsiebu u rrakkomandat lil ċerta Grezzja Meilak li kienet omm Carmela. Grezzja, u żewġha Carmelo li kien mill-Qala, kienu joqogħdu 105, Triq Xandriku

1. Fotografu ieħor f'Għawdex ta' dak iż-żmien kien Giuseppe Cassar, minn Għajnsielem, li wara mar Malta l-Ħamrun fejn sar wieħed mill-fotografi l-aktar popolari ġewwa Malta.
2. Dan il-laqam ma jidhirx fl-istatus animarum tal-1894. L-isem tal-laqam ingħata lill-awtur minn Jane Bonnici Buhagiar.




fejn illum joqgħod Martin Camilleri *Tas-Surġent* li jiġi mill-Arċipriet Dun Martin Camilleri. Carmelo kien ħaffer bir f'din id-dar b'idejh.

Madwar l-1925, Michele telaq min-Nadur u kera dar oħra kbira tal-familja Montanaro Gauci fir-Rabat, fejn hemm l-istatwa tal-ġebel ta' San Ġorġ, Nru. 55, Triq Enrico Mizzi, faċċata tal-Kunvent tas-Sorijiet Dumnikani. Xi ħames snin wara, Grezzja, flimkien ma' żewġ uliedha, Marija u Carmela, marru joqogħdu miegħu r-Rabat peress li r-raġel kien emigra lejn l-Awstralja. Marija kienet baqgħet xebba, u mietet ta' 55 sena. Minn età żgħira, Mikiel ħarreġ lil Carmela fl-arti tal-fotografija u din spiċċat tgħinu fix-xogħol tiegħu. Inzerta, li l-ħabiba tal-qalb ta' Mikiel, Victoria Buhagiar, kellha n-neputi tagħha Joseph Buhagiar li kien ukoll jieħu r-ritratti. Huwa interessanti li Victoria, li kienet toqgħod *Piazza Reale*, *Casale Caccia* (Pjazza l-Vittorja, ix-Xagħra), u kellha 40 sena, ħadet il-marda tal-influwenza fl-ewwel ġimgħa tal-pandemija. Permezz tal-fotografija, Ġużi, għax hekk kienu jafuh in-nies, sar jaf lil Carmela u kien spiċċa żżewwiġha. Mikiel u Victoria qatt ma żżewġu probabbilment biex Victoria ma titlifx l-impieg tagħha minn mal-gvern. Hija kienet għalliema fl-iskola primarja tal-Mellieħa, wara ġiet bħala għalliema fl-iskola tax-Xagħra u mbagħad spiċċat bħala Sinjora fl-iskola primarja taż-Żebbuġ, Għawdex. Dak iż-żmien is-salarju ta' Sinjora mal-Gvern kien ta' £40 fis-sena. Victoria kienet mietet fl-1938, u Mikiel 19-il sena wara. Ġużi u Carmela flimkien mat-tliet uliedhom bniet, Jane, Carmen u Marie Louise, kienu joqogħdu r-Rabat f'Nru. 24, Pjazza Savina li kienet id-dar ta' residenza ta' Mikiel u l-*Casa Bottega*. Carmela kienet kompliet fix-xogħol tal-fotografija fuq bażi professjonali u hija meqjusa bħala l-ewwel fotografa professjonali Maltija fis-seklu għoxrin. Hija mietet f'Jannar tas-sena, 2008. Biex tfakkar l-anniversarju mit-twelid ta' din il-mara il-Maltapost kienet ħarġet sett ta' bolol.

Nota: *Dan l-artiklu huwa bbażat fuq tagħrif li ngħata lill-awtur minn Jane Bonnici Buhagiar li hija waħda mit-tfal ta' Carmela Buhagiar. Dan it-tagħrif ġie ppubblikat l-ewwel darba fil-ktieb tal-istess awtur: Ħajja u Mewt: is-Saħħa u l-Mard f'Għawdex fi Żmien l-Arċipriet Dun Martin Camilleri (1910-1921), b'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Parrokkjali.*



# In-Nadur fil-Letteratura Nazzjonali Maltija

Ir-raba' parti

Daniel Meilak

## Wiġi Vella

Kif kiteb huwa stess, Vella kien bin il-bdiewa. Twieled fl-irħajjel pittoresk ta' Santa Luċija fit-8 ta' Diċembru 1932. Meta kien tifel, kienu jibgħatuh ibigħ il-ħalib wara l-bibien bil-mogħża u kien jgħin fil-faċendi tad-dar. Mar fl-iskola tal-Gvern, kemm dik Elementari u anke dik Sekondarja. Studja wkoll fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Meta kien għadu l-iskola seħħet it-Tieni Gwerra Mondjali li ħarbtet mhux ftit il-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin. Imbagħad inxteħet fuq il-biedja u t-trobbija tal-annimali. Ta' 24 sena tilef id-dawl t'għajnejh, iżda huwa ried ikun eżempju ta' kif 'il-bniedem, ikun kif ikun, dejjem għandu kontribut x'jagħti lis-soċjetà.'[1] Kiteb għadd ta' leġġendi f'forma poetika li anke ppubblika f'kotba. Fost dawn insibu wħud li anke jirrigwardaw in-Nadur. Fl-ewwel ktieb tiegħu pereżempju għandu l-Leġġenda ta' Girgor Buttigieg u l-Ħmara. L-istorja hija familjari ħafna u allura nixtieq li hawn nieqaf fuq leġġenda oħra, anqas magħrufa speċjalment mal-ġenerazzjonijiet iż-żgħar tagħna.

Din hija 'L-Leġġenda ta' San Kurunatu,' li huwa kiteb fl-1995 u ppubblika fit-tieni ktieb tiegħu. Din fil-fatt hija poeżija li tinkludi fiha xi leġġendi żgħar u ħelwin dwar il-kon-patrun tan-Nadur. L-ewwel tibda biex tirrakkonta kif l-għadam ta' dan il-bniedem ġie bħala għotja għand Dun Salv Galea, kappillan tan-Nadur. Iżda dan iddeċieda li ma jżommux id-dar, imma jpoġġih il-knisja għall-qima tal-pubbliku minħabba din ir-raġuni:

X'ħin kien iqum filgħodu
jiftaħ il-knisja jmur
isib fuq l-għatba tagħha
l-għadam qaddis miġbur.

Imbagħad wara li jirrakkonta kif libbsuh u żejnuh, u anke bdew isemmu t-trabi għalih wara li ħatruh kon-patrun tal-parroċċa flimkien ma' San Pietru u San Pawl, Vella jintroduċi l-leġġenda ta' mara bidwija min-Nadur imlaqqma l-Malvija. Jingħad li din kellha xi raba' fuq ir-riħ ta' Daħlet Qorrot, sewwa sew fejn kien hemm blata magħrufa bħala tal-Aċċjomu. Din kienet tmur taħdem



hemm flimkien ma' żewġha u waqt xogħolha kienet toqgħod titlob lil San Koronatu jkollu ħniena minnha. Darba wegħdet lil San Koronatu li mill-qoton li hija taħleġ, tgħaddilu qantar sħiħ jekk jaqlgħalha l-grazzja li talbet. U tassew qalgħet dak li talbet. Iżda ma riditx turi lil żewġha li se tagħti qantar qoton lil San Koronatu għax żgur kien jisbel. U din il-wegħda nsietha. Għadda ż-żmien u darba waħda waqt li kienet hemm fl-għalqa ħasset bħal dell idur madwarha. U f'daqqa waħda dehrilha San Koronatu biex ifakkarha. Din bil-moħbi ta' żewġha qabdet qantar qoton u telqet bih lejn il-knisja tan-Nadur. Fir-remissa hi u żewġha kellhom ħdax-il qantar, li issa saru għaxra. Marret tistaqsi lil żewġha kemm kellhom ħalli tara jekk kienx jaf u hu weġibha li ħdax. Qaltlu 'għaxra'. Hu reġa' merieha. Qalbha għamlet tikk. Iżda qaltlu biex imur jgħoddhom u jara kemm isib. Dan mar jerġa' jgħoddhom u:

... b'għaġeb kbir tagħha
x'ħin żewġha ġie ħdejha
qalilha bil-ħlewwa
biex tmieri 'l għajnejha.

1 Wiġi Vella, *Il-Musa fil-Leġġendi Għawdxin*. Vol. II, (Masprint, Rabat Malta), il-qoxra ta' wara.

Ħdax hemm, rajthom issa,
m'għandekx għax tmerini
mur orqod u lili
bi kwieti ħallini.

Il-Malvija baqgħet mistgħaġba b'dan il-miraklu u Dun Salv Galea bil-flus li daħħal minn dak il-qantar qoton, għamel l-iskannell biex fih jitqiegħed il-korp ta' San Koronatu.

Minn hawn Vella jgħaddi għall-aħħar biċċa fejn jirrakkonta l-leġġenda ta' kif qassis darba mar ikeċċi xitan minn wieħed raġel u dan interċieda lil San Koronatu. L-indemonjat beda jgħajjat hekk waqt li jirreferi għal San Koronatu:

Le dak Filippu Ġakbu
m'intomx onesti miegħu
naf jien u qed ngħidilkom
fis-sewwa l-isem tiegħu.[2]

## Poeti kontemporanji
## Oliver Friggieri (1947 - 2020)



Ġgant fl-iżvilupp tal-ilsien Malti, tal-letteratura Nazzjonali Maltija, ħassieb u lettur fl-Università ta' Malta, il-Prof. Oliver Friggieri twieled il-Furjana fis-27 ta' Marzu tal-1947. Qatta' xi żmien jistudja biex isir saċerdot fis-Seminarju tal-Arċisqof, iżda aktar tard iddeċieda li din ma kinitx triqtu. Dan kien parti mir-raġuni għaliex il-ħsieb tiegħu huwa wieħed teistiku, fejn Alla u l-ispiritwal huma fundamentali. Ħadem u stinka biex l-ilsien Malti jiġi studjat u rikonoxxut. Kiteb għadd ta' xogħlijiet ta' natura letterarja wkoll, fosthom rumanzi u poeżiji. Xogħlijiet tiegħu huma tradotti f'diversi lingwi oħra. Fl-1988, meta l-parroċċa tan-Nadur kienet qed tiċċelebra t-triċentinarju mit-twaqqif tagħha li ġrat nhar it-28 t'April 1688, huwa kiteb poeżija fuq stedina tal-W.R. Mons. Salvu Muscat, Arċipriet tal-parroċċa u l-kumitat organizzattiv:

## L-Għanja tal-Għolja tan-Nadur
## Tislima lil ulied ir-raħal tal-bieraħ u tal-lum

Jien l-għolja li għassist matul is-sekli
u smajt il-kelma tingħi tal-irjieħ,
ħassejt ix-xita tlanġas ma' ġenbejja,
għoxejt fis-sajf taħt sema nir sabiħ.

Jien waħdi rajt is-sikta tal-għelieqi
u waħdi rajt telgħin bil-mod id-djar,
ħabbejt mill-bogħod lill-bdiewa u lis-sajjieda,
lir-rgħajja, u għadni nħobb bħal dakinhar.

Madwari, bħalma tagħmel omm b'uliedha,
ma' qalbi bla ma xjaħt matul iż-żmien.
ħaddant l-inħawi jħaddru, iżda fuq kollox
tgħaxxaqt bis-seħer bikri tal-widien.

Jien naf kif kien il-bidu qisu lbieraħ,
niftakar kulma ġara sa dal-jum,
jien għadni hawn, u hawn se nibqa' nsebbaħ
bħal warda li max-xemx f'kull għodwa tqum.

Jien nagħraf sewwa wċuh missirijietkom,
niftakar fi drawwiethom li m'għadhomx,
u noħlom l-ewwel ħolm li ħolmu huma,
u nfakkarhomlkom biex ma tinsewhomx.

Jien nishar fuq qabarhom biex fit-telqa
ta' ngħashom ma jaqbadhom qatt id-diq;
jien nibgħat it-tislija tagħkom lilhom
għax naf il-qalb tal-iltiema, naf x'tixtieq.

2 Ibid. 44-48.

Għax huma bnew din l-art li taħdmu intom,
għax huma ħabbu l-bhejjem u s-sisien,
għax huma nisġu wirt bl-għaraq ta' ġbinhom,
għax huma, huma biss l-eroj taż-żmien.

Jien bħalkom illum ħlomt ħolma sabiħa,
il-ħolma ta' min stenna jum bħal dan,
u miegħi Wied Binġemma, is-Sibti, ir-Ramla,
Qusbejja, Daħlet Qorrot u r-Riħan.

Ilkoll refgħu għal-lum l-għanja t'għomorhom,
ilkoll iħarsu lura b'hena ġdid,
ilkoll jifirħu magħkom li tellajtu,
dar-raħal b'dirgħajn sħaħ daqs il-ħadid.

Il-baħar ta' San Blas ilissen kelma
li tifhem biss ir-ruħ li żżomm is-skiet,
jistieden lir-riġlejn jinżlu fir-ramel,
iħannen għall-mistrieħ bħal omm 'l ulied.

Ferħan illum il-qamħ, ferħan il-qoton,
ferħan min stenna r-riżq tiela' mill-art,
ferħan ix-xgħir, kburi l-kemmun, u jiena
kburija wkoll għax dejjem b'hekk tkabbart.

Għassistkom minn dan l-għoli, iżda fuqi
għassew bla raqdu żewġ mexxejja kbar,
u raw lil nieskom jikbru, jaħdmu, jmorru,
u raw 'l uliedhom, lilkom, kulma sar.

Jien naf: ferħan San Pawl li rbattu ismu
ma' sieħbu li sar sies isħeħ mill-blat,
ferħan San Pietru li rbattuh ma' mgħallem
li bħalu d-dinja s'issa ftit qatt rat.

Id-dawl tal-jum jiftħilkom il-mogħdija,
id-dawl li jinfed dritt sa ġewwa l-qlub,
id-dawl li ma jinħliex bħall-istaġuni,
id-dawl, id-dawl li xegħel darba l-Mislub.

Beriktkom jien li ġbartkom taħt dirgħajja,
berkukom l-art, il-frott u l-ilma bnin,
berkukom Pietru u Pawlu li mħabbitkom
biddlithom bħallikieku Nadurin.

Tinsewx il-bidu mbiegħed ta' ġrajjietkom
tinsewx kemm fraħtu u bkejtu tul is-snin,
tinsewx din l-art kif telgħet ġebla ġebla,
tinsewx biex tibqgħu dejjem magħqudin,

għax l-għaqda l-ġmiel ta' lbieraħ isir isbaħ,
u kulma bnejtu ma jistax jinħatt,
għax bl-għaqda Pietru u Pawlu jibqgħu fostkom
u n-nar li tawkom ma jintfielkom qatt.

Din l-għanja li trabbietli ġewwa qalbi,
kif jinbet fl-oqsma tagħkom l-ifjen fjur,
din l-għanja li nitlobkom tgħannu miegħi,
la tinsewhiex: jien l-Għolja Ta' Nadur.[1]

Il-poeżija hija mqassma fuq tmintax-il strofa kwartina, bit-tieni vers jirrima mar-raba'. Hawn in-Nadur huwa rappreżentat bħala xi ħaġa fissa li ma tinbidilx. B'hekk l-istess Nadur li ra lil missirijietna jitwieldu, jgħixu, bi drawwtiehom u twemminhom. Hekk, anke jekk il-bniedem jinbidel, in-Nadur jibqa' punt fiss ta' referenza u kontinwità. Jara u jiftakar. Għalih iż-żmien ma jgħaddix, kważi kważi mhux milqut minnu u jinsab fl-eternità. Kien hemm minn qabel, għadu hemm u jibqa' hemm, anke jekk kulma fih - inkluż il-bniedem bil-modi ta' ħajja tiegħu - jinbidlu minn żmien għal żmien. Iżda l-ħolm u l-aspirazzjonijiet tan-Nadurin, dawk in-Nadur jibqa' jfakkarhomlna ħalli ma ninsewhomx bħallikieku n-Nadur huwa l-intermedjarju bejn il-ġenerazzjonijiet passati (missirijietna) u l-ġenerazzjonijiet tal-lum. In-Nadur hawnhekk jieħu wkoll l-irwol ta' missier jew għalliem li jwissi lil uliedu li jkun gwaj jekk jinsew minn fejn ġejjin u ma jgħożżux dak li wirtu.

Jispikka wkoll l-element li għalih in-Nadur kien magħruf mas-sekli: dak ta' għassies fuq Għawdex u fuq il-fliegu. Dan filwaqt li hu stess huwa mgħasses miż-żewġ 'mexxejja', Pietru u Pawlu. Pietru u Pawlu saru meqjusin bħallikieku kienu Nadurin huma wkoll. L-għanja ta' Friggieri tispiċċa b'messaġġ għall-għaqda fost in-Nadurin, l-istess għaqda bejn Pietru u Pawlu għandha ssaltan bejn kull Naduri.

1 luminaria

## Daniel Massa (1937 - )



Poeta kurrenti ieħor huwa Daniel Massa li fuq in-Nadur kiteb poeżija li titratta kollha kemm hi dwar il-port ta' Daħlet Qorrot. Imwieled fl-1937 u kien Professur tal-Letteratura Maltija fl-Univeristà ta' Malta. Huwa awtur ta' diversi xogħlijiet ta' studji kritiċi u poeta modern li l-istil tiegħu imur 'l hemm minn dak romantiku li kien baqa' jirrenja f'Malta sas-sittinijiet tas-seklu għoxrin. It-tema tal-baħar hija karatteristika li tiddistingwih. Dan jidher ukoll f''Daħlet Qorrot.'

Din il-poeżija ma hi xejn bħal dawk li tkellimna dwarhom qabel. Hija poeżija li tmiss tal-eżistenzjaliżmu u l-kontenut tagħha jitlob studju psikoloġiku. Hija titkellem dwar tfajla li f'dak il-mewġ ta' Daħlet Qorrot tilmaħ storja li għadha ma ġratx, ta' 'nawfraġju li għad ma seħħx, ta' 'kannizzati li s-sajjieda ma telqux', ta' 'xbieki li għad ma nkalawx', iżda dan kollu xorta jimpatta fuqha, bħallikieku ż-żmien ma jeżistix: ma teżisti l-ebda forma ta' passat u preżent, għax hi qed tħosshom it-tnejn qed iseħħu f'daqqa waħda.

L-impatt ta' dan kollu huwa wieħed vjolenti, drammatiku u grottesk: 'xewka ta' traġna nifdet laħamha / diehes qed ifieq għadu jnixxi,' 'ilsienha bebbuxu / iżellaq fidda ma' nejba mħassra / mgħarrqa demm u bżieq u ilma fit-toqob ta' ħniekha,'. Iżda f'dan kollu hi qed tgħix f'santwarju li hu l-baħar 'ifawwar qarnit u arzell,' u li iżda xi kultant ikun imqalleb, tistenna skuna li għadha ma nbnietx, li tinkalja f'nawfraġju li għadu ma seħħx, u li jsalvaha u jagħtiha l-imħabba li hi tant qed tfittex. Il-baħri salpa jumejn qabel l-għaxra ta' Frar u hi issa kienet xjaħet iżda baqgħet tiftakar għax minn dakinhar 'l hawn il-baħar qed ifawwar bil-gandoffli, voparella u arzell, iħabbrilha sa fl-aħħar il-fidwa.[2]

2 Daniel Massa, 'Daħlet Qorrot,' f'*Il-Malti*, Ħarġa Letterarja LXXXIX, 2016, 30-32.

## Joseph M. Attard (1946 - )



Għawdxi, u ta kontribut siewi fl-edukazzjoni kif ukoll fl-iżvilupp soċjali u kulturali ta' Għawdex. Imwieled f'Victoria, Għawdex nhar l-1 ta' Jannar 1946, fejn għadu jgħix sal-lum. Fost il-ħafna poeżiji tiegħu, għandu wkoll uħud li jirrigwardjaw lin-Nadur. Hawn se nitkellem fuq waħda li huwa kiteb fl-2015 meta n-Nadur kien qed ifakkar tliet okkażjonijiet: iċ-ċentinarju mill-Inawgurazzjoni tal-koppla tal-Bażilika kif ukoll ta' meta sar ir-relikwarju ta' San Pietru u San Pawl l-mitejn sena minn meta saret il-qanpiena l-kbira. Attard ifaħħar lill-protagonisti, fosthom lill 'ħabrieki' isqof Giovanni Maria Camilleri OSB li bierek u inawgura l-koppla l-ġdida, lil Rosaria Agius li ħallset ir-relikwarju, lil Lazzaro Pisani li pitter il-flieli tal-koppla u lill-Arċipriet Dun Martin li kien il-mexxej wara dan il-proġett kollu. Iċ-ċentru ta' dan kollu jibqgħu l-glorjużi appostli San Pietru u San Pawl:

Dawn it-tnejn spiċċaw biex ċarċru
demmhom għall-Kristu l-Mulej –
riedu biss 'l Imgħallem jixbhu
le ma qagħdu jaraw x'ġej!

Jiena ċert li taħt il-ħarsa
ta' daż-żewġ martri bikrin
fin-Nadur tissokkta l-paċi
għas-snin kollha li ġejjin!

## Carmela Attard (1948 - )

Bint in-Nadur. Minkejja li isimha bħala poeta ma hux meqjus mal-poeti l-aktar influwenti fil-pajjiż, iżda fil-qasam lokali ta' Għawdex u speċjalment dak tan-Nadur ix-xogħlijiet, speċjalment il-poeżiji, tagħha kellhom impatt. Min jaf kemm nies kienu mfarrġa mill-kliem li hija kitbitilhom waqt li kienu jibku l-mewt ta' xi ħadd għażiż għalihom, jew żiedet mal-ferħ u s-sollennità ta' xi festa, anniversarju,



# MAXOKK BAKERY

Delicious Traditional ‘ftira’
cooked in wood oven

21, St. James Street,
Nadur - Gozo.

**DON’T MISS IT!**

Tel: **2155 0014**
**2156 4746**




**EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX**

## Gozo Verticals, Blinds & Shades

TA’ TONY CAMILLERI

Fejn issibu varjetà kbira ta’ Blinds u Shades ta’ materjal bħal Aluminium, Plastic, eċċ

Għal aktar dettalji u stima b’xejn
Ċemplu 2155 3352/2156 2211
jew irrikorru:
N.B. TRIQ COCCO PALMERI
NADUR - GĦAWDEX

**Għal kull xorta ta’ ġwież, groceries u soft drinks u anke kull prodott tal- biedja, morru għand**

# JOSEPH CAMILLERI

**Camilleri House, Triq San Blas, Nadur. 2155 6893**

# BUTTIGIEG MEAT SHOP

Pjazza Arċ. Dun Martin Camilleri
Tel: 2155 3249

**Jixtiequ l-Festa t-Tajba lin-Nadurin kollha**

# RABOKK PIZZA

*Snack Bar*
*Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur Għawdex.*

Tel: 21558337 Mob: 99802491/ 99478629



magħmudija, tieġ, preċett, jew Griżma tal-Isqof. Tat kontribut siewi f'dan il-qasam, iżda hija wkoll membru tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, magħrufa aħjar bħala l-MUSEUM. Tat u għadha tagħti l-kontribut tagħha fil-liturġija fi knejjes fosthom dik tan-Nadur permezz tad-daqq tal-pjanu, iżda hija taf ukoll iddoqq il-Piano Accordian u l-vjolin. Fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena tagħha fl-1998, ħutha ddeċidew li jippubblikaw ix-xogħlijiet tagħha li kienet kitbet sa dakinhar f'*Karmena Iktibli Poeżija*. Linja konsistenti fil-vrus tagħha hija dik nisranija u dan joħroġ mit-trobbija nisranija li kellha u l-fidi li tħaddan b'ċerta devozzjoni. Minbarra dan, ma jonqsux ir-referenzi għall-okkażjonijiet li għalihom kitbet il-poeżiji. Hawn se nsemmi biss ftit vrus li jolqtu b'mod ġenerali lin-Nadur.

Fil-poeżija tagħha 'Lil San Pietru u San Pawl F'Jum il-Festa Waqt il-Ħruġ tal-Istatwa', Attard tressaq att ta' mħabba lil dawn iż-żewġ Appostli:

San Pietru u San Pawl
aħna lilkom inħobbukom
mill-Bażilika intom ħerġin
biex tberkuna nitolbukom.[3]

Żgur li l-ħruġ tal-vara min-niċċa fil-bidu tal-festa jqanqal f'ħafna Nadurin element qawwi ta' devozzjoni, ferħ u patrijottiżmu. Fil-meditazzjoni tagħha quddiem l-istatwa devota u artistika tal-Appostli meta għalqet mitt sena, hija tikteb:

Quddiem din l-istatwa
b'ferħ f'qalbna nkantaw
li tul dawn il-mitt sena
vera qima ngħataw.[4]

Il-knisja ma tolqotx lil Carmela biss għas-sbuħija artistika tagħha, imma fuq kollox għaliex fiha hemm il-preżenza tal-Ewkarstija u jiġu ċċelebrati s-sagramenti. Dan l-element joħroġ fil-poeżija 'Fil-knisja tagħna.'[5] Dan huwa dak li tħoss meta mit-tieqa tad-dar tara l-koppla maestuża:

Minn ġot-tieqa ta' darna
nara l-koppla sabieħa
u talba llissen f'qalbi
biex il-fidi tagħna tibqa' sħiħa.[6]

Carmela hija waħda minn dawk li tħobb lin-Nadur u lil San Pietru u San Pawl u San Koronatu b'imħabba u devozzjni ġenwina u fettxet li tagħti kontribut fis-skiet bħalma huwa dan il-*corpus* ta' versi li kitbet matul ħajjitha u għas-sehem li tat u għadha tagħti fil-liturġija permezz tal-mużika u fis-Soċjetà tal-MUSEUM. Huwa mill-aktar xieraq li kieku n-Nadur jirrikonoxxi dan il-kontribut billi jinvestiha bl-unur ta' Ġieħ in-Nadur.

Matul is-seklu dsatax kienu bosta dawn il-persuni, awturi, poeti u rumanziera li rreferaw għan-Nadur, jew anke kitbu xogħlijiet sħaħ li jitkellmu dwar dan il-lok, b'dak kollu li jinsab ġewwa fih. Il-letteratura hija mod mill-aktar indikattiv u rappreżentattiv tal-qagħda psikoloġika tal-komunità li minnha hija tintiseġ, iżda hija wkoll aġent ta' bidla li taħdem fuq is-sub-konxju u l-konxju tal-mentalità kollettiva. Huwa ta' min jinkoraġġi kull kitba u studju li jitratta l-letteratura, għax hija tifforma lill-poplu li jinteraġixxi magħha.

**Errata corrige għat-tielet parti ta' dan l-artiklu li dehret fil-ħarġa Luminaria li għaddiet:**

Il-frażi 'Il-ħolqien jitbissem' ġiet magħżula wara riċerka minn Mary Portelli li ddisinjat u ħadmet ukoll il-mużajk li llum jinsab imwaħħal mal-faċċata tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

3 *Karmena Iktibli Poeżija*, (Nadur, 1998), 175.

4 Ibid., 178.
5 Ibid., 179.
6 Ibid., 180.

Kenneth Grima

# BAĦRIN NADURIN LI AVVANZAW FL-ISTUDJI TAGĦHOM FIL-QASAM MARITTIMU (IL-ĦDAX-IL PARTI)

## IL-FAMILJA CAMILLERI (TA' XKORA JEW TAL-BAŻOLLI)

Fit-22 ta' Novembru 1918, ġranet biss wara li spiċċat il-Gwerra, Indrija ħa x-xogħol abbord l-**S.S. Clematis**, vapur ta' 344 pied (105 metri) irreġistrat North Shields l-Ingilterra. Fuq dan il-vapur huwa ħadem ta' Second Mate, grad inqas mir-rank tiegħu. Fuq il-lista tal-ekwipaġġ insibu nota li tgħid li uffiċċjala fir-rank ta' Second Mate ma sabux. Allura minħabba li Indrija Camilleri kellu ċertifikati ta' rank akbar kellu jaħdem hu f'dan ir-rank sabiex il-vapur ikun jista' jsiefer. Il-paga kienet ta' dsatax-il lira u nofs fix-xahar u magħhom kellu tliet liri oħra fix-xahar *War Bonus*[1]. Imma l-Gwerra kienet spiċċat le? Iva veru, għalkemm il-Gwerra kienet spiċċat milli jidher l-ekwipaġġi xorta baqgħu jingħataw dan il-Bonus mas-salarju tagħhom.

Dam kważi sena abbord, fil-fatt spiċċa f'Ottubru tal-1919. F'dawn il-ħdax-il xahar il-vapur żar dawn id-diversi portijiet: Swansea f'Wales, Ġibiltà, Savona fl-Italja fejn qattgħu l-Milied 1918 u l-Ewwel tas-Sena 1919, Oran fl-Alġerija, Ġibiltà, il-gżira St Vincent fl-arċipelagu Cape Verde fl-Oċean Atlantiku, u Montevideo fl-Urugwaj.

Ġara li hawn damu xahar u għaxart ijiem fil-port. Dan għaliex fil-port li kien imisshom imorru, Buenos Aires fl-Arġentina, kien hemm strajk u kellhom jistennewh jintemm. Ladarba ġie kollox għan-normal, minn Montevideo telqu għal Buenos Aires u wara Villa Constitution (port tal-qamħ) fl-Arġentina, Montevideo fl-Urugwaj, il-gżira St Vincent tal-Cape Verde, Londra, Barry u Cardiff ġo Wales u Ġenova fl-Italja. Minn hemm il-vjaġġ ħadhom fil-Punent tal-Afrika fejn daħlu Lomè fit-Togo u Warri fin-Niġerja. Hawn il-**Clematis** imbarkat xi passiġġieri. Minn hemm telqu lejn Las Palmas fil-Gżejjer Canary, u fl-aħħar Liverpool fejn spiċċa dan il-vjaġġ twil[2].

Fil-bidu fuq il-**Clematis** ma' Indrija Camilleri kien hemm Fireman (xogħlu jimpala l-faħam fil-boilers tal-vapuri), ċertu Ġużepp Debono[1] mill-Qala bil-laqam **Taċ-Ċikk**. Wara biss jumejn abbord, qabel ma telqu minn Swansea, dan ma ħassux sewwa u wara li tniżżel minn fuq il-vapur miet fl-età ta' 33 sena. Meta Indrija Camilleri wasal lura n-Nadur f'Novembru 1919, il-mara ta' Ġużepp bagħtet lit-tfal tagħha fejnu ħalli tara x'sar mill-ġisem ta' żewġha[3]. Ġużepp Debono ġie midfun fi Swansea f'Novembru tal-1918. Xi neputijiet ta' Ġużepp Debono llum joqogħdu n-Nadur.

Inħallu ftit għall-ġenb il-karriera tiegħu, Indrì kien iħobb ikanta fuq l-orgni tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur. Niftakar lil nannti tgħid li missierha flimkien mal-Arċipriet Dun Anton Camilleri u tnejn oħra min-Nadur kienu jkantaw fuq l-orgni u sadattant l-Arċipriet kien joqgħod jiftaħ u jagħlaq il-bieb tal-Knisja sabiex min ikun qiegħed barra jisma' effett sabiħ tal-kant u mużika tal-orgni. Milli jidher dak iż-żmien kien hawn xi kantant Malti li kienu jġibuh ikanta hawn fil-knisja tan-Nadur f'xi okkażjonijiet li kien jismu jew jgħidulu 'Faċċi'. B'xi mod jew ieħor lil Indrija kienu jqabbluh miegħu u mhux darba jew tnejn li għajtulu "Faċċi". Iżda kif kienet tgħid in-nanna ma tantx kien iridha ta' 'Faċċi' għax kien jieħu għalih!

Minn Novembru tal-1919, Indrì beda jsiefer fuq il-baħar mal-iskejjen tal-inbid Maltin tal-aħwa Coleiro. Għall-bidu kien fir-rank ta' *Secondo* (Chief Mate) abbord l-iskuna **Sant' Antonio**[4], immexxiha mill-Kaptan Giuseppe Azzopardi, kaptan qsajjar li kien joqgħod Birkirkara[5]. Din kienet skuna mibnija fl-1911 f'Oneglia fl-Italja u kellha tunellaġġ gross ta' 160 tunellata. Kienet twila 99 pied (30.2 metri). Sakemm Indrì kien f'dan ir-rank, bejn Novembru 1919 u Diċembru 1920, l-iskuna għamlet erba' vjaġġi[6].

Dawn marru darbtejn Alicante fi Spanja, darba Tuneż fit-Tuneżija u darba oħra Souda Bay fil-gżira Griega ta' Kreta. Kull vjaġġ kien jieħu minn xahrejn għal xahrejn u nofs – ma ninsewx li l-iskejjen kienu bil-qlugħ u ma kellhomx magni, jiġifieri kollox jiddependi mir-riħ. Fuq vjaġġ wieħed, normalment din l-iskuna kienet tgħabbi 188 tanbur tal-inbid u xi oħrajn biż-żejt taż-żebbuġa għalkemm fuq vjaġġ partikolari tgħabbew 209 btieti bl-inbid[7].

Interessanti li l-ekwipaġġ ta' disa' min-nies, inkluż il-Kaptan, kien iżomm żewġt iklieb abbord[8]. Kien hemm minn tal-inqas baħri wieħed min-Nadur abbord, Anġlu Borg **Tad-Dobra**. Jiena ċert li kien hemm iktar baħrin min-Nadur, imma sfortunatament id-dokumenti ma jagħtu l-ebda dettalji dwar il-bqija tal-ekwipaġġ ħlief l-isem u l-kunjom, u allura jkun diffiċli li nidentifika eżatt min tkun il-persuna.

Fl-ewwel ta' Jannar tal-1921 Andrea Camilleri ħa l-kmand tas-**Sant'Antonio** u l-bqija tat-tmienja ekwipaġġ u siefru lejn Alicante[9]. Ġabu kunsinja ta' 209 btieti tal-inbid u erbgħa biż-żejt taż-żebbuġa. Waslu lura Malta fis-26 ta' Marzu 1921[10].

Minn Lulju sa Ottubru 1921 ħadem bħala *Secondo* ta' skuna oħra ta' Coleiro li kienet ftit akbar mis-**Sant' Antonio**. Din kienet l-iskuna **Vittoria**, b'tunellaġġ ta' 223 u tul ta' kważi 103 piedi (31.4 metri). Il-vjaġġ kien sa Alicante u lura ġew mgħobbija b'111-il tanbur inbid. Din kienet l-unika darba li Indrija ħadem abbord il-**Vittoria**[11].

Filwaqt li Indrija kien il-Kaptan tas-**Sant' Antonio**, traġedja tolqot il-**Vittoria**. Fis-7 ta' Diċembru 1923 waqt li din kienet 'il barra mill-kosta ta' Sardenja, f'maltempata qalila għerqet u ħadd ma rnexxielu jsalva, inkluż il-Kaptan Sqalli. Magħha ntilfu erba' baħrin min-Nadur – Anġlu Borg ta' 52 sena u ibnu Ċensu ta' 24 sena **Tad-Dobra**, u Pawlu Meilak ta' 40 sena u ibnu Anġlu ta' 17-il sena. Mumenti u ġrajjiet xejn sbieħ għall-familji tagħhom u anki għall-bqija tan-Nadur. Il-Gvern Malti ġie akkużat li ħalla din l-iskuna Maltija ssiefer b'Kaptan Sqalli li ma kellu l-ebda ċertifikat marittimu u li jitħallas bi ftit paga, b'detriment lill-Kaptana Maltin li kienu ċertifikati skont il-bandiera Ingliża[12].

Wara li Indrija Camilleri ħadem fuq il-**Vittoria** fl-1921 huwa reġa' lura bħala Kaptan tas-**Sant' Antonio** fejn għamel xi vjaġġi oħra lejn Alicante fi Spanja u Kalamata fil-Greċja fl-1922. Hawn inġabu fuq 177 bettija tal-inbid kull darba u xi żejt taż-żebbuġa[13].

Fit-23 ta' Novembru tal-1922 ġie rreġistrat vapur tal-istim ġdid għall-Flotta Merkantili Maltija. Dan kien jismu **S.S. Pontypool**[14]. Inbena fl-1918 mill-kumpanija Lobnitz Co. Ltd f'Renfrew fl-Iskozja għall-Flotta Navali Ingliża (ir-Royal Navy) taħt l-isem ta' HMS Pontypool. It-tip ta' bastiment kien ta' minesweeper (vapur li jneħħi l-mini – bombi fil-baħar). Dan il-vapur b'żewġ magni (bl-Ingliż twin screw) kien twil 230 pied (70.1 metri), tunellaġġ gross ta' 815 u sidu kienet il-kumpanija Maltija The Anglo-Maltese Steamship Company.


THE ANGLO-MALTESE STEAMSHIP COMPANY.

FOR TUNIS DIRECT.

The s.s. "Pontypool" is due to leave for above mentioned port on or about Thursday 11th instant.

Has room for cargo and accommodation for passengers.

Agents, Degiorgio & Azzopardi
225, Strada Mercanti.

Silta mill-gazzetta Daily Malta Chronicle tal-11 ta' Jannar 1923.
Sors: NLM (National Library of Malta)

L-ewwel kaptan tal-**Pontypool** bħala vapur merkantili kien il-Kaptan Indrì[14], kif kienu jafuh dak iż-żmien. Bħal kull kaptan ieħor, huwa ġie mniżżel fiċ-Ċertifikat tar-Reġistru ta' dan il-bastiment. F'dan iċ-ċertifikat ġie nnotat ukoll li dan il-vapur kien itella' veloċità ta' 16 knots (knots huma mili tal-baħar fis-siegħa – 16 knots ekwivalenti għal 30 kilometru fis-siegħa) – din kienet veloċità tajba immens għall-bastimenti ta' dak iż-żmien meta tqis li vapuri oħra tal-merkanzija kienu kapaċi jtellgħu biss nofs din il-veloċità! Il-**Pontypool** kien jaħdem bejn Malta u t-Tuneżija

F'Mejju tal-1923 il-Kaptan Indrì kien kmand tal-vapur l-ieħor tal-istess kumpanija – **S.S. Dorry**[15], bastiment antik ta' erbgħin sena mibni l-Belġju fl-1882 b'tul ta' 229 pied (69.7 metri) u tunellaġġ ta' 928 tunellata. L-**S.S. Dorry** kien jaħdem bħall-**Pontypool** bejn Malta u Tuneż imma ġieli kien jitla' wkoll lejn Sirakuża u Augusta fi Sqallija. F'April tal-1924 Indrija Camilleri kien iċ-Chief Mate tad-**Dorry**[16]. Dakinhar kienu fil-port ta' Tuneż meta l-vapur inħakem minn xi nirien fl-istiva tal-faħam li kien jintuża bħala fuel għall-vapur![17]

Mid-9 ta' Ġunju 1924, il-Kaptan Indrì kien kaptan tal-vapur **S.S. Taurus**. Dan il-vapur kien irreġistrat Londra u nbena ġewwa Leith fl-Iskozja mill-kumpanija Ramage and Ferguson Co. Ltd fl-1880. Kien twil 166 pied (50.6 metri) u t-tunellaġġ tiegħu kien ilaħħaq il-229 tunellata. Bejn l-1921 u l-1922 il-vapur kien jaħdem bejn Malta u Tuneż għall-ġarr tal-passiġġieri u anki għall-operazzjonijiet ta' salvataġġ ta' bastimenti fuq il-baħar. Imma aktarx li mill-1922 sal-1924 dan il-vapur ma ħadimx u għalhekk kien biss sorġut il-Port il-Kbir.

Indrì u l-ħmistax-il membru tal-ekwipaġġ tiegħu ngaġġaw abbord it-**Taurus** u ħaduh Napli fl-Italja. Huma żbarkaw Napli fis-16 ta' Ġunju. Il-paga tal-Kaptan Indrì għal dan il-vjaġġ kienet ta' ħmistax-il lira fix-xahar – nofs lira kuljum[18].

Kif l-ekwipaġġ tat-**Taurus** żbarka bdew vjaġġ ieħor lejn Malta, din id-darba bħala passiġġieri. Minn Napli qabdu t-triq lejn Sirakuża ġewwa Sqallija, fejn waslu l-għada is-17 ta' Ġunju, bl-eżatt sabiex jaqbdu vapur lejn Malta. Il-vapur kien l-S.S. Ljubljana, il-vapur tal-passiġġieri li kellu Gasan. Fuq dan il-vapur, il-kabini tal-Kaptan Indrì u l-Inġinier Francis Charles Muscat kienu kabini tat-Tieni Klassi, filwaqt li l-kabini tal-bqija tal-baħrin, kok u firemen kienu tat-Tielet Klassi. Huma waslu lura Malta fit-18 ta' Ġunju 1924.[19]

Il-Kaptan Indrija wasal id-dar tajjeb biex laħaq iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa, l-Imnarja. Chev. Joseph M. Said O.S.J. fl-artiklu tiegħu "L-Imnarja tal-Imgħoddi" fir-rivista 'L-Imnarja 2008' isemmi li "l-Kaptan Andrea Camilleri min-Nadur ukoll, kien ħareġ £12 12s 0d għal 18,000 bomba" tal-musketterija. Nistgħu ngħidu li l-paga li ħa minn abbord l-aħħar vapur tiegħu użaha kollha u aktar għal dawn il-bombi tal-musketterija. Wara dan il-vjaġġ ta' ġimgħa abbord it-**Taurus**, Indrija Camilleri baqa' jaħdem Kaptan fuq l-iskejjen tal-qlugħ tal-aħwa Coleiro fil-Mediterran. Fosthom insibu l-**Massimo Padre**[20] mibni Castellammare di Stabia fl-Italja fl-1886, b'tul ta' kważi 90 pied (27.3 metri) u tunellaġġ gross ta' 125 tunellata, u l-**Giuseppe Padre**[21], mibni fl-1909 f'Torre del Greco l-Italja. Kellu fuq 112-il



Silta mill-gazzetta Daily Malta Chronicle tal-11 ta' Jannar 1923.
Sors: NLM (National Library of Malta)

pied tul (34.2 metri) u tunellaġġ totali ta' 198. Ma' dawn inżidu s-**Sant' Antonio**[22] li diġà semmejna.

Fost il-portijiet li kienu jsiefru nsibu Cagliari[23] fil-gżira ta' Sardenja, Alicante[24] fi Spanja, Sirakuża[25] u Licata[26] fi Sqallija, Katakolon[27] u Kalamata[28] fil-Greċja, Candia[29] fil-gżira ta' Kreta, u l-gżira Griega Cephalonia[30]. Huma aktarx li kienu jużaw xi ġebel tal-franka bħala saborra (bl-Ingliż ballast – jintuża' għal stabbiltà tal-vapuri) u kienu jieħdu tanburi tal-inbid vojta. Lura lejn Malta mbagħad kienu jġibu l-inbid.

Ġeneralment abbord kienu jkunu bejn disgħa u għaxra min-nies u kienu jinkludu ħafna Għawdxin fosthom baħrin min-Nadur u minn Għajnsielem. Apparti l-istromu (ta' fuq il-baħrin – il-Bosun) u l-baħrin, il-Kaptan Indrì kien ikollu Chief Mate jew *Secondo* u ġieli anki xi apprentisti li kienu jitgħallmu sabiex iġibu ċertifikati ta' uffiċċjala għal fuq il-baħar[31].

Fit-2 ta' Ġunju 1929 huwa żżewweġ lil Carmela Portelli, **Tas-Sufarina**. Għalkemm hu kien joqgħod fil-Pjazza tan-Nadur f'numru 10, wara li żżewweġ mar joqgħod fi Triq San Blas. Huma kellhom żewġt ibniet, Marija u Roża li t-tnejn li huma baqgħu joqogħdu f'din it-triq.

Karmena, il-bużnanna tiegħi, kemm-il darba marret il-Port il-Kbir miegħu fuq l-iskejjen tal-qlugħ. Kienet tgħid li kull filgħaxija kien jiġbor il-baħrin tiegħu u jgħidu r-rużarju flimkien[32]. Din kienet użanza antika tal-baħrin Maltin ġejja tal-inqas sa minn żmien il-Kavallieri.




Silta mill-gazzetta Daily Malta Chronicle tal-11 ta' Jannar 1923.
Sors: NLM (National Library of Malta)

Kienet tirrakkonta kif darba l-iskuna li kien biha Indrija kienet sejra minn Malta lejn il-Greċja u l-maltemp li qabadhom tefagħhom lejn Lixandra, l-Eġittu[33]. Kemm-il darba kien jasal id-dar minn fuq il-baħar u lil martu jgħidilha kemm irmew inbid il-baħar minħabba l-maltemp.[34] Din kienet issir biex l-iskuna teħfief u hekk inaqqsu r-riskju li jegħrqu.

In-nannu tiegħi Wiġi Grima kien jirrakkonta li meta kien baħri fuq il-vapur **R.F.A. Tideflow** fl-aħħar tas-snin ħamsin, vapur Ingliż tar-Royal Fleet Auxiliary (l-R.F.A.), iltaqa' ma' ċertu baħri jismu Leone, minn Bormla, u li xogħlu kien ta' Deck Store Keeper. Bit-**Tideflow**, minn Malta kienu sejrin Alicante. Leone beda jirrakkonta lil Wiġi kif l-ewwel darba li mar Alicante kienet ma' skuna tal-qlugħ li l-kaptan tagħha kien kaptan Għawdxi, ċertu Kaptan Indrì. Kif qal hekk Wiġi malajr urieh li dan kien missier martu! Leone kompla jgħid li fil-vjaġġ lejn Alicante sabu riħ tajjeb u ħa erbat ijiem, daqs kemm fil-fatt damu sejrin huma bit-**Tideflow**. Imma minn Alicante għal Malta huma damu ġejjin xahar! Ma sabu riħ ta' xejn u għalhekk l-iskuna ma setgħetx timxi bħal qabel. Wiġi malajr saqsieh x'kienu jieklu! U Leone b'daħka qallu ħut milli jaqbdu, gallett u inbid!

Dawk iż-żminijiet il-mezzi ta' komunikazzjoni kienu jkunu ftit li xejn, speċjalment għal dawn l-iskejjen tal-qlugħ! Għalhekk l-użanza għal dawn is-sidien, l-aħwa Coleiro, kienet li kull filgħodu joħorġu jimxu sal-ponta tal-breakwater tan-naħa tal-Belt jittawlu fix-xefaq forsi jilmħu xi qlugħ ta' xi skuna minn tagħhom[35]. Għalihom il-breakwater kien il-mezz, jew wieħed mill-ftit mezzi, ta' kif jistgħu jirċievu aħbarijiet tal-flotta tagħhom!

Fl-1935 u 1936 il-Kaptan Andrea Camilleri kien kaptan tal-iskuna **Massimo Padre**[36], skuna oħra bl-istess isem imma aktar ġdida. Din kellha kobor ta' 201 tunellata u tul ta' 110 piedi (33.5 metri).

Fl-ewwel ta' Frar 1936, huwa wasal Malta b'din l-iskuna minn Kalamata fil-Greċja[36]. Meta ma kienx ikun fuq il-baħar, Indrì kien iħobb jitla' l-Pjazza tan-Nadur jgħid kelma ma' dak u mal-ieħor. Xħin kien isir il-ħin kien jaqbad it-triq lura d-dar fi Triq San Blas bil-mixi. Il-mara tiegħu Karmena kienet tkun tistennieh fil-bieb tad-dar u kif tilmħu fin-naħa ta' fuq tat-triq hija kienet tibgħat lit-tifla l-kbira Marija, nannti, tiġri fejnu. Kienet tgħidilha, "Mur, ġej it-Tata." (Kelma antika flok Papà) Hu kien jerfagħha u jibqa' nieżel biha sad-dar[37].

Iżda fl-24 ta' Frar 1936 Indrija ma refagħhiex lit-tifla u l-mara tiegħu tħassbet. Xħin daħal id-dar qalilha li ma jħossux sewwa. Ħall iċ-ċintorin, imtedd fuq is-sodda u f'kemm trodd salib, sakemm Karmena lestietlu xi ħaġa, ħalliena[37]. Il-Kaptan Andrea Camilleri miet ħesrem kawża t'attakk tal-qalb fl-età ta' 56 sena.

(Endnotes)

1. MHA (Maritime History Archives, University of Newfoundland, Canada), Clematis O.N. 109887 Crew Lists and Agreements 1919

2. Guildhall Library, London, UK – Lloyd's List "Clematis" 1919

3. Rakkont mgħoddi lili minn Karmena Borg ta' Triq San Blas in-Nadur – Ġużepp Debono n-nannu tagħha.

4. NAM (National Archives of Malta), CUS L440

5. NAM, MFA01, 0543/1917. Il-Kaptan Giuseppe Azzopardi twieled Bormla fl-1848 u kien twil 4 piedi u 10 pulzieri.

6. NAM, CUS L440, L444, L448 u L451

7. NAM, CUS K1237

8. NAM, CUS K1217

9. NAM, CUS L453

NAM, CUS K1237

NAM, CUS K1250 u NLM (National Library of Malta), Lloyd Maltese 1921

NLM, Daily Malta Chronicle ta' 18 ta' Diċembru 1923 paġna 12 u Daily Malta Chronicle ta' 21 ta' Diċembru 1923 paġna 12.

NLM, Lloyd Maltese 1922

Certificate of British Registry S.S. Pontypool O.N. 152043

NAM, CUS L460

NAM, CUS L470

Guildhall Library, London, UK – Lloyd's List "Dorry" 1924

MHA, Taurus O.N. 81644 Crew Lists and Agreements 1924

NAM, CUS K1315

NAM, CUS L475

NAM, CUS L507

NAM, CUS L488

NLG (National Library of Gozo), Lloyd Maltese 1925

NAM, CUS L497

NAM, CUS I56

NAM, CUS I64

NAM, CUS L502

NAM, CUS I57

NLG, Lloyd Maltese 1925

NAM, CUS I57

NAM, CUS L506

Rakkont mgħoddi lili minn nannti Marija Grima, imwielda Camilleri, bint il-Kaptan Andrea Camilleri

Rakkont mgħoddi lili minn Mary Ann Muscat, neputija tal-Kaptan Andrea Camilleri

Rakkont mgħoddi lili minn nannti Marija Grima, imwielda Camilleri, bint il-Kaptan Andrea Camilleri

Rakkont mgħoddi lili mis-Sur Tony Coleiro, tal-familja Coleiro

NAM, CUS I64

Rakkont mgħoddi lili minn nannti Marija Grima, imwielda Camilleri, bint il-Kaptan Andrea Camilleri

Konsultazzjonijiet oħra: Mercantile Navy List 1919 u 1923.

Lloyd's Register – Sailing Vessels 1930-1931.

Garden of Eden
Health and Beauty Salon
GUINOT
INSTITUT • PARIS
Eden M Galea
ITEC Diploma (U.K.) Specialised beauty therapist
"Garden of Eden", Hida Street, Nadur, Gozo Tel: 2155 8170 Mob: 7955 8170
Tixtieq tawgura l-Festa t-Tajba lin-Nadurin kollha

All Kinds of Furniture
Wooden Apertures According to CE Standards
HEIRLOOM FURNITURE
Mr. Michael Camilleri
Managing Director
Heirloom Furniture Ltd.
N.B. Off Qortin Street,
Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 21556954 Mobile: 99866682
e-mail: info@heirloominteriors.com
website: www.heirloominteriors.com
Parquet Flooring
Certified Firedoors Exova Warringtonfire Certificate No. WF 186793

Dr Coronato Grech MD

# Xi logħob ta' dari tat-tfal u x-xjenza ta' warajh

(Il-ħames parti) LOGĦOB BIL-KARTI

Il-karti ġeneralment huma komuni fid-dar u mhux għaġeb li t-tfal isibu x'jivvintaw bihom[1]. Fost l-iktar popolari kien hemm (u għad baqa' xi ftit): ħamiema, ajruplani, faqqusi, vapuri u raddiena tal-karti.

## Il-ħamiema tal-karti:

Biex tibda l-ħamiema tal-karti trid issib karta strazza, jew aħjar għax iktar soda u b'saħħitha, dik tax-xkejjer tas-siment, b'daqs ta' madwar 24 pulzier (30 ċentimetru) kwadru. Wara li xxaqqaq qasba, tieħu lista minnha, daqs ta' kantuniera s'oħra tal-karta. Imbagħad irid isir il-qaws (jew 'qamar') ukoll tal-qasab u marbut bi spag, u daqs minn kantuniera s'oħra. Trid ukoll biċċiet tal-karti u l-kolla. Ftit dqiq u ilma, u t-tiżliġa tiġi kollha effettiva ħafna. Imbagħad twaħħal kollox mal-karta l-kbira. Id-denb, li jkun twil mhux ħazin, bejn sitta u għaxar piedi, huwa magħmul minn strixxi tal-karti mwaħħla ma' xulxin jew anke magħmul minn ħoloq tal-karti ġo xulxin. Aktarx li jkun hemm tnejn jew tlett idnub. Fil-kantunieri ta' barra ġieli jitwaħħlu strixxi oħra (pinen). Dawn ikunu isbaħ jekk ikunu tal-karti tal-kulur li kienu jinxtraw xi sold jew tnejn ir-romblu. Imma mhux b'saħħithom ħafna.

Il-ħamiema tittajjar bi spag jew ħajt oħxon. Kif dan jitwaħħal mal-ħamiema kien hemm metodu apposta li fuqu jiddependi ħafna kemm tkun stabbli. Jekk dan ma jkunx sew, il-ħamiema għandha ħabta ddur dawra tond bla kontroll ma' daqsxejn żiffa jew riħ qawwi.

Biex tittella', il-ħamiema tal-karti trid tinġibed għal ġor-riħ (mingħajr ebda żiffa, ebda ħamiema ma' ttir) u l-aħjar post kieku huwa fuq il-bejt. Imma bit-tifel miexi lura jħares attent lejn il-ħamiema, dan huwa wkoll post ferm perikoluż. Bir-raġun dak it-tħambiq tal-ġenituri, zijiet u nanniet. Traġedji ġraw. Peró b'riħ tajjeb ħamiema tista' tittella' minn kważi kullimkien.

Il-ħamiema aktarx li kienet tittella' b'kemm hemm spag, għalkemm bil-liġi ma tistax tittella' iktar minn 50 metru (150 pied).[2] U meta, f'kundizzjonijiet tajba, taqbad iż-żiffa soda ta' hemm fuq, kapaci tibqa' stabbli u grazzjuża għal żmien twil. Kultant kien jintbagħtilha 'telefon', biċċa karta mdaħħla fl-ispaga, li meta taqbad ir-riħ, titla' sal-ħamiema.

*Xjenza.* Il-principju li bih ittir il-ħamiema tal-karti huwa l-istess bħal kull ħaġa li ttir, inkluż il-ġwienaħ tal-għasafar u l-ajruplani. Meta l-ħamiema, miġbuda minn spaga qed tħares immejla għal ġor-riħ, dan jaħbat magħha u jimbuttaha 'l fuq. Fl-stess ħin il-veloċitá tar-riħ in-naħa t'isfel tkun iktar minn dik tan-naħa ta' fuq, u dan inaqqas il-pressa tal-arja ta' fuq il-ħamiema, u allura din titla' (ara stampa).




L-ewwel użu ta' ħamiema tal-karti għax-xjenza kien fil-1749, meta l-Iskoċċiż Alexander Wilson uża waħda biex ikejjel it-temperatura tal-arja f'livelli differenti. Ftit wara, fil-1752, l-Amerikan Benjamin Franklin għamel esperiment ferm iktar famuż u perikoluż. Huwa ried jipprova li l-beraq huwa forma ta' elettriku. (esperimenti bl-elettriku, inkluż xrar, kienu ġodda dak iż-żmien). Għalhekk tella' ħamiema tal-karti b'virga fuqha, in-naħa t'isfel, ħdejh mal-spaga mxarrba, għamel muftieħ u forma ta' batterija primittiva. Franklin, li dejjem kellu xortih tajba[3], irnexxielu jniżżel ftit xrar. L-esperiment

---

1 Il-fatt li dari ma kienx hemm ħafna ġugarelli lesti tax-xiri (u ċertament inqas u inqas il-logħob virtwali u diġitali tal-lum) kien ta' vantaġġ kbir, għax it-tfal jagħtihom inċentiv biex jivvintaw il-ġugarelli huma stess; u b'kull ma jsibu: karti, ċraret, spag, ħoloq, qasab, irkiekel, injam, kartun, eċċ., eċċ.

2 Id-drones tal-lum mhux suppost li jittajru iktar minn 60 metru 'l fuq, u bil-permess. U mhux li javviċinaw żoni privati.

3 Franklin, barra li kien xjentist kien ukoll kittieb, pubblikatur, diplomatiku, inventur, (mill-esperiment tal-ħamiema għamel dak l-arblu tal-metal fuq il-bjut għolja għal kontra s-sajjetti) u ċajtier. Wieħed mill-kotba inqas famużi tiegħu jġib l-isem *Fart Proudly.* U lit-tifel tiegħu tah parir li jiżżewweġ mara ikbar minnu, għax kif qallu: '*she would be soever grateful*'.

ma qatlux (qatel li dawk li kkuppjawh).

## Ajruplani tal-karti:

Kien hemm żewġ tipi. L-ewwel wieħed, iktar ikkumplikat, kien magħmul minn żewġ karti separati – ġeneralment paġni ta' skritt. Ma nafx kif kien isir u qatt ma rnexxieli nagħmel wieħed, imma finalment kellu forma ta' T. Biex ittajru kull ma trid titfgħu waħda bis-saħħa u jekk tkun tefgħa tajba aktarx li jdur fit-tond sa ma jinżel bil-mod. L-ieħor, eħfef biex tagħmlu, u iktar erodinamiku, kien il-ġett (jet). Kulma trid karta, aħjar daqsxejn iebsa, bħal qoxra ta' skritt, titwija min-nofs għat-tul, u terġa' titwi biex tagħmel trianglu fuq quddiem, u terġa' titwija biex toħroq il-gwienaħ simetriċi. Jekk titfgħu naqra saħħa kapaċi jtir b'moviment sabiħ (speċjalemt għal barra mit-tieqa tal-klassi!). U biex suppost itir aħjar, konna nonfħulu naqra nifs sħun fuq il-ponta. Ma hemm ebda prinċipju tax-xjenza għal din il-proċedura, imma għalina donnu kien itir aħjar!

Strettament, l-ajruplan tal-karti, itir u jitla' 'l fuq fl-ewwel ftit sekondi meta għadu miexi bis-saħħa muskulari tal-imbuttatura. Wara jinżel bħala glajder.

*Xjenza.* Biex ajruplan (u dak ta' veru b'daqshekk toqol!) itir, jeħtieg bażikament żewġ kundizzjonijiet: forma ta' saħħa biex jimxi 'l quddiem, u għamla speċjali tal-ġwienaħ.

Is-saħħa biex jimxi 'l quddiem tiġi mill-magni (magni ta' skrejjen, jew magni jet) jew fil-każ tal-ajruplan tagħna tal-karti, mis-saħħa tal-muskoli.

Il-movimenti tal-arja madwar oġġetti kien studjahom fid-dettal ħafna, inkluż dettalji matematiċi, l-Ollandiż-Svizzeru Daniel Bernoulli (1700-82). Huwa studja fost l-oħrajn, x'jiġri meta l-arja tgħaddi minn forma bħal ġewnaħ ta' ajruplan, li huwa lixx isfel u fit-tond fuq. Huwa sab li l-arja tgħaddi b'veloċitá ikbar min- naħa ta' fuq milli taħt. Dan jirriżulta f'inqas pressa ta' arja fuq il-ġewnaħ milli isfel, bir-riżultat li l-pressa iktar għolja ta' taħt ittella' l-ġewnaħ 'l fuq. Dan l-istudju, u iktar, għamluh ukoll fil-prattika l-aħwa Amerikani Orville u Wilbur Wright, li fil-1903 tajru l-ewwel ajruplan.

Xħin jitlef is-saħħa, l-ajruplan tal-karti (jew glajder bin-nies, li jittella' minn ajruplan ieħor) jibda nieżel bil-mod, miġbud mill-gravitá tad-dinja, li jirreżistiha bil-mod meta l-arja taħbat miegħu minn taħt. Finalment jinżel.

## Faqqusi:

Konna nagħmluhom l-iktar għall-aħħar tas-sena skolastika, meta l-għalliema kienu jqassmu lura xi skritti li nkunu ħażżiżna matul is-sena. Biex tagħmel faqqusa, taqbad paġna, titwija għat-tul, terġa' titwi, u ddaħħal it-trufijiet ġo xulxin sa ma tiġi pjuttost żgħira. Imbagħad, in-naħa ta' fuq ittaqqab toqba b'naqra bżieq u ftit grif bid-difer. Ġo din it-toqba tonfoħ nifs sa ma l-faqqusa tintefaħ u titla'. Issa lesta.

Biex tisparaha tagħtiha nefħa tal-aħħar ħalli tkun mimlija sewwa bl-arja, tpoġġiha xi mkien fuq l-iebes, (l-aħjar wara xi ħadd bi kwietu!), u tagħti daqqa ta' ponn bis-saħħa preċiż fuq it-toqba. Jekk id-daqqa tkun sew ikun hemm sparatura qawwija u l-karti jitgħaffġu u jitqattgħu. Jekk ma tolqothiex sew, ma tantx ikun hemm ħoss, tweġġa' l-ponn, u jieħu gost minn kien suppost se jieħu qatgħa!.

*Xjenza*. Għaliex faqqusa tispara? Meta tagħtiha daqqa, il-moviment tal-ponn jippressa f'daqqa l-arja magħluqa ġewwa li mbagħad tippressa l-karta li peress li hija dgħajfa tixpakka u titqatta'. L-arja li toħroġ bis-saħħa, timbotta l-arja ta' madwarha, u dan il-moviment u l-ieħor biex terġa' lura jagħmel il-ħoss[4]. Faqqusa hija allura eżempju ta' implużżjoni. Iktar komuni huma każijiet ta' esplużżjoni (jew splużżjoni) fejn, bħal fil-murtal, reazzjonijiet kemikali jagħmlu ħafna sħana u gassijiet li jespandu f'daqqa, iqattgħu l-kartun u jitferrxu.[5]

## Vapuri tal-karti:

Biex tagħmel vapur jew dgħajsa tal-karti hu daqsxejn ikkumplikat. Daqsxejn ta' origami. Tibda b'karta kwadra ta' ġnub kemm trid, madwar 20 ċm sew. Tibda titwi għal kemm- il darba (ħin minnhom tiġi qisha kappell) imma bi ftit brim u manuvri joħrog fatta ta' vapur bil-pruwa, poppa u kamra tan-nofs f'forma triangulari. Fl-ilma huwa stabbli għal ftit minuti, almenu sakemm il-qiegħ jixxarrab imbagħad jegħreq.

*Xjenza.* Ix-xjenza ta' vapur tal-karti ma tantx hija kkumplikata. Wara kollox il-karti huma ħfief u f'kull forma jgħumu f'wiċċ l-ilma. Imma xi tgħid għall- vapur tal-metal, ta' tant tunnellati, li jżomm f'wiċċ l-ilma?

Bażikament ir-raġuni hija l-Prinċipju ta' Arkimede[6] li jgħid

---

4 Kif jiġri fil-każ ta' beraq u ragħad, meta l-arja tespandi f'daqqa bis-sħana tal-berqa u terġa lura fit-tgerwid ta' ragħda.

5 Eżempji ta' 'splużżjonijiet' żgħar kemikali kienu il-kapsi li konna nixtru għall-ġugarelli, bħal *revolvers* (li kienu realistiċi ħafna) u *rocket* (li titfagħha 'l fuq, iddur l-isfel għal rasha, u tispara malli taħbat mal-art). Ir-riħa tad-duħħan kienet pjaċevoli.

6 Arkimede (287-212 QK) kien probabbli l-ikbar matematiku u inventur tad-dinja antika. Meta darba r-re ssuspetta li kuruna tad-deheb li ordna kienet forsi mħallta b'metalli oħra, huwa xtaq lil Arkimede jara hux veru, mingħajr imma ma jħollha. Arkimede dam ħafna jaħseb. Darba meta niżel fil-banju induna li l-ammont ta' ilma li jfawwar jiddependi

li oġġett, meta mpoġġi fl-ilma, jiġi mbuttat 'il fuq b'forza li hija daqs il-piż tal-ilma li l-oġġett imbotta madwaru. Issa jekk l-oġġett huwa, bħal vapur, f'forma ta' qoxra kbira fil-biċċa l-kbira vojta, din twarrab ħafna ilma u allura l-forza 'l fuq hija daqs il-forza 'l isfel tal-gravitá. B'hekk il-vapur jgħum fil-wiċċ. Fi kliem ieħor id-densitá tal-vapur kollu hija inqas minn dik tal-istess volum ta' ilma. Jekk il-vapur imma jimtela' bl-ilma d-densità tiġi daqs jew iktar mill-ilma, u jegħreq.

## Raddiena tal-karti:

Kien hemm mill-inqas żewġ tipi. Waħda sempliċi ħafna: biċċa kartuna maqtugħa tawwalija, forsi madwar 4 ċm tul u 1 ċm wiesa'. Preċiż fin-nofs iddaħħal labbra tal-bizzilla (preferibbilment dik bir-ras kbira kkulurita) u mbagħad twaħħalha ma' biċċa qasba jew injama. U biex in-naħa ta' wara ma jaħbatx, titpoġġa żibġa tal-loghob tal-bniet; jew inqas iġenika imma forsi iktar komuni, redusa (li aħjar għandha ftit żmien biex tkun daqsxejn niexfa u kważi bla riħa!). U ovvjament biex ir-raddiena iddur u tgħaqqad, iddawwar kollox għal ġor-riħ. (jew twaħħalha ma' pinnur)[7].

Ir-raddiena l-oħra tinvolvi naqra origami, imma finalment tkun iktar ikkumplikata, b'erba' pali bil-ponta....u ħafna isbaħ. Ġieli kien hemm minnhom tal-plastik lesti għall-bejgħ: ikkuluriti, ibbilanċjati u isbaħ (u sintendi mingħajr redusa!).

*Xjenza*. Ix-xjenza tar-raddiena tar-riħ ma tantx hija kkumplikata. Ir-riħ (jew aħjar żiffa) jaħbat mal-pali, li peress li huma daqsxejn mibrumin, ir-riħ jimbotta iktar lejn naħa milli oħra. In-naħa l-oħra jiġri l-oppost bir-riżultat li ż-żewg forzi jgħinu lil xulxin u r-raddiena iddur. U sa ċertu punt[8], iktar ma hemm riħ iktar iddur.

***Fil-ħarġa li jmiss: Tromba, Muftieħ u Moħriet***

---

mid-densitá u allura mill-volum tal-ħaġa fl-ilma. Bil-ferħ ta' din l-inspirazzjoni u skoperta, jingħad li ħareġ għarwien jiġri mat-toroq jgħajjat il-famuża "Ewreka"! Il-kuruna kienet fil-fatt imbagħbsa. Arkimede miet intortament meta Sirakuża, fejn kien jgħix u ddefendieha b'ħafna invenzjonijiet, ġiet mirbuħa mir-Rumani. Suldat Ruman, li ra lil Arkimede mitluf jistudja figuri ġeometirici, u ma rrispondiehx meta għajatlu, mar fuqu u qatlu (kontra l-ordnijiet, għax il-ġeneral Ruman kien jammira lil Arkimede).

7 Ma' pinnur aktar kienet titwaħħal raddiena tal-qasab b'erba' pali; jew anke tal-metall. Imma dan iktar huwa xogħol il-kbar.

8 Li lil hemm minnu kollox itir mar-riħ.

Ta' Pulitu

*We stock a wide range of top quality chocolates, biscuits and cakes. Our speciality is English, Welsh and local cakes. Why not personalize your celebration cake with a picture of your own choosing printed on rice paper.*

*Open Wednesday - Sunday from 8.30am - 11.30am*

13th December Street, Nadur • Tel: **2156 5556 • 2755 9566 • 7955 9566**



HAIR ILLUSIONS

Unisex Hair cutting & colour

106A, Church Street,
Nadur, Gozo.

Tel: 2155 2180


Il-Festa
t-tajba
lin-Nadurin kollha!

# Pjazzetta Hardware Store

Dun Martin Square - Nadur • Tel: 2155 6498

**Best Quality**
**Lowest Prices**

Jawgura l-Festa t-Tajba lin-Nadurin kollha.

# ĠANNI U ĠEMMA

*ta'*

# ORIENTAL FASHION WEAR

Triq Diċembru 13, Nadur

*Jixtiequ l-Festa t-Tajba lill-Poplu Naduri*

• Footwear • Underwear • Latest Fashions

# TERENCE

*BOUTIQUE* *STATIONERY*

- Underwear
- Shoes
- Clothes
- Postal Services
- Mobiles
- Toys
- Colour Photocopy
- Greeting Cards
- Newspapers

and much more

*DECEMBER 13TH STREET, NADUR TEL:* **2155 1666**

# VOGUE

*ta'*

*Pjazza San Pietru u San Pawl,*
*Nadur*

*Jawgura l-festa t-tajba lin-Nadurin kollha.*

# BERNANDY SUPERMARKET

**Your Shop - Your Choice**

**Pjazza Dan Martin Camilleri - Nadur - Gozo** **Tel: 2156 5546**

NADUR PHARMACY
Clinics
Consultants in attendance
Beauty Therapist
IPL: Intense Pulse Laser Hair Epilation

PRALINES CONFECTIONERY



Accepts orders for Baptism, Holy Communion, Confirmation Parties etc.
You can now choose to have the photo of your choice on your cake made out of rice paper choclate or icing sugar.

46, MADRE GEMMA CAMILLERI STREET, NADUR GOZO TEL: 21565909 MOB: 99552337
www.facebook.com/pralinesconfectionery



L & R Car Hire
Rita Camilleri

Gudja Street, Għajnsielem, Gozo
www.lrcarhiregozo.com
LRCarHire@hotmail.com
Res. Tel: 21553455 Mob: 99486392

Pierre Vella
Gypsum Work & Interior Finishing
9921 4669
pierre.vella@hotmail.com
Pierre Vella Gypsum Work & Interior Finishing

- Flat Ceilings
- Bulk Heads
- Coving
- Partitions
- Soffits
- Gypsum Fireplaces & Wall Units
- Plastering & Painting
- Wallpaper Installation
- Parquet Laying
- Tile Feature Walls

HOME INTERIOR DECORATIONS




Specialize in:
Vertical & RollerBlinds, Suffit Ceilings, Insect Screens & Gypsum Partitions.




Lino C. Camilleri
"Lirose Ville"
Piju Cellini Street,
Nadur, Gozo.

Tel: 2156 0752
Mob: 7956 0752
Mob: 7756 0752
Email: lirose@onvol.net

# XITA FIN-NADUR

| IT-TEMP FIN-NADUR M | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | JANNAR | FRAR | MARZU | APRIL | MEJJU |
| L-IKTAR JUM SĦUN (oC/Jum) | 16.1/18 | 18.9/2 | 21.1/8 | 27.0/23 | 24.1/29 |
| L-IKTAR JUM KIESAĦ (oC/Jum) | 8.6/4 | 10.0/24 | 12.6/27 | 14.2/8 | 16.5/6,16 |
| L-IKTAR LEJL SĦUN (oC/Jum) | 12.8/18 | 12.8/2 | 14.4/8 | 15.5/23 | 16.1/29 |
| L-IKTAR LEJL KIESAĦ (oC/Jum) | 4.9/4 | 3.3/23 | 10.1/21 | 8.5/8 | 12.5/6 |
| MEDJA TAL-OGĦLA TEMPERATURA (oC) | 12.70 | 13.49 | 15.87 | 17.05 | 19.53 |
| MEDJA TAL-INQAS TEMPERATURA (oC) | 9.22 | 9.64 | 11.92 | 13.14 | 14.34 |
| TEMPERATURA MEDJA (oC) | 10.96 | 11.56 | 13.90 | 15.09 | 16.93 |
| L-IKTAR BUFFURA QAWWIJA (kmh/Jum) | 85 - 14 | 105 - 24 | 88 - 12 | 66 - 8 | 63 - 5,6 |
| *JIEM BIX XITA (mm) | 20 | 8 | 4 | 8 | 9 |
| JIEM BIR-RAGĦAD | 2 | 5 | 1 | 1 | 4 |
| L-AKTAR JUM BIX-XITA (mm/Jum) | 9.8/9 | 21.8/23 | 29.0/21 | 15.2/5 | 9.2/16 |
| XITA MATUL IX-XAHAR (mm) | 56.2 | 54.0 | 57.4 | 26.6 | 28.8 |
| JIEM BLA XEMX | 1 | 1 | 1 | 3 | 0 |
| TOTAL TA' SIGĦAT TA' XEMX | 179.4 | 194.6 | 254.7 | 245.8 | 328.2 |
| MEDJA TA' SIGĦAT TA' XEMX KULJUM | 5.79 | 6.95 | 8.22 | 8.19 | 10.59 |
| *Jiem li fihom għamlet xita Traċċa (inqas minn 0.1 mm) mhumiex inklużi | | | | | |
| Total ta' xita matul l-2019: 524.0 mm (20.63 pulzieri) | | | | | |
| Joe Meilak: 01/01/2020 | | | | | |
| jmeilak@yahoo.com | | | | | |

| IT-TEMP FIN-NADUR M | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | JANNAR | FRAR | MARZU | APRIL | MEJJU |
| L-IKTAR JUM SĦUN (oC/Jum) | 17.3/25 | 17.4/11 | 20.4/14 | 22.9/28 | 29.3/14 |
| L-IKTAR JUM KIESAĦ (oC/Jum) | 11.7/6 | 12.4/7 | 12.8/26 | 13.3/3 | 19.3/7 |
| L-IKTAR LEJL SĦUN (oC/Jum) | 13.8/25 | 14.1/4 | 13.8/2 | 15.8/20 | 19.9/16 |
| L-IKTAR LEJL KIESAĦ (oC/Jum) | 8.3/3 | 8.2/7 | 8.3/26 | 11.2/4 | 14.7/9,27 |
| MEDJA TAL-OGĦLA TEMPERATURA (oC) | 14.75 | 15.46 | 15.75 | 18.65 | 22.88 |
| MEDJA TAL-INQAS TEMPERATURA (oC) | 11.59 | 11.99 | 11.82 | 13.81 | 17.29 |
| TEMPERATURA MEDJA (oC) | 13.17 | 13.73 | 13.78 | 16.27 | 20.09 |
| L-IKTAR BUFFURA QAWWIJA (kmh/Jum) | 56 - 5,6 | 95 - 5 | 79 - 25 | 58 - 3 | 68 - 3 |
| *JIEM BIX XITA | 5 | 0 | 10 | 4 | 2 |
| JIEM BIR-RAGĦAD | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 |
| L-AKTAR JUM BIX-XITA (mm/Jum) | 11.6/13 | - | 8.6/30 | 6.4/4 | 3.0/27,30 |
| XITA MATUL IX-XAHAR (mm) | 19.8 | 0.0 | 33.6 | 8.8 | 6.0 |
| JIEM BLA XEMX | 0 | 0 | 1 | 1 | 0 |
| TOTAL TA' SIGĦAT TA' XEMX | 194.9 | 274.6 | 205.9 | 294.7 | 379.2 |
| MEDJA TA' SIGĦAT TA' XEMX KULJUM | 6.29 | 9.47 | 6.64 | 9.82 | 12.23 |
| *Jiem li fihom għamlet xita Traċċa (inqas minn 0.1 mm) mhumiex inklużi | | | | | |
| Total ta' xita matul l-2020: 390.0 mm (15.35 pulzieri) | | | | | |
| Joe Meilak: 01/01/2021 | | | | | |
| jmeilak@yahoo.com | | | | | |

## MATUL IS-SENA 2019

| JJU | ĠUNJU | LULJU | AWWISSU | SETTEMBRU | OTTUBRU | NOVEMBRU | DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1/29 | 34.6/9 | 35.6/9 | 34.3/11 | 29.2/13 | 26.6/2 | 24.2/6 | 21.5/3 |
| /6,16 | 20.3/2 | 25.0/16 | 27.9/17 | 24.6/10 | 20.9/27 | 16.3/25 | 11.4/29 |
| 1/29 | 25.6/10 | 26.7/9 | 25.8/8,13 | 23.9/20 | 22.2/2 | 19.5/16 | 16.8/3 |
| .5/6 | 15.7/2 | 20.6/16 | 23.2/1 | 19.2/11 | 16.0/28 | 12.2/12 | 6.7/30 |
| .53 | 28.53 | 29.50 | 30.54 | 26.89 | 23.89 | 19.93 | 16.92 |
| .34 | 21.45 | 23.63 | 24.54 | 22.46 | 19.65 | 15.54 | 13.58 |
| .93 | 25.05 | 26.56 | 27.54 | 24.68 | 21.77 | 17.73 | 15.25 |
| - 5,6 | 47 - 14 | 63 - 16 | 63 - 14 | 74 - 2 | 64 - 8 | 79 - 12 | 101 - 14 |
| 9 | 0 | 1 | 1 | 7 | 10 | 13 | 7 |
| 4 | 0 | 0 | 0 | 4 | 9 | 4 | 2 |
| 2/16 | - | 2.8/16 | 0.6/29 | 14.2/2 | 24.8/7 | 38.4/11 | 14.4/31 |
| 3.8 | Traċċa | 2.8 | 0.6 | 36.4 | 96.2 | 123.6 | 41.4 |
| 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 |
| 8.2 | 405.3 | 431.5 | 397.7 | 295.5 | 243.7 | 197.5 | 183.8 |
| .59 | 13.51 | 13.92 | 12.83 | 9.85 | 7.86 | 6.58 | 5.93 |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |

## MATUL IS-SENA 2020

| JJU | ĠUNJU | LULJU | AWWISSU | SETTEMBRU | OTTUBRU | NOVEMBRU | DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3/14 | 32.0/30 | 33.3/30,31 | 34.9/15 | 30.3/10,23 | 30.6/3 | 22.1/4 | 20.2/5 |
| .3/7 | 21.7/1 | 25.3/7 | 26.8/5 | 24.0/28 | 18.9/28 | 17.6/21 | 13.2/27 |
| 9/16 | 22.3/30 | 25.6/31 | 26.3/1 | 24.8/8 | 23.6/3 | 18.5/5 | 16.6/5 |
| /9,27 | 17.1/1 | 21.2/8,10 | 22.8/7 | 18.2/14 | 13.4/28 | 12.9/29 | 9.3/27 |
| .88 | 25.49 | 29.24 | 30.37 | 27.33 | 22.77 | 19.93 | 16.84 |
| .29 | 19.78 | 22.88 | 24.68 | 22.86 | 18.71 | 16.42 | 13.04 |
| .09 | 22.64 | 26.06 | 27.53 | 25.10 | 20.74 | 18.18 | 14.94 |
| - 3 | 79 - 5 | 61 - 4,5 | 50 - 4 | 72 - 14,27 | 61 - 12,13 | 56 - 20 | 68 - 12 |
| 2 | 0 | 0 | 0 | 5 | 7 | 13 | 14 |
| 1 | 0 | 0 | 0 | 4 | 3 | 10 | 5 |
| 27,30 | - | - | - | 72.4/14 | 17.4/19 | 40.2/25 | 17.2/12 |
| .0 | Traċċa | 0.0 | 0.0 | 101.2 | 37.0 | 107.6 | 76.0 |
| 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 4 | 0 |
| 9.2 | 407.6 | 427.6 | 405.9 | 269.3 | 257.0 | 202.5 | 195.6 |
| .23 | 13.59 | 13.79 | 13.09 | 8.98 | 8.29 | 6.75 | 6.31 |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |

# XITA FIN-NADUR

Dan huwa l-ammont ta' xita f'millimetri li tkejlet fin-Nadur mill-1 ta' Diċembru 2020, sal-31 ta' Mejju, 2021:

| **DIĊEMBRU 2020** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| 2 | 6.2 | 252.0 |
| 3 | 2.4 | 254.4 |
| 4 | 1.2 | 255.6 |
| 6 | 0.6 | 256.2 |
| 7 | 0.6 | 256.8 |
| 9 | 5.2 | 262.0 |
| 10 | 1.0 | 263.0 |
| 11 | 4.0 | 267.0 |
| 12 | 17.2 | 284.2 |
| 19 | 1.4 | 285.6 |
| 20 | 16.6 | 302.2 |
| 21 | 6.2 | 308.4 |
| 26 | 0.6 | 309.0 |
| 27 | 12.8 | 21.8 mm (12.67 pulzieri) |

**TOTAL: 76.0 mm (2.99 pulzieri)**

| **JANNAR 2021** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| 1 | 0.2 | 322.0 |
| 2 | 12.4 | 334.4 |
| 3 | 6.6 | 341.0 |
| 4 | 6.4 | 347.4 |
| 8 | 0.8 | 348.2 |
| 9 | 0.2 | 348.4 |
| 12 | 1.0 | 349.4 |
| 13 | 1.0 | 350.4 |
| 14 | 1.2 | 351.6 |
| 15 | 0.4 | 352.0 |
| 16 | 9.2 | 361.2 |
| 17 | 2.4 | 363.6 |
| 18 | 0.4 | 364.0 |
| 23 | 0.2 | 364.2 |
| 26 | 3.2 | 367.4 |
| 27 | 1.4 | 368.8 |
| 28 | 7.0 | 375.8 |
| 31 | 0.2 | 376.0 mm (14.80 pulzieri) |

**TOTAL: 54.0 mm (2.13 pulzieri)**

| **FRAR 2021** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| 2 | 2.8 | 378.8 |
| 13 | 1.6 | 380.4 |
| 14 | 0.2 | 380.6 mm (14.98 pulzieri) |

**TOTAL: 4.6 mm (0.18 pulzieri)**

| **MARZU 2021** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| 8 | 2.8 | 383.4 |
| 10 | 1.6 | 385.0 |
| 16 | 4.6 | 389.6 |
| 18 | 9.8 | 399.4 |
| 20 | 0.8 | 400.2 |
| 21 | 2.0 | 402.2 |
| 22 | 0.6 | 402.8 |
| 23 | 3.4 | 406.2 mm (15.99 pulzieri) |

**TOTAL: 25.6 mm (1.01 pulzieri)**

| **APRIL 2021** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| 5 | 1.4 | 407.6 |
| 19 | 0.4 | 408.0 mm (16.06 pulzieri) |

**TOTAL: 1.8 mm (0.07 pulzieri)**

| **MEJJU 2021** | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|
| Traċċa | 408.0 mm (16.06 pulzieri) |

**Noti**:

- Għal darb'oħra, l-istaġun tax-xita ma tantx kien tajjeb. Wara bidu tajjeb f'Settembru meta niżlu aktar minn 100 mm xita, Ottubru tana biss 37.0 mm li jiġu inqas minn pulzier u nofs. L-ewwel nofs ta' Novembru kien kompletament xott iżda mbagħad ġabar ġieħu u tana fuq 100 mm xita fl-aħħar ġimagħtejn tiegħu. F'Diċembru u Jannar ma tantx morna ħażin, iżda minn Frar 'l hemm prattikament ma kellniex xita għajr 25.6 mm (pulzier) li niżlu f'Marzu, għax f'April kellna biss 1.4 mm, u traċċa biss f'Mejju.

- Bħala temperaturi, dawn bejn wieħed u ieħor kienu normali u ma kien hemm l-ebda temperaturi estremi f'dawn is-6 xhur.

**Joe Meilak** – 01/06/2021 Nadur Weather Observatory
**e-mail:** ***jmeilak@yahoo.com***